AWWISSU 2023

ĦARĠA NRU. 073




RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

# Werrej


| | |
|---|---|
| 5 | Editorjal |
| 7 | Aħbarijiet |
| 15 | Reazzjonijiet, Ittri, Ideat |
| 18 | L-Intervista \| P. Charlò Camilleri |
| 21 | L-Intervista \| Mario Griscti |
| 23 | L-intervista \| Anthony Aquilina |
| 26 | L-Intervista \| Adam E. Holton |
| 31 | Rakkont ta' Emmanuel Attard Cassar |
| 32 | Kitba ta' Victor V. Vella |
| 34 | Yana Psaila dwar Francysk Skaryna |
| 35 | Murakami bil-Malti |
| 36 | *Ġrajjiet il-Kliem Qadim u Tekniku* |
| 37 | Enċiklopedia ta' Tagħlim Nisrani |
| 39 | Letteratura Karkariża ta' Wayne Farrugia |
| 41 | *I miei giorni con Benedetto XVI* |
| 42 | Manuel Schembri u l-Kitba Tiegħu |
| 45 | Il-Poeżija mill-Pinna tal-Maltin |
| 51 | Versi Lil Hinn minn Xtutna |
| 54 | Minn Fuq l-Ixkaffa |



メンズ館に「ロフト」
名鉄百 改装計画
「無印良品」も増床
名鉄百貨店は6日、今春
営業収益、8期連続減
総合小売り苦戦
来年1月に
理念、10周年

# Editorjal

PATRICK SAMMUT

Sa minn meta jkollhom ftit xhur, bosta tfal minn tagħna jingħataw mobile jew tablet biex ngħaddulhom iż-żmien jew biex iħalluna ftit bi kwietna. Għalhekk sa minn bikri f'ħajjithom jibdew jgħixu l-istejjer u n-narrattivi tagħhom permezz tal-iscreen li mpoġġulhom quddiemhom, stejjer u narrattivi li aħna konna nġarrbu f'kuntatt mal-ktieb, mar-rivista, jew mal-komik fi żmien meta l-internet, it-teknoliġija, il-midja soċjali u l-logħob elettroniku konna għadna lanqas biss ħlomna bihom. It-tfal u ż-żgħażagħ illum il-ħin kollu jaqraw bil-mod tagħhom: jgħaddu sigħat twal ta' kuljum mhux quddiem is-sett tat-televiżjoni kif konna nagħmlu aħna, sigħat twal li matulhom tgħallimna t-tielet lingwa, it-Taljan, li llum intilfet fost il-ġenerazzjonijiet żgħażagħ, imma wiċċhom imkaħħal mal-iscreen jaraw videos qosra, jaqraw u jibagħtu messaġġi telegrammatiċi, jirrekordjaw u jpartu bejniethom messaġġi vokali fejn jesprimu ħsibijiet, u emozzjonijiet diversi. U dan matul il-jum kollu. Wieħed jistaqsi: Fejn marret l-imħabba għall-ktieb? It-tfal u ż-żgħażagħ tal-lum għad għandhom sabar u ħin biex jaqraw imqar novella qasira, rumanz? Kemm huma dawk li jaqbdu ktieb ta' stejjer jew rumanz qasir bil-Malti u jaqrawh? Kemm huma dawk li jippreferu jaqraw bl-Ingliż? X'qed isir min-naħa tal-għalliema tal-lingwi u tal-letteratura sabiex inisslu l-imħabba lejn il-qari? U kemm qed jagħtu spazju u ħin matul il-ġimgħa skolastika l-kurrikuli u s-sillabi sabiex l-istudenti tagħna, uliedna, jiddedikaw iktar ħin lill-qari, joqorbu iktar lejn il-letteratura lokali u anki dik barranija, jitgħallmu japprezzaw dan il-wirt li fih wara kollox ma hemm xejn jekk mhux il-ħajja tal-bniedem fi żminijiet u kuntesti differenti?

Dar fejn ma tarax ktieb b'nemes żgur mhux se tgħin sabiex l-ulied jitħajru jaqraw. Pajjiż li moħħu biss fit-tkabbir ekonomiku u jqiegħed fil-ġenb suġġetti bħalma huma l-lingwi, il-Letteratura, il-Filosofija, u l-Istorja żgur mhux se jgħin fil-ġenerazzjoni ta' poplu li jaħseb b'moħħu u li jħaddem il-ħsieb kritiku u kreattiv. U dan jidher lokalment min-nuqqas kbir, anzi l-kważi assenza totali ta' ħwienet tal-kotba serji li jiffukaw fuq il-bejgħ tal-ktieb, xejn iktar.

Min-naħa l-oħra ma nistgħux ngħidu li pajjiżna huwa nieqes minn inizzjattivi ta' kull tip li jheġġu lil min hu interessat biex jaqra, jikteb, jippubblika x-xogħlijiet kreattivi tiegħu, jittraduċi f'ilsienna xogħlijiet letterarji ta' fama dinjija. Qed isir ħafna xogħol minn entitajiet bħall-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Akkademja tal-Malti, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, l-għaqdiet diversi tal-Malti, il-libreriji pubbliċi, ċerti individwi fil-qasam tar-radju u tat-televiżjoni, l-istess pubblikaturi u kittieba lokali, fost oħrajn.

Is-sajf huwa l-istaġun meta bosta minn uliedna jkunu bil-vaganzi, mela huwa l-istaġun meta matulu jkunu jistgħu jiddedikaw iktar ħin għall-qari. U llum kotba bil-Malti hawn minn fejn tagħżel kemm trid. Bħalma hawn ukoll kotba b'ilsna oħra li jistgħu jaqraw, sa minn età bikrija. Jonqos l-inkuraġġiment tal-ġenituri, tal-ħbieb bejniethom stess, tal-għalliema, tal-awtoritajiet ikkonċernati. Poplu li jaqra huwa poplu intellettwalment matur. INĦEĠĠU LIL ULIEDNA U LIŻ-ŻGĦAŻAGĦ ISIBU IKTAR ĦIN GĦALL-QARI.

Wieħed ta' min ifakkar li l-kitbiet li jiġu ppubblikati f'IL-PONT mhux bilfors jirriflettu l-ħsieb u l-opinjoni tal-Editur.


hello
TIPPA S

# Aħbarijiet

## MID-DINJA LETTERARJA

### ALFRED PALMA JINGĦATA ONORIFIĊENZA MILL–AMBAXXATA TALJANA




Alfred Palma u l-E.T. Fabrizio Romano

Alfred Palma, poeta, kittieb u traduttur, fil-15 ta' Marzu 2023 ġie onorat bit-titlu ta' 'Cavaliere dell'Ordine della Stella d'Italia', f'digriet iffirmat mill-president Taljan Sergio Mattarella, f'Diċembru tal-2021. Dan l-unur ingħata uffiċjalment lil Palma mill-Ambaxxatur Taljan għal Malta, Fabrizio Romano, matul ċerimonja privata qasira li saret fl-Ambaxxata Taljana fil-Furjana. Din l-onorifiċenza tingħata lil awturi, poeti, kittieba u tradutturi li, permezz tax-xogħol letterarju tagħhom jippromwovu l-letteratura Taljana u jxerrduha fuq livell internazzjonali. Palma ngħata din l-onorifiċenza għat-traduzzjoni tiegħu mit-Taljan għall-Malti tad-*Divina Commedia* ta' Dante, li rat id-dawl bħala pubblikazzjoni għall-ewwel darba fl-1991, u tletin sena wara fl-2021. Għal din it-traduzzjoni, ikklassifikata bħala l-iktar waħda leali għall-oriġinal fost it-traduzzjonijiet tad-*Divina Commedia* kollha miġjubin f'ilsna Ewropej, Palma fl-imgħoddi kien onorat ukoll f'Ravenna bil-Lauro Dantesco (2008), f'Malta permezz tal-Medalja tal-Qadi tar-Repubblika (2009), u bit-titlu ta' 'Cavaliere di Sicilia' mis-Società Esperantista (2020).

### IT-TIENI KONFERENZA ANNWALI TAL-APPUNTAMENTI MAR-RIĊERKA



Il-konferenza annwali tal-Appuntamenti mar-Riċerka li fiha tkellmu studenti tal-Masters u dottorandi tad-Dipartiment tal-Malti saret nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju 2023 fl-Aula Magna

tal-Valletta Campus. Il-kelliema f'din it-tieni konferenza annwali kienu Raffaello Bezzina ("Is-Suffissi"), Kelly Saliba ("Il-Kwalitajiet Emerġenti fin-Novella Maltija tal-Bidu tas-Seklu 21"), Romario Sciberras ("Il-Lingwaġġ Newtrali dwar il-Ġeneri fil-Malti: Perspettivi Poststrutturalisti"), Jessica Micallef ("Il-Ġeneru tal-Esej fil-Kitba Maltija"), Joseph Buttigieg ("Ir-Rappreżentattività f'Korpus Ġeneriku: Missjoni Impossibbli?"), u Clare Azzopardi ("Lejn Silenzji Varji. Silenzji fin-Narrattiva Maltija Post90"). Mexxiet il-konferenza l-koordinatriċi tal-Appuntamenti mar-Riċerka, Justine Somerville.

### IMNIEDI KTIEB DWAR RUŻAR BRIFFA



Paul P. Borg flimkien ma' Joseph Borg

Nhar il-5 ta' Ġunju 2023 tnieda l-ktieb ta' Paul P. Borg *Fejjaqtni Int - Ružar Briffa u Jien* li fih insibu minjiera ta' tagħrif ġdid fuq wieħed mill-aqwa poeti liriċi ta' pajjiżna. Il-ktieb tnieda f'serata letterarja organizzata mill-awtur flimkien mal-Akkademja tal-Malti u l-Għaqda tal-Malti - Università taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta fil-Palazz ta' Sant'Anton u biha tfakkar għeluq is-60 sena mill-mewt ta' Ružar Briffa. Fil-ktieb Paul P. Borg jinseġ ġrajja dwar ir-relazzjoni kmieni f'ħajtu mal-Poeta liriku Ružar Briffa, li kien idewwih meta kien għadu tifel. Jirrakkonta l-ġrajja tal-vjaġġ li mexa mat-Tabib u jiskopri l-esperjenzi koroh li ġarrab il-Poeta fi tfulitu. F'dil-mixja l-awtur qiegħed jixħet dawl ġdid fuq Ružar Briffa bħala riċerkatur tal-Istorja tal-Mediċina f'Malta u fuq iż-żmien li qatta' l-Poeta jispeċjalizza bħala Dermatologu fl-Ingilterra u qalb il-lebbrużi fl-Indja. Hu inkluż ukoll tagħrif ġdid dwar il-qrubija ta' Ružar bħala poeta żagħżugħ mal-Poeta Nazzjonali u fuq it-testment li Dun Karm ħalla f'idejn Ružar Briffa liż-żgħażagħ Maltin. Fuq kollox l-awtur ifittex it-tweġibiet misturin fil-ħajja tat-Tabib-Poeta.

### IMNEDIJA ĠABRA TA' POEŻIJI TA' MARIA GRECH GANADO FIR-RABAT

Nhar l-10 ta' Ġunju 2023, fil-Mużew ta' Wignacourt fir-Rabat, ġiet imnedija l-ġabra ta' poeżiji *The Bell* (Kotba Calleja, 2023) ta' Maria Grech Ganado. F'din il-ġabra ta' poeżiji ġdida l-poetessa tikteb dwar imħabba, solitudni, il-fidi u ċelebrazzjoni, filwaqt li timmedita dwar il-fluss tal-ħajja bil-waqtiet kemm ta' dlam kif ukoll ta' dawl. Tesprimi anki dawk il-mumenti ta' frustrazzjoni meta permezz tal-kelma tipprova tikkomunika u ma jirnexxilhiex. Din il-pubblikazzjoni kienet megħjuna finanzjarjament mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.



Maria Grech Ganado mal-kittieba Trevor Żahra, Rita Saliba u Ġorġ Mallia
[Ritratt Glen Calleja]

### IMNEDIJA ĠABRA TA' NOVELLI FIL-BELT VALLETTA

Nhar is-16 ta' Ġunju 2023 filgħodu, fis-Soup Kitchen, il-Belt Valletta, saret it-tnedija tal-ġabra ta' stejjer *Bid-Daqquqa* tal-kittieb Noel Cachia. Dan hu ktieb ieħor bl-ideal 'Nikteb u Ngħin'. L-attività kienet miftuħa għal kulħadd u dawk interessati setgħu jakkwistaw kopja għal donazzjoni ta' €3.00 biss. Id-dħul kollu għadda lis-SOUP KITCHEN. Għal dawk li ma kinux preżenti għat-tnedija u jixtiequ kopja jistgħu jikkuntattjaw lill-awtur fuq facebook jew permezz ta' email, noel.cachia01@gmail.com



Patri Marcellino Micallef, Noel Cachia u l-Prof. Raymond Mangion

### LAQGĦA MAL-KITTIEBA MARTHA COOLEY FL-ARKIVI NAZZJONALI TA' MALTA

Nhar it-23 ta' Ġunju 2023 l-Arkivi Nazzjonali ta' Malta organizzaw diskussjoni mal-awtriċi tal-ktieb *The Archivist*, Martha Cooley. Is-sit magħżul kien fiċ-ċentru ewlieni tal-Arkivi Nazzjonali fi Triq Santu Spirtu, ir-Rabat. Il-parteċipanti fil-panel ta' diskussjoni kienu: il-Prof. Martha Cooley stess, Dr Charles J. Farrugia, Arkivista Nazzjonali, il-Prof. Ġorġ Mallia, Kap tad-Dipartiment tal-Midja u Komunikazzjonijiet fl-Università ta' Malta, u Marica Camilleri, studenta dottorali fid-Dipartiment tal-Librerija, Informazzjoni u Xjenzi Arkivjali fl-Università ta' Malta. Martha Cooley hija l-awtriċi ta' tliet rumanzi: *The Archivist*



Waqt mis-serata ddedikata lill-awtriċi Martha Cooley
[Ritratt: Joseph Amodio mill-paġna Facebook tal-Arkivji Nazzjonali ta' Malta]

(1998), *Thirty-Three Swoons* (2005), maqlub u ppubblikat anki bit-Taljan, u *Buy Me Love* (2021). *Guesswork* (2017), huwa ktieb li jieħu l-għamla ta' memoir-esejs u jiffoka fuq sena li hija għaddiet f'Lunigiana, fl-Italja. Il-kitba tagħha dehret ukoll f'bosta rivisti letterarji u r-rakkont tagħha "Mercedes Benz" rebaħ il-premju O. Henry fl-2017. Għandha wkoll traduzzjoni (flimkien ma' Antonio Romani) tal-ktieb *Time Ages in a Hurry* (2015) ta' Antonio Tabucchi. Hija għallmet il-letteratura u l-kitba kreattiva fl-Università ta' Adelphi, u għal 15-il sena għallmet fil-Bennington Writing Seminars, bħala parti mill-Programm Masters fil-kitba kreattiva fil-Kulleġġ Bennington.

## FRANK ZAMMIT MILL-AWSTRALJA BĦALA MISTIEDEN SPEĊJALI TAL-ASSOĊJAZZJONI ESPRIMI



Frank Zammit intervistat minn Patrick Sammut waqt il-lejla

Nhar is-27 ta' Ġunju 2023 l-Assoċjazzjoni EspRimi tellgħet serata oħra ta' qari ta' poeżiji u rakkonti qosra. Għal din il-laqgħa attenda l-mistieden speċjali Frank Zammit, awtur Malti-Awstraljan li ħareġ bosta ġabriet tal-poeżija bil-Malti u qaleb għall-Ingliż il-poema ta' Dun Karm Psaila, *Il-Jien u Lil Hinn Minnu*. Dr Patrick Sammut intervista lil Frank Zammit.

## TNEDIJA TA' ĠABRA TA' ĦAJKU F'ĦAŻ-ŻABBAR

Nhar it-30 ta' Ġunju fis-sala tal-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar saret it-tnedija tal-ġabra ta' ħajku *Nerfgħek b'Qalbi* ta' Amanda Busuttil. Matul il-lejla ħadu sehem numru ta' persuni u ħbieb tal-poetessa. L-artist u eks għalliem Louis Casha tkellem dwar il-qoxra tal-ktieb ta' Amanda Busuttil u kif jintrabat mal-ħajku tal-poetessa. Patrick Sammut u Wayne Farrugia qraw żewġ riflessjonijiet mill-pinna tagħhom dwar il-ħajku ta' Busuttil. Il-mużiċista u kantanta Amy Borg ipprovdiet l-intervalli mużikali permezz tad-daqq tal-pjanu u leħenha. Din it-tnedija kienet abbinata mal-wirja artistika mimlija lwien u forom intitolata "Photo Manipulations" tal-kittieb u poeta Charles Casha li kienet miftuħa għall-pubbliku fl-istess sit f'Ħaż-Żabbar.



Waqt mit-tnedija tal-ktieb ta' Amanda Busuttil

## REBBIEĦA TAL-PREMJU STREGA 2023

Nhar is-6 ta' Lulju 2023, l-awtriċi Ada D'Adamo rebħet is-77 edizzjoni tal-Premju Strega 2023, il-premju letterarju l-iktar prestiġjuż fl-Italja, permezz tal-ewwel rumanz tagħha, xogħol awtobijografiku, *Come d'aria* (pubblikat minn Elliot). Bl-istess rumanz D'Adamo rebħet ukoll l-10 edizzjoni tal-Premio Strega Giovani. Ir-rumanz hu dwar it-trobbija ta' tifla li tbati minn diżabbiltà gravi, u anki dwar kif l-omm tibqa' tieħu ħsiebha anki jekk hi stess timrad. Ada D'Adamo mietet fl-1 ta' April 2023 ftit jiem wara l-kandidatura tagħha għall-Premju Strega. Dan tagħha ġie deskritt bħala rakkont ta' forza u verità straordinarji. Ada d'Adamo kellha 55 sena u apparti l-kitba, kienet ukoll żeffiena. Ir-raġel tagħha, Alfredo Favi, irtira l-premju f'isem martu. Fit-tieni post ġiet Rosella Postorino bir-rumanz *Mi limitavo ad amare te* (Feltrinelli), fit-tielet post Andrea Canobbio bir-rumanz *La traversata notturna* (La nave di Teseo), fir-raba' post Maria Grazia Calandrone għal *Dove non mi hai portata* (Einaudi), u l-ħames post mar għal Romana Petri għax-xogħol tagħha *Rubare la notte* (Mondadori).



Ada D'Adamo (1967-2023)

## L-INAWGURAZZJONI TAL-EWWEL POETA LAWREAT TA' MALTA



[Ritratt minn www.ktieb.org.mt]

Nhar il-11 ta' Lulju 2023, l-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta George Vella, laqa' fil-Palazz ta' Sant'Anton lill-ewwel Poeta Lawreata ta' Malta, Maria Grech Ganado, waqt ċelebrazzjoni li fiha ġiet ippreżentata wkoll l-ewwel ġabra ta' Grech Ganado bħala Poeta Lawreata – *The Bell* – ippubblikata minn Kotba Calleja. Dan it-titlu ta' Poeta Lawreat kien ingħata lil Grech Ganado fl-2019 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, wara li l-poeta reġgħet rebħet il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-kategorija tal-poeżija. B'kollox, Grech Ganado rebħet il-Premju għall-poeżija erba' darbiet. Fl-2015 ingħatat rikonoxximent prestiġġjuż ieħor mill-KNK, il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura. Fid-diskors tagħha, Maria Grech Ganado spjegat l-importanza tal-poeżija f'ħajjitha. Qalet li l-isem *The Bell* iġorr is-simbolu tal-qanpiena, xbieha ħajja tal-ħin u l-kelma: kif il-qanpiena isservi sabiex tqassam u tiddefenixxi ż-żmien, hekk ukoll il-poeżija tartikola ż-żmien tal-bniedem. Maria Grech Ganado, imwielda fl-1943, kienet l-ewwel mara Maltija li ħadmet bħala lettur full-time fl-Università ta' Malta, fid-Dipartiment tal-Ingliż. Bejn l-1999 u l-2023 ippubblikat ħames ġabriet ta' poeżija bil-Malti u ħames oħra bl-Ingliż. Xogħolha nqaleb għal 16-il lingwa differenti. Hija ħadet ukoll il-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika ta' Malta fl-2000, u fl-2023 ingħatat Dottorat (Honoris Causa) mill-Università ta' Malta għall-kontribut tagħha lil-Letteratura Maltija.

## KUNSILL ĠDID GĦALL-AKKADEMJA TAL-MALTI

Nhar il-11 ta' Lulju 2023, inħatar il-Kunsill ġdid li se jmexxi lill-Akkademja tal-Malti għas-sentejn li ġejjin (2023-2025). Dan seħħ waqt Laqgħa Ġenerali Ordinarja li saret f'Dar l-Ewropa u għaliha attendew għadd sabiħ ta' msieħba filwaqt li oħrajn għażlu li jsegwu l-Laqgħa b'mod virtwali mill-pjattaforma ta' Zoom. Fid-diskors tiegħu bħala l-President, Dr George Farrugia saħaq fuq il-ħtieġa li l-Malti jkun imħaddem fl-oqsma kollha tal-ħajja Maltija u l-importanza li titfassal politika lingwistika nazzjonali. Huwa fisser li kull ċittadin Malti għandu d-dritt jinqeda u jitlob kull tip ta' servizz f'pajjiżu bi lsien art twelidu. Saħaq ukoll fuq il-ħtieġa li l-ġenituri jitkellmu bil-Malti ma' wliedhom sa minn età żgħira. Il-Kunsill il-ġdid huwa magħmul minn Dr George Farrugia (il-President) u Charles Bezzina, Joseph P. Borg, Joseph Buttigieg, Phyllis Debono, Javier Degiorgio, Dr Sergio Grech, Rita Saliba, Dr Manwel Schembri, Doris Zammit u Claire Zerafa. Il-karigi uffiċjali jingħataw fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill. Fi tmiem il-Laqgħa Ġenerali, Dr Sergio Grech qara r-rapport li ħejja Glen Calleja li attenda f'isem l-Akkademja għall-AGM u l-Burning Issues Forum li dis-sena kien bit-tema tal-Intelliġenza Artifiċjali bit-titlu, "To Bot or Not to Bot: Brave New World of Literature". Wara, il-membri preżenti ddiskutew numru ta' punti dwar il-qagħda preżenti tal-Malti, fost oħrajn il-ħtieġa li ċ-ċekkjatur – imwiegħed għal ħafna snin mill-awtoritajiet – ikun tassew f'idejna. Is-Sur Trevor Żahra saħaq fuq il-ħtieġa li t-tfal fil-primarja, aktar milli nħarrġuhom fil-grammatika, niżviluppawlhom kemm jista' jkun il-ħiliet tal-qari u t-taħdit bil-Malti. Membri oħra fissru t-tħassib tagħhom dwar il-fatt li l-Malti mhuwiex daqstant viżibbli fl-internet u s-Sur Dwayne Ellul semma l-ħtieġa li lit-tfal noħolqulhom logħob virtwali bil-Malti kif isir f'lingwi oħra.

## IMUT IL-KITTIEB ĊEK MILAN KUNDERA



Milan Kundera (1929-2023)

Nhar il-11 ta' Lulju 2023, f'Pariġi, ħalla din id-dinja l-kittieb Ċek, Milan Kundera. Huwa kellu 94 sena. Kiteb poeżiji, drammi, saġġi u rumanzi, inklużi *The Joke* (1967), *Life is Elsewhere* (1973), *The Unbearable Lightness of Being* (1984), *Immortality* (1988), *Ignorance* (2000), u *The Festival of Insignificance* (2014). Huwa twieled fl-1 t'April 1929 fi Brno, u studja l-mużika ma' missieru, pjanist u mużikologu magħruf, biex wara għadda għall-kitba u fl-1952 sar lettur fil-letteratura dinjija fi Praga. Għall-ewwel kien membru attiv fil-Partit Komunista imma wara tkeċċa minnu fl-1970 minħabba li emmen fil-liberta tal-espressjoni u fl-ugwaljanza għal kulħadd. Ittrasferixxa ruħu fi Franza fl-1975, biex fl-1981 kiseb iċ-ċittadinanza Franċiża, u dan wara li tilef iċ-ċittadinanza Ċeka fl-1979. Wara 40 sena 'l bogħod minn pajjiżhom, Kundera u martu Vera ngħataw lura ċ-ċittadinanza Ċeka fl-2019.

## TNEDIJA TAL-KTIEB *GĦOLJET IL-QASAB* FIĊ-ĊENTRU KULTURALI ĊINIŻ

Nhar it-13 ta' Lulju 2023 fiċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, fil-Belt Valletta, tnieda l-ktieb *Għoljet il-Qasab* tal-kittieba Ċiniża Yin Jian Ling, maqlub direttament miċ-Ċiniż għall-Malti minn Stephen Cachia. Il-lejla saret f'kollaborazzjoni bejn iċ-Ċentru Kulturali Ċiniż u d-dar tal-pubblikazzjoni Faraxa. *Għoljet il-Qasab* huwa dwar il-vjaġġ ta' tifel matul ħajtu fiċ-Ċina tal-Lvant. Waqt il-lejla ta' tnedija tkellmu d-Direttriċi




Mix-xellug għal-lemin: Anthony Aquilina, Stephen Cachia u Patrick Sammut

taċ-Ċentru Kulturali Ċiniż, Ms. Yuan Yuan, iċ-Chairman tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, is-Sur Mark Camilleri, id-Direttriċi ta' Faraxa, Joanne Micallef, u kien hemm ukoll intervent virtwali mill-istess kittieba Yin Jian Ling li rringrazzjat fost l-oħrajn lit-traduttur Stephen Cachia. Saru interventi mill-Prof. Anthony Aquilina, editur tal-Kullana Traduzzjonijiet ta' Faraxa, u anki mit-traduttur stess li tkellem dwar il-proċess tat-traduzzjoni. Dr Patrick Sammut qara xi siltiet mill-verżjoni Maltija. Wara, it-traduttur iffirma kopji tat-traduzzjoni *Għoljet il-Qasab*, u kien hemm ukoll riċeviment.

### L-AĦĦAR JIEM BIEX TIBGĦAT IL-POEŻIJA TIEGĦEK GĦALL-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA 2023

F'Ġunju li għadda l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb stieden lil poeti li jiktbu bil-Malti biex jipparteċipaw fil-ħames edizzjoni tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2023. F'dal-konkors grupp ta' aġġudikanti jinħatar kull sena mill-KNK. Il-ġurija tevalwa kull poeżija, b'mod anonimu, skont damma ta' kriterji li jħarsu lejn l-awtentiċità, l-immaġinazzjoni, id-distintività fil-vuċi, u l-użu oriġinali tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit. Ikunu ppremjati l-ewwel tliet postijiet, l-awturi tal-poeżija rebbieħa jirċievu premju ta' €1,000, u l-awturi taż-żewġ poeżiji ta' warajha jirċievu premju ta' €200 u €100 rispettivament. Ir-rebbieħa tal-konkors jitħabbru f'ċerimonja mtellgħa waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2023 li dis-sena se jsir bejn it-18 u t-22 ta' Ottubru fiċ-Ċentru Malti għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) Ta' Qali. Il-parteċipanti huma mitluba jissottomettu poeżija oriġinali waħda biss li ma ġietx ippubblikata qabel xi mkien ieħor. Il-poeżija trid tkun bil-Malti u ma taqbiżx is-36 vers. Kull applikant hu mitlub jaqra bir-reqqa r-regolamenti tal-Konkors li jinsabu ppubblikati fuq is-sit tal-KNK. L-applikazzjoni mimlija b'mod sħiħ għandha tinbagħat bil-posta flimkien ma' erba' kopji tal-poeżija sottomessa, iffirmata biss bi psewdonimu, fl-indirizz: Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef 2023, Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke PBK 1776, sa mhux aktar tard mit-Tnejn is-7 t'Awwissu 2023 f'nofsinhar. L-applikanti għandhom jibagħtu wkoll kopja tal-poeżija tagħhom permezz tal-formola tal-applikazzjoni online.

### IMUT MARC AUGÉ



Marc Augé (1935-2023)

Nhar l-24 ta' Lulju 2023 ħalla din id-dinja Marc Augé, antropologu, kittieb u filosofu Franċiż. Huwa kellu 87 sena. Jibqa' magħruf għan-neoloġiżmu "non luogo" ('non-place') li uża biex ifisser dawk l-ispazji li ma jġorrux importanza u fejn il-bniedem jibqa' anonimu ladarba ma jħossux marbut magħhom. Eżempji tipiċi huma triqat, ajruporti, ċentri kummerċjali, u lukandi. Augé għamel studju attent fejn qabbel l-impressjoni ta' dawn l-imkejjen fuq nies komuni u wħud mill-kittieba Franċiżi l-kbar. Augé twieled fit-2 ta' Settembru 1935 fi Poitiers, u jibqa' msemmi għall-ktieb tiegħu *Non-Places: Introduction to an Anthropology of Supermodernity* (1995). Kotba oħra tiegħu huma *Traversing Luxembourg Gardens* (1985); *In the Metro* (2002); *Homes and Palaces* (1989); *A Sense for the Other: The Timeliness and Relevance of Anthropology* (1998); *An Anthropology for Contemporaneous Worlds* (1998); The *War of Dreams: Exercises in Ethno-Fiction* (1999); *Oblivion* (2004); u *Everyone Dies Young: Time Without Age* (2016).

### IMUT RAYMOND MAHONEY

Nhar il-25 ta' Lulju 2023 tħabbret il-mewt ta' Ray Mahoney, poeta u awtur ta' diversi kotba. Huwa kellu 74 sena. Huwa twieled f'San Ġiljan u kien wieħed mill-fundaturi tal-Moviment Qawmien Letterarju. Mahoney jibqa' mfakkar għal-lirika li kiteb fir-rock opera 'Ġensna'. Kiteb il-kliem ta' diversi musicals oħra, fosthom 'Bastilja', 'Ulied in-Nanna Venut fl-Amerika', 'Il-Gwerra ta' Spiru Cefai', 'Żeża tal-Flagship', 'It-Tfajla tal-Palazz', 'It-Tieġ ta' Karmena Abdilla' u 'Il-Bandiera tal-Maltin'. Kien ukoll l-awtur tal-kanzunetta 'Little Child' li biha Mary Spiteri kisbet it-tielet post fil-Eurovision Song Contest tal-1992. Sena qabel Mahoney kiteb 'Could it Be' interpretata minn Paul Giordimania u Georgina Abela, fejn Malta kisbet is-sitt post f'dak il-Eurovision. Bosta jiftakru lil Mahoney bħala bniedem



Raymond Mahoney (1949-2023)

kalm, ġentili u ta' rieda. Fi kliem Alfred Sant, politiku u kittieb ukoll, Raymond Mahoney kien "poeta b'ħakma totali tal-kelma Maltija - u fi twemminu soċjalista minn għeruqu mhux għall-konvenjenza. Raġel li dwar li jkun għaddej, jaf jgħidlek fejn jaqbel u fejn ma jaqbilx, b'kalma, rieda u ġentilezza... wieħed mill-poeti tar-Rinaxximent fil-kitba Maltija li seħħ matul is-snin sittin tas-seklu l-ieħor." Mahoney twieled f'San Ġiljan fl-1 ta' Ġunju 1949. Beda jaħdem bħala ġurnalista mal-Union Press u aktar tard ħadem fil-qasam tal-finanzi. Kien membru tal-Akkademja tal-Malti. Fost pubblikazzjonijiet oħrajn, kien awtur tar-rumanzi *U x-Xitwa Fadlilha Ġimgħa* (1982) u *Meta r-Riħ Jonfoħ* (1985), u ko-awtur fil-ġabra ta' poeżiji *Mwieġ* (1994), flimkien ma' Charles Flores.

## LAQGĦA MA' RIGU BOVINGDON MILL-AWSTRALJA




Dik tas-26 ta' Lulju 2023 fil-Bajja ta' San Tumas kienet laqgħa memorabbli li VersAgħtini ddedikat lill-kittieb Malti-Awstraljan Rigu Bovingdon, li ilu iżjed minn ħamsin sena jwassal id-diversi sfumaturi tal-lingwa Maltija. Preżenti kien hemm il-koppja Joseph u Tania Abela, li bis-saħħa tagħhom tfakkret il-memorja tal-kittieb u l-poeta Raymond Mahoney. Ma' Rigu Bovingdon kien hemm ħafna xi tgħid, speċjalment fuq l-għadd ta' pubblikazzjonijiet, bil-Malti u bl-Ingliż, li kiteb matul is-snin. Kien ukoll hu li fl-1968 fetaħ l-ewwel klassi (skola) għat-tagħlim u t-tgħallim tal-Malti barra minn Malta, eżattament fi New South Wales, fl-Awstralja. Dawk li attendew jibgħu jiftakru din il-laqgħa ma' ġentlom uniku.

[Rapport: Ħajr lil MIRIAM CASSAR: djaletti@gmail.com]

## L-ASSOĊJAZZJONI ESPRIMI TILQA' LIL LOU DROFENIK



Lou Drofenik (fiċ-ċentru) flimkien ma' Patrick Sammut (xellug) u Ronald Cuschieri (lemin)

Nhar is-26 ta' Lulju 2023 fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Knisja ta' Santa Marija (il-Knisja l-Qadima) f'Birkirkara, l-Assoċjazzjoni EspRimi tellgħet Lejla Letterarja fejn bħala mistiedna speċjali kellha lill-kittieba Maltija-Awstraljana u awtriċi ta' għadd sabiħ ta' rumanzi bl-Ingliż, Lou Drofenik. Matul is-serata l-membri ta' EspRimi Emmanuel Attard Cassar, Therese Pace, Charles Mifsud, Joseph Felix Cachia, Omar Seguna, u Alfred Camilleri, qraw xi xogħlijiet minn tagħhom, filwaqt li Dr Patrick Sammut intervista lil Lou Drofenik dwar xogħolha bħala kittieba, ir-rumanzi tagħha u ħajjitha. Drofenik qrat ukoll xi partijiet mill-aħħar rumanz tagħha, *Vincenzo of my Heart* (Horizons, 2023). Is-serata tmexxiet minn Dr Ronald Cuschieri, filwaqt li l-president tal-assoċjazzjoni, Dr Emmanuel Attard Cassar, fetaħ l-okkażjoni b'diskors qasir u għalaq billi ta bħala tifkira lil Lou Drofenik, pubblikazzjoni tal-istess EspRimi bħala ringrazzjament tal-parteċipazzjoni tagħha.

## TIFKIRIET U IDENTITÀ KARKARIŻA



L-Awla Capitulari tal-Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara, serviet bħala l-post magħżul mill-Grupp Letterarju Muża Karkariża biex fih ilaqqgħu kittieba u nies tal-lokal sabiex flimkien jgħaddu siegħa divertiment ta' letteratura u mużika. Din is-sala prestiġjuża sservi lill-Kapitlu tal-Kolleġġjata bħala l-post fejn jiltaqa' biex jieħu d-

deċiżjonijiet importanti li jirrigwardjaw lill-Kolleġġjata. Fuq ħitanha hemm l-istemmi araldiċi tal-Kanonċi u l-Preposti tal-Kapitlu li kien hemm sallum. Fuq koordinazzjoni tas-Sinjura Terry Muscat Chircop, din il-lejla letterarja nżammet nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Lulju fis-7.15 ta' filgħaxija. Din id-darba t-tema tal-laqgħa kienet 'Tifkiriet u Identità Karkariża'. Minkejja s-sħana s-sala reġgħet kienet ippakkjata bin-nies ħerqana li jisimgħu qari ta' kitbiet imħejjija mill-membri tal-grupp li issa sar stabbilit għax baqa' konsistenti fil-livell u n-numru ta' laqgħat li jtella'. Bħala kittieba ħadu sehem Philip Xuereb, Prof. Charles Briffa, Charles Mifsud, Philip Borg, Therese Pace, Wayne Farrugia, Ninu Borg, Anton Grasso, Carmel G. Cauchi, Mario Gauci u Elena Muscat. Mistiedna speċjali kienet ir-rumanziera Lou Drofenik. Il-parti mużikali kienet fdata f'idejn Luke Attard fuq il-vjolin u s-sopran Ruth Sammut Casingena. Mexxiet il-lejla s-Sinjura Maria Mintoff. Ta' min isemmi li għal din il-laqgħa żżanżan fuq il-poster il-logo ġdid ta' Muża Karkariża.

[Rapport: Ħajr lil Therese Pace]

## IL-KITTIEB KARMENU MALLIA REĊENSIT F'RIVISTA ESPERANTISTA



Dr Karmenu Mallia

Karmenu Mallia (t. 1929) illum jgħodd iktar minn 90 sena, imma għadu jikteb u jippubblika, u l-kitba tiegħu - rumanzi, poeżiji, traduzzjonijiet - hija apprezzata kemm Malta kif ukoll lil hinn minn xtutna. Prova ta' dan huwa studju - "Papavero cremisi. Pensieri sulla poesia di Carmel Mallia" - miktub bit-Taljan mill-pinna ta' Ivan Orsini dwar il-ħajku u t-tanka ta' Mallia, studju li deher fir-rivista 'L'esperanto' ta' Lulju-Awwissu 2023. Filwaqt li Orsini jagħti deskrizzjoni ġenerali tax-xogħlijiet ta' Mallia, huwa jikkonċentra fuq iż-żewġ ġabriet poetiċi tal-poeta Malti, *100 kapricaj raketoj* (1981 u 2002) u *Distre-libere* (2005). Dan ta' Orsini huwa studju dettaljat u pożittiv tassew dwar kittieb Malti li spikka anki fid-dinja Esperantista. Laqatni l-ftuħ tal-istudju ta' Orsini, fejn jikteb hekk: "La cultura per sua natura è policentrica e le 'scoperte' più interessanti spesso avvengono alle sue periferie, cioè ai margini degli spazi più frequentati e dei sentieri maggiormente battuti."

## KAP ĠDID GĦAD-DIPARTIMENT TAL-MALTI FL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

Proprju ftit tal-jiem ilu l-Prof. Adrian Grima ġie maħtur bħala l-kap il-ġdid tad-Dipartiment tal-Malti fil-Fakultà tal-Arti tal-Università ta' Malta. Huwa jgħallem il-letteratura Maltija u r-rappreżentazzjoni letterarja tal-Mediterran fl-Università



Prof. Adrian Grima

ta' Malta u kors introduttiv dwar il-lingwa u l-letteratura Maltija fl-Inalco, Pariġi. Huwa l-koordinatur tal-proġett tat-Tradizzjoni Orali. Ħa sehem f'konferenzi akkademiċi u festivals tal-letteratura f'għadd ta' pajjiżi. Hu l-awtur ta' numru ta' kotba u artikli speċjalizzati bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan dwar il-letteratura u l-kultura li ġew ippubblikati f'Malta u lil hinn minn xtutna. F'dawn l-aħħar snin ħadem fuq il-vuċi tan-narratur fix-xogħol tar-rumanzier Realista, Ġużè Bonnici, u fuq ir-rumanzi u l-ħajja tal-ewwel kittieba ta' rumanzi bil-Malti, Concetta Brincat. Prof. Adrian Grima qed jieħu l-post ta' Dr Michael Spagnol wara erba' snin ta' ħidma fejjieda li wettaq fid-Dipartiment b'risq l-istudenti, ir-riċerka akkademika, u t-tħaddim tal-Malti f'oqsma speċjalizzati.



# Reazzjonijiet



Ittri

Ideat

**Email mingħand Paul P. Borg, it-30 ta' Mejju 2023**

X'hemm Patrick,

Nittama li tajjeb, grazzi ta' IL-PONT ta' Ġunju li għadni kif niżżilt u ntbaħt għal darb'oħra kemm hemm x'taqra fih u kemm hu varjat bejn kritika, kitba kreattiva, intervisti, u riċensjonijiet. Proset u grazzi tal-ħidma tiegħek.

Qrajt biss l-editorjal tiegħek s'issa, fejn qajjimt punti ta' diskussjoni dwar il-bejgħ tal-ktieb. Hemm xi punti tassew validi imma biex inżid ma' dak li semmejt inti, naħseb li jtaqqal il-ħsieb hu li għalkemm kotba b'xi mod hawn u kotba dejjem ħerġin, issib li ħafna żgħażagħ qajla jinteressahom jaqraw. Mhux ktieb biss ma jaqrawx, imma tablet/laptop ħafna drabi jintużaw biss bħala għodda ta' logħob u mogħdija ta' żmien, li tixrobhom għalkollox daqs kemm kieku kien jaħasra jassorbihom ktieb!

U l-kankru mhux jiċkien qiegħed - u sehemna biss li nwasslu qari siewi lil dak li jkun.

Naqbel miegħek li l-bejjiegħ irid ikun imħarreġ biex jgħin lix-xerrej. Biex inkunu ġusti, issib ħwienet li għandhom impjegati hekk, imma naqbel li jrid isir aktar. Tkun f'ħanut tal-kotba l-Ingilterra donnhom ikunu jafu kull ktieb xi jgħid u kull titlu fejn jinstab fuq l-ixkafef tal-ħanut! Ikunu aktarx impjegati li jħobbu l-ktieb, mhux biss iqisuh bħala pakkett għall-bejgħ. Qatt ma noħroġ mingħajr ktieb jew tnejn f'idejja minn għandhom.

Grazzi u tislijiet,
Paul P. Borg

**Email mingħand Charles Bezzina, it-30 ta' Mejju 2023**

Għażiż Patrick,

Illum int bgħattli IL-PONT, u qgħadt sa issa naqrah biċċa, biċċa. Kull darba dejjem nammira d-dedikazzjoni tiegħek biex issawru, u tiġbor mingħand tant kittieba, xogħlijiet u intervistI u l-bqija. U dawn barra l-aħbarijiet li jkun fih u l-kotba li jkunu ħarġu. Laqatnii b'mod partikulari l-Editorjal, għax personalment din ilni nħossha .... u ddejjaqni ħafna, meta semmejt kemm huwa importanti li bejjiegħa tal-ħwienet tal-kotba ikunu nies b'moħħhom miftuħ għal dak li qiegħed jiġri fid-dinja tal-kotba. Kemm huwa neċessarju li meta tmur għand bejjiegħ u tistaqsi dwar kotba ta' xi awtur, kemm jekk barrani, u kemm jekk lokali, ma jiċċassax lejk u bħal donnu jitħawwad. Hawn bejjiegħa tal-kotba li qatt ma semgħu b'Ernest Hemingway, Joseph Conrad, John Claire, Matthew Arnold, Puskin, Gogol, Tolstoy, Montale, Pablo Neruda u bosta awturi oħrajn. U ġieli huma stess lanqas ikunu jafu x'għandhom kotba ... u jibdew ifittxu, u jfittxu. Bħalma tmur għand ħwienet tal-ħwejjeġ jew taż-żraben, u min ibigħhom ikollu għarfien kbir dwar il-moda u l-istili, u eżatt fejn huma, hekk ukoll għandu jkun bejjiegħ tal-kotba. Sfortunatament hawn Għawdex dil-ħaġa nħossha, għax għalkemm il-bejjiegħa tal-ħwejjeġ u affarijiet oħra, huma professjonisti, il-bejjiegħa f'xi ħwienet tal-kotba huma ... u nieqaf hawn.

Grazzi, tislijiet u saħħa,
Charles Bezzina

**Email mingħand Lina Brockdorff, it-30 ta' Mejju 2023**

Għażiż Patrick,

Minn qalbi nifraħlek għall-ħarġa oħra ta' IL-PONT fejn int tiġbor l-aqwa aħbarijiet dwar il-letteratura, kemm dik Maltija kif ukoll ta' ilsna oħra Ewropej. Biex ngħidlek id-dritt għadni ma qrajtux kollu għax għajnejja saru batuti ferm, imma bil-mod nasal biex inkompli.

Grazzi ħafna talli għoġbok iġġib riċenzjoni dwar l-aħħar ktieb tiegħi *Taħt il-Ħarruba u Stejjer oħra*.

Grazzi mill-ġdid u nawguralek sajf ta' mistrieħ.

Tislijiet,
Lina

**Email mingħand Michael Zammit, it-30 ta' Mejju 2023**

Ħajr minn qalbi.

Kull darba tgħaġġibni b'dan il-volum ta' kitba hekk varja li tinżel għasel ma' kull min iħobb ilsien artna.

Nista' biss naħseb minn liema sagrifiċċji trid tgħaddi biex regolarment tagħtina biċċa xogħol hekk mirquma li tagħmel ġieħ lilek fuq kollox u lil dawk li joffru kitbiethom.

Michael

**Email mingħand Mario Griscti, it-30 ta' Mejju 2023**

Għażiż Patrick,

Niżżikħajr ta' IL-PONT, ħarġa nru.72-Ġunju 2023. Sublimi bħal ħarġiet preċedenti. L-Editorjal dejjem fuq il-polz soċjali. Poeżiji indimentikabbli u impulsivi. Notizji minn artna u lil hinn minnha dejjem f'kuntest letterarju u pubblikattiv. Ma tarahx il-ħin, b'IL-PONT quddiemek.

Tislijiet ħabib.
B'Imħabba,
Mario

**Email mingħand Carmen Refalo, il-31 ta' Mejju 2023**

Niżżik ħajr Sur Patrick,

Nieħu gost nara l-kitba tiegħi f'IL-PONT; nistħajjilha nemla qalb l-iljunfanti. Qatt ma bsart li fi xjuħiti, permezz tiegħek, kont ser nirċievi dar-rigal.

Sadattant dir-rivista dejjem tiżdied u tisbieħ. Għalkemm fid-dinja tal-letteratura żgur li ssib il-gost tas-sodisfazzjon tinsiex tieħu *break*, għas-Sajf.

Inselli għalik,
Carmen

**Email mingħand John P. Portelli, il-31 ta' Mejju 2023**

Għażiż Patrick,

Nirringrazzjak li ġibt ir-riċensjoni ta' Tarċisju fuq *Bejn il-Binarji*. Napprezza. Inti tissapportja lil kulħadd mhux kif jagħmlu ċerti klikek!!!

Għal darba oħra nifraħlek għal ħarġa oħra varjata u interessanti ta' IL-PONT. Napprezza kemm tieħu xogħol u qatt ma qtajt qalbek. Taf li jiena nissapportjak.

John

**Email mingħand Geoffrey Hull (L-Awstralja), il-31 ta' Mejju 2023**

Għażiż Dr Sammut,

Kemm fraħt bil-kopja tal-aħħar ħarga ta' IL-PONT bl-intervista tiegħi!

Għadni ma qrajtx kollox, iżda kollox jidhirli ta' interess kbir, u nara li qed tagħmel xogħol sabiħ u importanti ferm għall-iżvilupp tal-kultura Maltija permezz ta' din l-inizzjattiva.

Nirringrazzjak mill-qalb, u nixtieqlek ħafna suċċess fl-attivatijiet tiegħek.

Saħħiet,
Geoffrey Hull

**Email mingħand Chris Giordano, it-2 ta' Ġunju 2023**

Bonġu Patrick,

Irrid nifraħlek tassew u nirringrazzjak tal-produzzjoni ta' IL-PONT. Nieħu gost u niflih kemm nista' kull meta nirċevih. Prosit tassew! Pereżempju dettall li jolqotni kull darba hu kemm jirnexxilek tkun estensiv fih u prattikament ma jaħrablek xejn. Qed ngħid dan fis-sens li tirreferi għal diversi okkażjonijiet (konferenzi, taħditiet u avvenimenti "tal-Malti" u oħrajn), tikteb reċensjonijiet dwar diversi kotba ġodda fis-suq, tinkludi diversi xogħlijiet letterarji, jirnexxilek tintervista persuni interessanti u tagħmel tant xogħol ieħor. Prosit tassew. Proġett uniku :)

Grazzi mill-qalb u tislijiet!
Chris

**Email mingħand Victor V. Vella, is-27 ta' Ġunju 2023**

Sur Editur,

Idea li ilha thewden f'moħħi hi din: festival tal-mużika u tal-letteratura taħt it-tema ta' SEMA U BAĦAR jew jekk triduha bl-Ingliż tiġi SEA AND SKY. Dejjem hemm il-proviso, jekk, speċjalment jekk ma hemmx xi okkażjoni simili diġà. L-idea tiegħi hi li tillimita ruħha għal materjal lokali u tinkorpora xogħlijiet mużikali, minn kant u wkoll xogħlijiet mużikali fuq is-suġġett dirett jew indirett. Rigward il-kitba tista' tinkludi stejjer, poeżiji u wkoll passaġġi magħżulin, meħudin mir-rumanzi, li jigu moqrijin waqt is-serata jew serati. Tkun interessanti għax barra l-kontenut tgħaqqad il-mużika mal-letteratura u tgħin fl-apprezament tat-tnejn. Tista' wkoll tinkudi l-pittura fis-sens ta' kif dan is-suġġett ġie ttrattat minn xi pittur Malti. Jiddependi kemm irid ikabbarha min jidhol għaliha!

Nifhem li din mhix xi biċċa xogħol ħafifa għax fiha ħafna xogħol ta' riċerka u ta' għażla. Fl-istess ħin dak hu skop ieħor ta' fejda li jinvolvi numru ta' nies li huma professuri jew mhumiex imma li jħobbu jafu jagħżlu, japprezzaw u wkoll jippreżentaw.

Jien għandi fiduċja li okkażjoni bħal din jekk tiġi ppreżentata bil-galbu tkun suċċess u tħalli l-frott l-iżjed għax tagħmel ħoss edukattiv li jista' juri s-sabiħ kemm tal-mużika kif ukoll tal-kitba, u turi iktar fil-beraħ it-talent Malti.

Victor V. Vella
Baulkham Hills,
Awstralja.

**Email mingħand Rita Saliba, is-27 ta' Ġunju 2023**

Għażiż Patrick,

Filwaqt li nirringrazzjak tar-riċenzjoni tal-ktieb tiegħi, *Tbajja' tax-Xemx u Stejjer Oħra għad-Dell*, li ġibtli fuq ir-rivista IL-PONT, għal darb'oħra qed nixtarr il-minjiera ta' informazzjoni li tgħaddilna permezz ta' din ir-rivista.

L-intervisti mal-awturi dejjem jiftħulna tieqa fuq il-perċezzjoni kemm tal-kittieba kif ukoll tal-qarrejja dwar il-ktieb fid-dinja tal-lum. Hemm intervisti li jħalluk taħseb u tirrifletti. Qed nirreferi għall-intervista interessanti ferm ta' Mary Rose Mifsud. *Id-Djarju* ta' Anne Frank qatt mhu se nħares lejh bħala ktieb li xi darba qrajt, jew li xi darba għad naqrah bil-Malti. It-traduttriċi daħlet wisq aktar fil-fond u perrċet il-kruha tal-poter. Ma jonqsux l-intervisti interessanti ma' awturi oħrajn, li nsib li dejjem nieħu xi ħaġa ta' ġid minnhom.

Emozzjonijiet varji joħorġu wkoll mill-poeżiji ppubblikati fir-rivista. Kull pinna hija unika f'dan il-ġeneru.

Nawguralek għall-ħidma u l-impenn tiegħek biex tgħaqqad rivista letterarja ppakkjata bi stili u informazzjoni.

Inselli ħafna għalik,
Rita



# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## INTERVISTA MA' PATRI CHARLÒ CAMILLERI DWAR IL-ĠABRA TA' POEŻIJI *TATTWAĠĠI* (Horizons, 2016)

**Meta bdiet din il-ġibda tiegħek lejn il-poeżija u l-kitba tagħha?**

Sa mit-tfulija fl-iskola. Kull sena kien ikollna ktieb ta' poeżija. Għall-bidu antoloġija u wara poeta partikulari. L-iskola sirt naf u studjajt xi drabi wkoll bl-amment kif kien meħtieġ dak iż-żmien lil Anastasju Cuschieri, Rużar Briffa, Dun Karm naturalment, Oliver Friggieri, Marjanu Vella, u oħrajn. Imbagħad fil-Kulleġġ Ġian Franġisk Abela studjajt sew il-poeti moderni. L-iktar li kienu jqanqluni kienu dawk tal-mibki Mario Azzopardi. Insemmi wkoll li kelli ftuħ għat-tradizzjoni poetika Ingliża u dik Taljana. Bħala reliġjuż ukoll missejt mal-kitba poetika ta' diversi awturi Karmelitani. Sakemm, kif jgħidu *liber ex libris*, bdejt inħarbex xi versi jien ukoll. Qatt ma qist lil nnifsi poeta però. Nemmen li poeta titwieled. Il-ġudizzju nħallih għall-qarrejja.

**Min huma l-poeti jew il-kittieba li ħajruk tikteb u anki ħallew influwenzi importanti fik?**

Diġà semmejt diversi. Però nistqarr li bdejt nikteb b'ispirazzjoni mill-qari tal-poeżiji ta' Mario Azzopardi li kont inħoss reżonanza kbira mal-espressjoni poetika eżistenzjali tiegħu.

**Minn fejn iġġib l-ispirazzjoni tiegħek? Meta tikteb, u fejn? Kemm hu importanti l-kunvent f'dan il-każ?**



Jiena ma niddeċidix li nikteb. Nikteb biss meta l-poeżija tfur mill-qiegħ, u f'moħħi jkun hemm geġwiġija ta' ħsiibijiet u kunċetti u dwal li mbagħad joħorġu fi kliem li jagħmel sens - tal-anqas għalija - u niġri nħarbex il-poeżija dak il-ħin. Jekk ninzerta ma nkunx nista' niktibha fil-waqt, nibqa' nirrepetiha sakemm insib fejn inħażżiżha. Inkella nitlifha. Mhux l-ewwel darba! Kollox jaf ikun ta' ispirazzjoni, ġeneralment xi lemħa li titfa' dawl jew tqanqal ħsieb eżistenzjali.




**X'rabta hemm bejn il-kitba tal-poeżija u l-ispiritwalità?**

Il-poeżija - li rridu niddisingwuha mit-taqbiliet fil-fehma tiegħi - hija l-espressjoni ta' esperjenza spiritwali hi x'inhi (lil hinn ukoll mir-reliġjożità). L-ispiritwalità hi r-ruħ tal-poeżija.

**Hawn Malta ma jonqsux il-poeti reliġjużi: bħala Karmelitani nsemmu lil Anastasju Cuschieri, Feliċjan Bezzina, Hugh Mallia, imma oħrajn magħrufa huma Marjanu Vella u Gioele Galea. Inti familjari mal-kitbiet tagħhom? X'inhu dak li jgħaqqdek magħhom u dak li jista' jiddifferenzjak minnhom?**

Iva, familjari ma' kitbiethom, kif diġà semmejt. Għal Cuschieri, Bezzina, Galea, u nittama wkoll għal Mallia, ħdimt kummenti kritiċi għall-opra tagħhom. Għal uħud oħrajn mhux imsemmija hawnhekk ukoll ktibt reċensjonijiet krititċi. Sinċerament ma nafx xi ngħidlek dwar x'jgħaqqadni magħhom u x'jagħmilni differenti minnhom. Kull poeta huwa waħdieni minkejja naturalment lemħiet tematiċi, stilistiċi, u l-bqija.

**Il-poeżiji tiegħek ġieli għandhom mit-tradizzjonali (il-kwartini bir-rima mqabbża) u ġieli mill-modern (il-vers u l-metru ħelsin, il-konċiżjoni, il-vers projettiv). Hemm drabi meta tikteb mhux biss bil-Malti, imma anki bit-Taljan, filwaqt li l-versi li tħaddem huma versatili ħafna, mit-trisillabu sal-endekasillabu. X'iwasslek biex inti tikteb poeżija fi stil jew f'ilsien u mhux fi stil jew ilsien ieħor?**

Fl-ewwel ġabra poetika - li tajjeb ngħid ma ridtx nippublikaha, iżda nsistew miegħi Walid Nabhan u Mario Azzopardi, u fl-aħħar ċedejt - hemm il-poeżiji kollha li ktibt fuq medda ta' għoxrin sena (1996-2016). Għaldaqstant huwa ċar li din il-pubblikazzjoni tikxef ukoll il-mixja fl-esperjenza tiegħi ta' kitba poetika. Għalija l-istili huma kollha validi sakemm jesprimu l-ħsieb ispirat. Mill-2015 lil hawn madanakollu l-espressjoni poetika qed tieħu iktar xejra minimalista... jaf tasal mnejn bdiet: mis-skiet għas-skiet. Il-kwestjoni tal-ilsien hija waħda li tirrifletti fejn għext. Il-poeżija Taljana, per eżempju, tmur lura għaż-żmien li fih għext l-Italja.

**Għaliex it-titlu *Tattwaġġi*?**

Il-ħajja hi misteru li hu ikbar minna u li jimmarkana u jħalli fuqna wkoll tebgħa (mhux fis-sens morali u lanqas negattiv). Ħajjitna fuq din l-art hija waħda li tfittex is-sens ta' dak li jimmarkana u tgħaqqad u twaħħad flimkien esperjenzi frammentarji u mifruda. It-tattwaġġ, radikalemnt dak li hu, azzjoni ritwali li timita l-misteru tal-ħajja li jimmarkaha għal dejjem. It-titlu jieħu ismu mill-poeżija "Tattwaġġ" u din it-tema ridtha tidher ukoll fit-tifsila u d-disinn tal-ktieb fejn kull dettall huwa magħżul bi ħsieb, inkluż l-artist li minnu ħadt ir-ritratt tal-faċċata.

**Għandek ukoll poeżiji b'titli bil-Latin, bil-Grieg, bil-Franċiż; oħrajn għandhom titli ispirati minn ismijiet ta' postijiet partikolari, u oħrajn għandhom numru bħala titlu. Kemm hu importanti t-titlu f'rabta mal-poeżija li tinkiteb?**

Fil-każ tal-Latin u l-Grieg hemm espressjonijiet u kliem li jiġbru fihom storja ta' ħsieb, għerf u mitoloġija. Ġeneralment hija l-poeżija li tispira l-għażla tat-titlu u mhux bil-maqlub. It-titlu - almenu għalija - huwa importanti sa ċertu punt, jagħti indikazzjoni, huwa xi drabi funzjonali, iqajjem kurżità biex il-qarrej imur ifittex u jimraħ lil hemm. Ġieli wkoll użajt espressjonijiet li minkejja li ġejjin minn ilsna oħra bħall-Franċiż, huma universali speċjalment fit-teorija letterarja. Hemm imbagħad in-numru li jindika jew data jew sempliċement in-numru kronoloġiku tal-poeżija li mbagħad jieħu piż ta' titlu għar-referenza.

**Hemm rabta bejn dak li tikteb fuq livell speċjalizzat u akkademiku, u l-poeżiji tiegħek? Għaliex tikteb il-poeżija?**

Naħseb li xi forma jew oħra ta' rabta hemm għax f'kull kitba - minkejja l-għanijiet differenti - nesprimi viżjoni ta' ħajja. Nikteb il-poeżija għax taqa' fuqi, u bla ma rrid niġi mbuttat inħażżiżha. Fil-waqt li titwieled, ma tibqax tiegħi, tieħu ħajja għaliha fil-qarrej li jagħmilha tiegħu u tibda proċess ieħor kreattiv fih.

**Rigward il-kitba tal-poeżija, jista' wieħed jitkellem dwar tradizzjoni Karmelitana?**

Minkejja li għandna awturi u mistiċi li esprimew lilhom infushom bil-poeżija ma naħsibx li nistgħu nitħaddtu minn tradizzjoni fis-sens ta' skola. Li nistgħu ngħidu hija li ġeneralment hemm laqta jew xejra kontemplattiva u mistika

fl-espressjonijiet poetiċi ta' natura strettament spiritwali u laqta jew xejra riflessiva fl-espressjoni poetika, ejja nsejħulha sekulari, jew umanista bħal fil-każ tal-Beatu Battista Mantovano.

**Kif inhu Charlò Camilleri bħala bniedem? L-attivitajiet u l-passatempi tiegħek?**

Ikolli ngħid li naħseb Charlò huwa personalità fluwida. Spiss enigmatiku għal xi wħud. Mhux faċli - lanqas għalija - nitqiegħed f'kaxxa. Li hu ċar għalija li l-jien huwa illużjoni, huwa l-kewn li jagħmilna dak li aħna, u idealment il-ħajja timbuttana nikxfuh biex inkunu f'sikkitna. Daqskemm għandi ħajja attiva, daqshekk ieħor għalija s-skiet u s-solitudni huma meħtieġa bħall-arja. Passatempi jvarjaw mill-qari; mixjiet fil-kampanja - il-ftit li baqa' f'pajjiżna - nieħu r-ruħ f'pajjiżi oħra bi spazji wesgħin u ħodor; l-arti u l-kultura; xi taħdita tajba fuq tazza nbid ma' kumpanija tajba f'numru żgħir ta' ħbieb... il-folol, ir-rases, l-istorbju u l-attivitajiet tal-massa jmarrduni.

## TALBA

Ħallini nintebaħ
li int qiegħda ħdejja
bil-ħlewwa taħsilli
il-ħmieġ ta' idejja.

Iftaħli dirgħajja
ħa nxerred il-ħażna
ta' ħlejjaq maħnuqa
li daħku bir-rażna.

Ċarratli din qalbi
ħa jfur l-ilma qiegħed,
u fittex fawwarha
bid-demm għażiż tiegħek.

Isqini mix-xmara
tal-hena dejjiema
li taħji u ġġedded
'l min jittallab ħniena.

## AMPLEXUX

Ti sogno senza vederti.
Ti prendo senza toccarti.
Ti cerco senza trovarti.
Ti trovo senza incontrarti.
Ti bacio senza sfiorarti.

## ĠERĦET IX-XIĦ

tifkiriet frammentati
fuq tertuqa stampati
f'memorja li tbati
biex tifdi lill-ħati

## GLENDALOUGH

Fi nżul ix-xemx ħamrani
lewnek nilmaħ,
samrani.

Fuqi nifsek sħun
jonfoħ fir-riħ ivenven
qalb xtieli mħawla
f'masġar l-eternità.

Sidrek iwarrad għammiel
fix-xagħri li jħaddar
mal-ewwel xita.

F'dil-ħemda
leħnek jidwi
f'għanjet it-tajr
ipespes l-għana tal-imħabba.
U waqt li qalbi tisker
f'tifkirtek ħelwa
nirżaħ mismut
fis-sirda tal-għaxija
nixxennaq għal
ta' ħdanek l-irdoss.

## INSOMNJA

Dal-lejl ħakimni
uġigħ fantażma
minn dinjet xadini bla denb
f'tortura persistenti
ttambar f'moħħ-kaverna vojta
tirbombja bil-ħoss
tal-baħħ itarrax
fi skietu mtaqqal
bi ħsibijiet
vagi u dellija
bħal iħirsa jitliegħbu
bejn id-dieher u l-mistur
f'dal-lejl oskur
li jnawwar ġewwenik
bħal dudu jisker
fuq ġisem mejjet
li jitħarrek le ma jista',
mirżuħ,
b'għajnejh issummati
fuq il-fantażma-uġigħ
li jgħaddi minn fuqu
bħal żiffa ta' riħ.

## SINE TITULO

menti straziate
che girano per le strade,
dal destino guidate...

verso mondi ignoti!

**CHARLÒ CAMILLERI**
(Minn *Tattwaġġi*, Horizons, 2016)

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' MARIO GRISCTI

**Minn fejn iġġib l-ispirazzjoni tiegħek? F'liema waqtiet tikteb?**

L-ispirazzjoni biex nikteb naf inġibha mill-aktar ħaġa iġġudikata insinifikanti fil-ħolqien. Għalija nemla ġġorr qoxra ta' skalora u ljun b'għonq ġiraffa qiegħda tmut f'ħalqu, huma ndaqs. B'modi varji, imma ndaqs. Issa jien biex nikteb, m'għandix ħin. Imma jekk tissikkani aktar u tgħidli f'liema waqtiet l-aktar li nikteb, ngħidlek li l-iktar l-iktar, filgħaxija. Jiena attakkat ħafna mal-lejl. Tista' ssejjaħli poeta lunari jew notturn.

**Hemm xi poeti, kittieba jew testi barranin u Maltin li influwenzawk daqstant biex tikteb vrusek?**

Iva. Jiena naqra ħafna u ma jiddispjaċinix li għejejt għajnejja fuq il-qari. Poeta Malti li influwenzani ħafna (imma mhux hu biss) huwa Karmenu Vassallo għax kien feroċi sinċier, żbukkat imma qalbu taflija, jibki u jissielet. Barranin hemm Oscar Wilde, Lev Tolstoy, William Wordsworth, John Keats, imma saħansitra dawn, mhux dawn biss. Jogħġobni l-poeta mill-Persja Awari Soheili. Anna Akhmatova mir-Russja. Hemm ħafna.

**Jista' poeta magħluq ġewwa daru jikteb poeżija friska, attwali u valida?**

Jista'. Poeti liberi huma dawk li jħallu l-bibien u t-twieqi ta' moħħhom miftuħa. Mhux neċessarjament iridu jittrapassaw minn post għal ieħor biex jattwalizzaw il-versi tagħhom u jxappuhom fin-nida tal-kontemporanjetà. L-arti tisboq spazji u żmien. Anki l-kaxex u l-perimetri. Jiddependi kemm



ħassieb/sentimentalist/idealist jibqa' attiv u attwali u kemm iħaddan tajjeb it-tagħrif li jikseb.

**Nislet minn kliemek: "Moħħi dejjem għaddej, jaħseb u jxejjaħni, imma kuntent nixjieħ bil-ħsieb milli b'xi anti-sentiment." X'inhu eżattament dan l-anti-sentiment?**

Hemmhekk ridt ngħid - ma nafx fissirthiex sew - li hieni nkun imkisser fil-ħsieb, għax dak ikun sinjal li qed nipperċepixxi xi ħaġa, li għadni hawn, li għadni ħaj, li għadni nħoss, li ma sirtx statwa tal-melħ jew tal-granit. L-anti sentiment huwa t-tmiem jew "l-għadu" tal-ħass tal-bniedem, meta l-bniedem skużat jew mhux, ma jibqax iħoss. Is-sentiment mortwarju m'hemmx kontroll fuqu. Imm'hawn min imut qabel mewtu.

**Inti poeta li tagħti leħen lill-fqir, lill-marid u liċ-ċkejken. Min huma dawn illum? Kemm jirnexxilha tmiss il-qlub tal-massa l-poeżija ta' dan it-tip f'soċjetà konsumeristika u liberali?**

Il-fqar ta' ħames mitt sen'ilu, u fqar illum, tgħidx kemm jixxiebhu. Il-morda, il-foqra, il-ħaddiema, dawk fix-xifer tal-istrata soċjali, l-isfortunati kienu, għadhom u jibqgħu qrib qalbi immens. Jiena frott klassi tal-ħaddiema. Il-poeżija soċjali tibqa' tmiss qlub il-mases jekk tibqa' temmen fiż-żgħar u tibqa' tħobbhom tassew. Saħansitra kapitalisti "mġiddma" japprezzaw it-taqbida kontinwa (poetiko-politiko-xjentifiko-reliġjuża) għall-għixien imma mhumiex ser jesebixxu apprezzament.

**Hemm min jgħid li l-poeżija moderna bil-metafori u l-lingwaġġ kumplessi tagħha biegħdet lill-poplu minnha. Kemm temmen li seħħ dan fil-verità? Dan japplika għas-soċjetà Maltija biss jew anki għal kuntesti lil hinn mil-lokal? Fejn tpoġġi l-poeżija tiegħek f'dan il-kwadru?**

Bħal kull xorta ta' arti oħra (pittura, skultura, mużika, divertiment, spettaklu, media televiżiva, radjufonika, eċċ) il-poeżija trid taġġorna. Inkella tmut. Inkella nibqgħu nużaw l-istess metafora li tant issir anakronista li jibdew jobogħduha. Mela biex il-poplu jibqa' jilqa' l-poeżija, kien hemm bżonn li l-poeżija ma tibqax għanja, issir kumplessa kemm hemm bżonn, imma tibqa' poeżija/letteratura. Naħseb/nemmen/ nixtieq li l-poeżija tiegħi titqies moderna.

**Tiegħek huma ġeneralment poeżiji konċiżi, imma effettivi. Xi sforz jirrikjedi dan min-naħa tiegħek? Poeżija tiktibha f'leħħa u titlaqha, jew hemm ukoll il-fażi tar-reviżjoni u tal-irqim?**

Jiena diżorganizzat faħxi. U allura f'dan l-istat jiena ma norqomx. Inwelled u nxerred. Ma nafx iniex moralment ġustifikat li nagħmel hekk, imma jiena forsi magħmul bl-addoċċ u ma nħobbx jew m'iniex daqstant fitt, fl-irqim. Ma tantx nisforza biex nikkomponi l-versi. Tqanqila mumentanja u nferra' ġarar sħaħ. Imma għandi xi kitbiet li bdejthom, iddejjaqt u ħallejthom imutu maż-żmien. Forsi xtaqt nikkonkludihom b'mod, li dak il-ħin ma sibtux f'idejja....

**Kemm ilek tikteb il-poeżija? X'tiftakar minn dak iż-żmien meta kont tiffrekwenta l-għaqdiet letterarji? Illum li l-okkażjonijiet fejn wieħed jiltaqa' ma' poeti oħra u jaqra vrusu naqsu sewwa, kif iżżomm kuntatt ma' poeti u kittieba oħra?**

Ili mal-ħamsin sena nikteb il-poeżija. Kelli ħames snin meta f'kartolina għal Jum l-Omm, li kont pinġejt bil-kuluri tax-xama' għal ommi kont ħażżiżt l-ewwel vrus tiegħi b'ton innoċenti, ħafif imma sentimentali. Meta kont żagħżugħ bdejt nissieħeb f'għaqdiet letterarji li laqqgħuni ma' ħafna kittieba li eventwalment saru ħbieb għeżież. Ħadt pjaċir nara li, fi kburiti mbagħad, bdew jixirfu żgħażagħ li interessaw ruħhom fil-poeżija u niġġudikahom b'validissimi. Illum nikkuntattja poeti u kittieba ħbieb tiegħi bħalek, permezz tal-pc jew mobile. L-aqwa li ssib mezz biex il-kuntatt ma jinqata' qatt ħlief forsi bil-mewt.

**Xi proġett marbut mal-poeżija għall-futur?**

Proġett għall-futur marbut mal-poeżija. Ili ħafna nirċievi stediniet biex nippubblika ktieb waħdi tal-poeżija. Anki inti Patrick, kemm-il darba tħeġġiġni. Ejj'inwieġeb li aktarx dan hu l-proġett għall-ġejjieni. Imma l-importanti għalija, f'dan il-kuntest, jibqa', li moħħi u qalbi jibqgħu jissinkronizzaw f'unità mistika biex nibqa' nikteb dak li nħoss u nisfida qlub xierfa u rwieħ ipokriti li jaħsbu li l-ħolqien tfassal għalihom biss.

## STAGĦĠIB XJUĦITNA

ilhom jafu 'l xulxin sebgħin sena,
iltaqgħu iċ-ċirklu taż-żgħażagħ
u telgħu imlefilfin fl-għarukaża.

ippikaw fuq id-dommi tal-fidi
tal-knisja kattol'ka rumana
u lagħbu l-imħatri.

dimitri stagħġeb biż-żokra barra,
tereżjan mar jiskrupla bl-abort,
ċelestin stagħġeb b'ma jafx biex.

u mlew ġarar sħaħ bl-istagħġib,
f'misraħ tkewwis.

## POEMA GĦAL WIDNEJN BLA XAMA'

dawn versi bla ċensura
għall-"injoranti" li ma jibżgħux,
għall-midinba ġellidin
għal dawk li ma jiddejqux mill-allat
u għall-allat li jieħdu għalihom.

tirfsux it-tapit għat-tkaken tal-ħġieġ
warrbu l-opjum tal-falzità.

ħalluhom jgħajrukom eret'ki,
tintilfux magħhom.

din poema għal widnejn bla xama',
li ma tnižżilx l-infern u ma ttellax is-sema.

MARIO GRISCTI

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MA' TONI AQUILINA DWAR *ANTIGONA* TA' JEAN ANOUILH

**Min kien fil-qosor Jean Anouilh u x'kiteb iktar apparti *Antigona*, u għaliex għażilt dan ix-xogħol letterarju biex taqilbu għall-Malti, u mhux xi xogħol ieħor?**

Anouilh (1910-1987) hu wieħed mid-drammaturgi ewlenin Franċiżi ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Studja s-Sorbona għal avukat għal xi sena u nofs, ħadem ma' aġenzija tar-reklamar sa ma sab xogħol ta' segretarju mal-attur u direttur tal-palk Louis Jouvet. Hu jgħid li l-bidla deċisiva f'ħajtu bħala kittieb saret fl-1928 meta Jouvet tella' fuq il-palk is-*Siegfried* ta' Jean Giraudoux. Wara s-suċċess bl-ewwel dramm tiegħu *L'Hermine* fl-1932, ma ħares qatt lura. Xogħlijiet oħrajn kbar tiegħu huma perseżempju: *Le Voyageur sans bagages*, *Eurydice*, *Le Bal des voleurs*, *Jézabel*, *Médée*, *L'Invitation au château* u tant oħrajn.

*Antigone / Antigona* hi kkunsidrata s-suċċessun ta' Anouilh bħala rifondatur ta' temi klassiċi b'libsa moderna.

Biss dan ma kellu xejn x'jaqsam mal-għażla tiegħi li naqilbu għall-Malti. Forsi ftit jafu li jien ilni midħla tal-palk mindu fl-età ta' sitt snin ħadt sehem f'parti prinċipali tal-*Ħej Toro* ta' Patri Wistin Born mal-Kumpanija Aniċi ta' Ħal Qormi u rbaħna l-Konkors tal-Imġarr fis-Sala Sun Edgar. Aktar tard ta' tlettax-il sena kont nagħmel parti mill-ewwel skola tad-drama li waqqfet Mrs Pamela Ash fl-Istitut Kattolku l-Furjana. Meta mbagħad għaddejt għall-Junior College tal-Belt u kellna fis-sillabu *Antigone* ta' Anouilh u *Tristi Amori* ta' Giacosa ġieni f'moħħi naqlibhom għall-Malti sew għax kont inħobb il-palk bil-ħsieb li xi darba jittellgħu, kif ukoll




għax ħassejt li ma kienx hemm mod aħjar biex nistudjahom tajjeb u nħejji ruħi għall-eżami.

Minn dak iż-żmien 'l hawn ittraduċejt xi tnax-il dramm u

ppubblikajt nofshom. Imma *ANTIGONA* rebbaħni l-Premju tat-Traduzzjoni (1998) imniedi mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u għandu daqsxejn ta' storja ħelwa warajh. Meta kont spiċċajt ngħallem dan l-istess xogħol ta' Anouilh lill-istudenti tiegħi tas-6th Form, jien ġieli qrajtilhom xi siltiet mit-traduzzjoni li kont għamilt miktuba bil-lapes kif kienet baqgħet mindu kont student jien. Ġara li darba minnhom, wara l-lezzjoni, ġew fuqi żewġ studenti jħobbu r-reċtar u talbuhieli. Jien urejthom l-iskript miktub bil-lapes u huma offrew li jittajpjawh sempliċiment għall-pjaċir li jaqraw bil-Malti. Aċċettajt. L-attriċi Antonella Axisa kienet waħda minn dawn l-istudenti li niftakarha taffaxxina ruħha immensament waqt il-lezzjonijiet. Niftakarni ngħidilha, anki biex ninkoraġġiha, li għalija hi kienet maqtugħa biex taħdem il-parti tal-protagonista. Meta mbagħad ħafna snin wara erġajna ltqajna fil-Fiera tal-Ktieb fid-Dar tal-Mediterran, wegħedtha li nippubblikah u hi mbagħad spiċċat fuq il-kopertina tal-ktieb. Nixtieq tassew li xi darba nara lil Antonella tinterpreta r-rwol ta' Antigona.

**It-traduzzjoni ta' din it-traġedja tatek lok bħala traduttur biex tuża wkoll għadd ta' kliem li llum hu meqjus bħala arkajku. Kemm hu postu kliem bħal dan fl-2023, u kif jintrabat mal-Franċiż li juża Anouilh?**

Patrick, l-ewwel nett qed nitkellmu fuq dramm neo-klassiku li jħajrek, fejn hu possibbli, tuża s-semitiku anki jekk ma jonqsux l-anakroniżmi. It-tieni, il-ktieb fih tliet faċċati b'noti estensivi fuq wara. U t-tielet, lili xejn ma togħġobni niġi ttimbrat li nuża Malti arkajku sempliċiment għax bħala mgħallem fis-sengħa tat-traduzzjoni nagħmel l-għażliet tiegħi skont kriterji li jidhruli l-aħjar biex tinħareġ is-sustanza tal-oriġinal bl-aħjar mod possibbli. L-ilsien Malti x'jirbaħ għandu mhux x'jitlef. Fejn, ngħidu aħna, jien nirreferi għal zimari, priża tal-irgħab, xewlaħ iż-żieżel eċċ. tajt spjegazzjoni tagħhom fin-noti. Fl-aħħar nett jien sostnejt kemm-il darba li jekk irridu nneħħu d-drawwa ħażina li biex ma nfittxux f'dizzjunarju termini li jeżistu diġà naqbdu l-ekwivalenzi tagħhom bl-Ingliż u nlibbsuhom ortografija Maltija, ħa nispiċċaw b'lingo u fl-aħħar addijo lingwa. Taf x'naf ingħid, li konna nużaw kliem bħal mitbugħ (minn tebagħ) u minħabba l-influwenza Taljana daħħalna 'stampat' u malajr l-Anglofoni rribattew bi 'pprintjat', mingħajr ma kellna bżonn la l-waħda u lanqas l-oħra.

**"Jien aktar b'saħħti mid-deni... aktar b'saħħti mill-ħmar il-lejl, aktar b'saħħti mid-dell tal-armarju li jiċċaċċra u jittrasforma ruħu minn siegħa għal oħra fuq il-ħajt, aktar b'saħħti mill-elf ħanex igerrmu xi ħaġa xi mkien matul il-lejl, aktar b'saħħti mil-lejl innifsu bl-għajjat tiegħu ta' miġnuna li dak li jkun ma jismax... aktar b'saħħti mill-mewt." (p. 22) Dan il-kliem ta' Antigona jfakkar fis-saħħa tal-mara fi żmien meta l-gwerra, il-glied u l-eroiżmu kienu oqsma monopolju tar-raġel. X'inhi l-vera tifsira wara kliem Antigona hawnhekk?**

Antigona titkellem b'dan il-mod maz-Zimari (La Nourrice) wara li tidħol kmieni filgħodu mreżżħa minn barra, fejn kienet marret 'tidfen' lil ħuha, u kellha biex ngħidu hekk l-ewwel klaxx ma' oħtha Iżmena fejn riedet turi ruħha deċiża u b'saħħitha. Iżda kieku tajt is-silta kollu (fis-sentenza ta' qabel titlob liz-Zimari tbenninha u f'dik ta' wara titkarrab għal idha) toħroġ stampa oħra – dik li ma kinitx fin-natura ta' Antigona ġġib ruħha ta' waħda b'saħħitha. L-interpretazzjoni tiegħek hi leġittima fiċ-ċirkostanzi tar-



Il-Prof. Anthony Aquilina

reżistenza fi żmien l-okkupazzjoni ta' Franza imma fil-fatt hemm spjegazzjoni aktar 'sempliċi', dik li Antigona qed tisforza biex sa fl-aħħar tieħu d-destin tagħha f'idejha akkost li tħalli ħajjitha.

**"Issa l-ħabel ingħata u l-molla ssikkata. Ma fadalx ħlief li jinħall waħdu. Dak hu li hemm sewwa f'traġedja. Naqra ta' tefgħa u għandna mmorru..." (p. 38) Permezz ta' dan il-kliem tal-Kor bħal toħroġ l-idea li l-bniedem hu biss ħlejqa ċkejkna li tagħmel x'tagħmel mhi se tbiddel xejn mill-qagħda tagħha ladarba lkoll niddependu minn magna ħafna ikbar minnha, indifferenti għal kulma hu uman. Kemm hu veru dan?**

Verissmu. Imma mhux biss dak li soltu nirreferu għalih bħala *act of God*. Min għandu l-poter f'idejh u l-appart kollu tal-istat bla m'għandux sens ta' limiti jista' faċilment jimponi ruħu u joħloq dittatorjat. Imma din is-silta trid tiġi interpretata fil-kuntest ta' dak li jifred traġedja minn dramm. Biex ma nirrepetix ruħi nixtieq nirreferik għat-tweġiba li tajtek għad-domanda numru sebgħa aktar 'l isfel.

**Għaliex taħseb li n-Nażisti li kienu jokkupaw lil Franza fis-snin '40 tas-seklu 20 ħallew lil dan id-dramm jittella' minkejja li kien jitkellem dwar poter, tirannija, vjolenza? Taħseb li n-Nażisti b'xi mod identifikaw rwieħhom ma' Kreon filwaqt li raw f'Antigona Franza stess li baqgħet tiġġieled għal-libertà minkejja t-theddid li kienet tinsab imdawra bih?**

Fost dawk li kienu kkollaboraw mal-okkupanti Nażisti fl-erbgħinijiet tas-seklu l-ieħor kien hemm numru mdaqqas ta' intellettwali u kittieba bħal ngħidu aħna: Brasillach (li wara l-gwerra ingħata saħansitra l-mewt), Louis-Ferdinand Céline (mixħut il-ħabs fid-Danimarka) u Drieu La Rochelle (li spiċċa qatel ruħu b'idejh) eċċ. Dawn żgur kienu f'pożizzjoni jikxfu lil min seta' b'xi mod ikun ta' ħsara għall-kawża Nażista u ċ-ċensura kienet spjetata. Għad li hi ħaġa ċerta li Anouilh ma kienx wieħed minnhom imma żgur ma kienx se jsibha faċli "jgħix mit-teatru / vivre du théâtre" li kieku t-Tedeski raw xi forma ta' theddida f'kitbietu. Ta' drammaturgu kapaċi li kien offra lill-pubbliku xi ħaġa li tista' tinqara jew tiġi interpretata

b'żewġ modi opposti. F'*Antigona*, li tgħid "le" lil zijuha, il-Franċiżi raw messaġġ ta' inkoraġġiment għar-reżistenza tagħhom stess kontra l-okkupazzjoni Tedeska; filwaqt li fir-rebħa li deher li għamel zijuha Kreon bl-argumenti li ġabilha, it-Tedeski qisuhom konvinċenti favur il-messaġġ li għalihom ma kien jista' ħadd u xejn.

**Kreon hu t-tirann li jaf kemm hu diffiċli taqdi l-parti ta' mexxej. Antigona hi tfajla fiżikament vulnerabbli imma moralment b'saħħitha – leħen ir-reżistenza - li ġġiegħel lil Kreon jagħmel dak li ma jixtieqx. Dramm bħal dan jista' jitqies ukoll bħala xogħol li b'xi mod jippreżenta l-battalja bejn is-sessi?**

Nassigurak li xejn m'hemm f'Antigona li jiġġustifika din l-interpretazzjoni. Kif ġa għedna, din it-traġedja ttellgħet l-ewwel darba fi żmien li fih Franza kienet għadha okkupata mill-Ġermanja Nażista, u żgur li l-battalja bejn is-sessi kienet għadha 'l bogħod ferm mill-aġenda mondjali. *Antigona* ta' Anouilh titbiegħed sew mill-mudell tal-mara klassika Griega. Mingħajr ma ssejħilha kerha, mhix "sabiħa bħalna", kif tistqarr oħtha Iżmena. Antigona saħansitra xtaqet kienet tifel: "Ai-je assez pleuré d'être une fille! / Ma bkejtx biżżejjed għall-fatt li jien tifla!" Lill-maħbub tagħha Ajmon aktar tard tgħidlu: "Ġibt ruħi ta' belha ... biex inkun aktar bħall-bniet l-oħra, sabiex inħajrek għalija." Mela mhemmx kwestjoni ta' femminiżmu fin-nofs. F'*Antigona* hemm dak li Giraudoux f'*Elektra* jsejjaħlu r-rieda inevitabbli li l-personaġġ "se déclare". Antigona se tkun tista' ġġib ruħha kif inhi tabilħaqq għall-ewwel darba, tilgħab ir-rwol destinata għalih, dak ta' ribella, b'*idéal d'absolu*. U sabiex dal-ispeċi ta' *coming out* iseħħ, hi meħtieġa x-xena li fiha teħodha ma' zijuha Kreon. Antigona ma taġixxix aktar biex tonora lil ħuha iżda għaliha nnifisha. Kważi kważi għemilha sar *un acte gratuit* mingħajr tifsira oħra ħlief dik li tesprimi l-awtonomija u d-deċiżjoni ħielsa tagħha.

**Dan ġie deskritt bħala "dramm psikoloġiku f'xifer traġedja." Kif ivarja dan id-dramm ta' Anouilh minn dak oriġinali ta' Sofokle?**

Bil-Franċiż, "drame psychologique en marge d'une tragédie". Fi kliem ieħor, li mhux verament traġedja. Dan il-ġudizzju hu bbażat fuq kunċett tradizzjonali Franċiż dwar it-traġedja li saħansitra t-traġedji ta' Shakespeare jispiċċaw jiġu kkunsidrati fi Franza bħala drammi.

Fil-każ t'*Antigona* Anouilh deherlu għandu jinsisti li hi traġedja u mhux dramm. Fil-paġna li kkwotajt minnha inti stess qabel (p.38), hu jinqeda bil-Kor biex fuq il-palk stess joħroġ id-differenza bejn dramm u traġedja: "Issa l-ħabel ingħata u l-molla ssikkat. Ma fadalx ħlief li jinħall waħdu. Dak li hemm sewwa f'traġedja. (L-istess mekkaniżmu li f'*La Machine infernale* ta' Jean Cocteau iwassal għat-traġedja inevitabbli fl-istorja tas-Sultan Edipu, imnebbħa mill-*Oedipus Rex* ta' Sofokles ukoll.) ... Fid-dramm, dak li jkun jissielet bit-tama li jġibha żewġ. Tal-mistħija, skont id-daqqa ż-żifna ... Mela daqshekk hu, bdejna. Iċ-ċkejkna Antigona nqabdet ..." U ma tista' tagħmel xejn ħlief tħalli ħajjitha!

Bejn it-traġedja ta' Sofokles u dik ta' Anouilh hemm xebh evidenti. Pereżempju l-fatti netti, jew kif ngħidu bil-Franċiż *l'intrigue*, huma l-istess: Antigona tagħti xi forma ta' sepoltura lil huha kontra l-ordnijiet ta' zijuha Kreon u tħallas b'mewtha għal għemilha minkejja li ibnu stess suppost kellu jsir żewġha. Ċerti xeni f'Anouilh ġew ispirati direttament mill-mudell Grieg ukoll: il-konversazzjoni bejn Antigona u oħtha; ir-rakkont tal-gwardja; il-wasla fl-aħħar tal-messaġġier bl-aħbar tal-mewt tal-eroina, ta' Ajmon u Ewridike. L-istess ċirkostanzi tal-għeluq ma nbiddlux lanqas. Inbidel it-ton, ta' Anouilh hu wieħed familjari, l-affarijiet jispjegahom b'sempliċità kbira u f'termini ta' kuljum. Biex iressaq l-udjenza lejn il-personaġġi tiegħu juża ħafna anakroniżmi: il-kartolina, il-kafè, il-bar, l-ixkubetti, il-film, is-sigaretti, il-qliezet twal, il-karozzi tat-tiġrija eċċ. Forsi aktar importanti minn hekk, insibu karatteristiċi fil-personaġġi ta' Anouilh li m'humiex f'dawk ta' Sofokles u jittrattahom apposta b'mod differenti. Ngħidu aħna, id-drammaturgu Franċiż sal-aħħar juri simpatija ma' Kreon u ma jgħidilniex li spiċċa biex iddispra kif insibu fl-omologu Grieg. Insemmi differenza oħra, u tal-aħħar, inkwantu għar-rwol li tilgħab ir-reliġjon fit-tnejn li huma. F'Sofokles is-sagru hu kollox, biex ngħidu hekk, filwaqt li f'Anouilh it-traġedja ma toffri ebda referenza reliġjuża.



## TIDHER DAQSHEKK ĠENTILI U ONESTA

**Is-sunett : "Tanto gentile e tanto onesta pare"**
**ta' Dante Alighieri**

Tidher daqshekk ġentili u onesta
it-tfajla tiegħi meta tkun issellem,
li kull ilsien jirtogħ'd bla ma jitkellem
u l-għajnejn jistħu jitfgħu ħarsa lesta.

Arawha sejra f'tat-tifħir il-festa
turi rispett mingħajr ħarsa li żżellem[1],
u tidher qisha oġġett nieżel imħellem[2]
mis-sema għall-art f'ta' miraklu-tempesta.

Tant tagħti gost lil min jistagħġeb biha,
illi għajnejn il-qalb iħollu lehma[3]
li ma jifhimx min minnha ma jduqx sewwa.

Jidher li minn xofftejha ħierġa ħlewwa
mgħobbija nifs l-imħabba, ma' xi demgħa,
u tgħid lir-ruħ: 'Ħu n-nifs, tibqax mormija!'

**Maqluba għall-Malti minn Karmenu Mallia.**
**17.6.23**

[1] li ddejjaq
[2] mimli ħolm
[3] ispirazzjoni

# l-Intervista

NITKELLMU MA' AWTURI VARJI

## IL-PONT F'INTERVISTA MAL-KITTIEB INGLIŻ ADAM E. HOLTON, AWTUR TA' *THE FIRST JUNIPER TREE* (2020) -

L-ewwel parti

*Adam E. Holton huwa awtur itineranti u jdoqq il-pjanu. Apparti r-rumanz filosofiku* The First Juniper Tree *(2020), ippubblika wkoll poeżiji u flash fiction (Streetcake Magazine, Litro), esejs ta' natura kulturali u artikli għall-ġurnali (Und, NARC Magazine), u anki serje ta' stejjer-poeżiji għat-tfal (*Wood and Wonder*). Iltqajt miegħu b'kumbinazzjoni f'Settembru tal-2022 waqt li kont miexi max-xatt tax-xmara Thames. Bħalissa qed jaħdem fuq it-tieni ktieb minn erbgħa f'sensiela narrattiva-filosofika u jaqla' l-ħobża ta' kuljum bħala bejjiegħ tal-kotba.*

**Where and when did your penchant for writing begin?**

My mother gave writing to me as a tool to comprehend reality. I struggled to understand why people, civilisations did what they did. She told me to write my thoughts down. She said it would help.

As I began writing what I witnessed and heard and felt, I realised that I would wind up having questions. At a young age, I learnt that questions can be powerful, no matter where you begin in life; questions give you power and autonomy, but also responsibility. If you don't ask them, your silence can swallow you whole. That silence leads people to accept and believe all kinds of bizarre and inhumane theories. By asking questions I learnt to listen. For me, listening is a very active part of a conversation. It requires you to be thoughtful and engaged; not submissive or cynical.

As a child, I also wrote down much of what I experienced in diaries. I grew up with my parents, my sister, two cats and a dog in a haunted 17th century cottage in Wiltshire. There was always a lot going on; a lot to write about.



[Ritratt: Obzocky Photography]

Writing has been one of the most consistent aspects of my life, second perhaps only to breathing and making mischief.

**Tell us something about your cultural – literary, philosophical and musical – formation?**

I understand it as a constant process. It is in flux, one that I am in constant dialogue and intercourse with. I doubt I will ever be fully formed in what could be considered a definitive

state.

As a child I would have nightmares; vivid, horrific visions. I would be alone in a vast, cavernous laboratory within the bowels of a planet. I would be on a conveyor belt. As the belt moved there would be these enormous machines that would lurch towards me, trying to fix me in position on the belt. I knew that if I moved, even if only a little, I could remain free from being moulded into a single position.

To this very hour, if I want to sleep, I still have to turn from one shoulder to the other and back again before I have any chance at a restful slumber.

I think this urge, this necessity to keep myself in movement, encouraged me to be, in some senses, culturally maladaptive. Rather than obedient and well-defined, I endeavour to be a bit messy and open to other people, their ideas, their stories. I am proud to be peculiar.

Other people, strangers in particular, have a massive impact on me. They have taught me all the languages I know – the first words and phrases in a new tongue; how to move my body. Strangers are the ones who recommend books. Without them I never would have read Miljenko Jergović, Dostoevsky, Bulgakov, Joyce, Kurkov, Adichie, Tokarczuk, Gumbs and the libraries of more than I don't have space to name here. They are also the ones who tell me where to find the music.

If not strangers, then it is by chance. The miracle of a song on the radio that catches you by surprise. The overheard conversation in public. Being invited into their discussion or allowing my curiosity to introduce myself, in a humble manner, into the discourse. The book found on a park bench or on the side of a pavement – Rumi, Ibsen, Durrell, Auster, Sophy Roberts, Kropotkin.

I learnt a few things in university, as an Anthropology student in Canada (Guelph) then as a Sociology student in Britain (Warwick), but most of what I have come to see as truthful comes from direct experience with people.

If not from strangers, or chance, then it is by wilful determination. I taught myself to play the guitar and piano. I am by no means a technical musician, but both these instruments are places I can go to and learn by exploring, by acting. Does this sound fit with this sound and so on. I can be innocent with a piano. I can sit there for hours, undisturbed by thoughts, in playful experimentation. That is how 'Lilac Iris', the music for *The First Juniper Tree*, came about.

**I've seen artists parading their talent in the cities – musicians, dancers, magicians, jugglers – but never a writer with his old luggage as a table for his old typewriter. How did this idea come to your mind?**

In April 2022 I was sat on a bench on the South Bank in London opposite the Frank Dobson sculpture. I would sit there everyday with a small suitcase full of my novels and a sign that said 'Fancy a chat?' I would talk with many people, about many different subjects. Since December 2020 I had been traveling around central and eastern Europe doing this as far east as the Ukraine, as far south as Sicily, before heading north to the island (https://www.writing.ie/resources/how-to-sell-a-book-during-a-pandemic-by-adam-e-holton/ ) (As a slight digression, I often don't know how to refer to the country I currently live in at the moment. It is neither Great Britain, nor the United Kingdom. 'The island' is what I use to describe it now.)

That bench became my second home. Beneath the London plane trees I would think and discuss life with people. There is an article and a short documentary related to this that you can find on https://thefirstjunipertree.com. And there is talk of a feature length documentary in 2023, but we'll have to see




about that.

One afternoon, perhaps a Wednesday, someone asked if I had ever met the poets down by the Tate Modern. They sit out there with typewriters, improvising poetry for people. I had not. The person left the bench and, for about a month, I allowed my imagination to fill with the ideas of the entire bank of the river being full of people deep in discussion; acrobats, improvisers and so on. It was a wonderful dream. It already exists on some parts of the riverside.

It wasn't until one day in May that I got into a conversation with a couple from the Ivano Frankivsk region of the Ukraine. I had been there, before the war began. I had a few profound experiences there that have impacted the present course of my life. We talked on and I told them about the poets down river. They asked if I had met them yet. When I said I hadn't, they offered to give them my number. They were walking that way.

An hour and a half later I got a message from Luke. That evening we met in a pub down a crooked alley in the back streets near London Bridge. It was a bizarre and raucous affair. I began wondering whether or not I could sit out on the river, improvising flash fiction for people. As Luke and I parted ways, I felt a decision being made for me.

I have played this game, inviting people to give me three words and a name, for many years. In the past I would tell the story out loud. It wouldn't be much of a transition to do a shorter version on a typewriter for people in public.

I consulted the I Ching. The outcome seemed favourable. In June I travelled to Austria to pick up my typewriter. I set up on the South Bank at the start of July with my typewriter, my old suitcase and a sign that read 'Flash Fiction For You. Give me 3 words, 1 name, 5-10 minutes and I give you a story. Pay what you feel.'

So far it has been a mix of chaos, fun and an argument over public/private land use. But I enjoy it a lot.

**You ask passers-by to give you three words and a name (a game mentioned in your novel that can enhance children's creativity), together with 5 to 10 minutes to write them a short story. How does this work? Is there a kind of canovaccio or template of some kind?**

There is no template, no canovaccio. One way I describe it to people is to ask them to imagine the curtains they open in the morning. The three words and the name they give me are my curtains. I type them onto the top of the page. Then I open the curtains and look at the world that I see in my imagination. Much in the same way people see a new world when they open theirs in the morning.

To others I describe it as an act of listening. I am in a kind of jazz state, improvising with all the elements present and imaginary. What I find out there is what finds its way into the story.

I trust, love and have faith in my imagination over most other things in life. Whatever I see or hear (as my imagination whispers ideas into my thoughts) gets typed into the story. My intuition will tell me when the story is finished, when to stop. I know it will.

I'm of the belief that it is the latter description that also makes sense of how some of the stories touch real, living nerves for people. People will read the stories in front of me before leaving. I welcome the immediate feedback. I have witnessed a lot of laughter and the tears of catharsis. To the reader it can often feel uncanny or bizarre. I have been asked many times if I am some kind of magician. I tell them I'm just listening.

People make such a big impression on me as soon as they step forward. It is not a thought process, I have never studied or learnt how to read people in a formal sense. I welcome them, as they are. The whole situation is only possible because they are acting on their curiosity. That is a powerful thing to witness. It is inspiring.

But there is no formula. Only the ritual or putting the paper in the typewriter and asking for three words and a name. Typing those words and that name at the top of the page. What happens next is magic.

**On page 119 one reads: "I had been seeking conversation and perspective and I found it among people." Your work in the street gives you the opportunity to meet lots of people, everybody with their individual traits. This surely helps in your inspiration-writing process. How true is all this?**

The work with the typewriter gives me many brief and intense encounters with people. During some days I can type up to 60 stories in four or five hours. Each one as unique as the person who follows their curiosity.

In the moment, yes, it is an incredible source of inspiration. It gives me strength and courage to be optimistic about our species. So, perhaps, the conversations inspire the optimism. And that in turn inspires me to ask questions and write for alternatives, instead of against something that brings me no joy.

With regards to my writing process for the longer pieces of work, the more in-depth conversations I have with people on other occasions, when I sit out with the other sign and the smaller suitcase, or just in the act of living, are very influential.

Conversation is also a great space to 'try out' ideas for sentences, turns of phrase, descriptions and so on. I get to gauge how a person can react. If something resonates with a



person, it stays; if not then it changes.

**Does typing short stories on the South riverside provide a full-time job, your daily bread? If not, what are your other activities?**

At the time we met in '22 on the South Bank the answer was yes.

At the end of September, I went in search of a different spot to improvise stories. The senior management of the National Theatre were unsupportive of my presence and became threatening. I decided to head north, over the river, and ended up on the canal behind King's Cross. I was welcomed to busk beside the book barge that is Word on the Water ( https://wordonthewater.co.uk ). By the time winter arrived I felt so accepted and supported by the community that sustains the book barge that I asked if they needed an extra pair of hands to cover shifts as a bookseller.

They said yes. So now it is a mix of busking and bookselling.

There are two other strands of employment. In July '22 I was asked for a story by someone during a community street festival in Kentish Town that I arrived at by chance. They enjoyed their story and approached me later in the day about a potential collaboration. After a couple of discussions, I hosted an event called Stranger Stories in January at the Roundhouse ( https://roundhouse.org.uk ).

The event was a great success. I created an evening that was a mix of mingling with strangers and a collaborative/improvisational writing workshop. No experience was necessary, just an openness and willingness to work with strangers.

It was such an enriching evening for people who, as adults, so rarely get a space to be creative in a playful way – or playful in a creative way – using their imaginations.

Word on the Water had shown interest in hosting the event as well. So, during February, March and April I ran a couple of sessions there, before returning to the Roundhouse in April. I will also run this event for the Society of Authors in July. For a brief description please check out https://ticketsource.co.uk/found-out-there.

I will continue to host these events, encouraged by the responses of the people who come. I am convinced the future of art is participatory. And the requests from these spaces and organisations only abets my belief that this direction is part of what people are yearning for; spaces to act and be their actual selves, in all senses.

The other strand of employment is to sit as a life model for painting classes in parts of London.

**You are also the author of a self-published novel, *The First Juniper Tree* (2020). Reading the novel, especially the first part, feels like reading many fragments – perhaps based on the experiences of different people met during a lifetime – put together thus leading the reader to a single destination. Your reactions?**

Yes, there are many aspects of life, many experiences of different people, that were gathered up and portrayed throughout the book. I enjoy weaving all these elements together. This project began life in October 2017, just after I moved to live in the Austrian mountains. I wanted to set down all of these fragments, these glimpses, to show how I had arrived at the belief that collaboration is integral to the human experience.

This is also the first book in a series of four. Each book is a small aspect in the transition from (very close to) non-fiction, to (more like) fiction, to fiction and a fourth transformation that I am not yet sure how to name.

There are also many of these passages in *The First Juniper Tree* because I wanted to present the city of Newcastle as it was in the time I lived there. That city had a massive impact on me as a person.

[It-tieni parti ta' din l-intervista tidher fil-ħarġa li jmiss, Ottubru 2023]

## ĦAJKU

Bħal f'ċimiterju
f'qiegħ l-ibħra skejjen mgħarrqa.
Karti f'wiċċ l-ilma.

Karti jitwaddbu...
f'moħħ tfajjel jidhru friefet.
Il-banda miexja.

Tieqa magħluqa
ħa żżomm l-istorbju barra.
*Driller* itaqqab.

Kaxxa 'nfernali
li ttemm ġimgħa ta' festi.
Għada xalata!

"Morru fil-paċi."
Mill-knisja lebbtu f'tebqa
żwiemel ġerrejja.

Brama titliegħeb.
Il-bulijiet felħana
baqgħu jixxemmxu.

'L hawn, 'l hinn, fuq, isfel...
id-dinja pandemonju.
Ġaħan jirrenja.

Maskra milbusa.
Tabib jgħannaq 'l uliedu...
f'abort jgħin mara.

Sajda bla rebħa -
Lampuka tgħum kuntenta
f'baħar kaħlani.

Għanjet iċ-ċawla
tinstema' b'volum għoli...
Marċ ta' filgħodu.

Siġra tinżabar...
tisfida w terġa' tikber.
Leħja f'wiċċ raġel.

Biż-żigarelli
tindifen tomna raba'.
Dak *Housing Estate*!

Għajnejk miksura
f'wiċċ fenek b'demmu jqattar...
platti fuq mejda.

Tqaċċtu l-imsaġar.
L-art laqgħet ġungli ġodda...
ħadid u konkos.

**ANSELM SCIBERRAS**
(minn *Umbrelel tal-Karti*, 2013)

# Reċenzjonijiet




# Rakkonti

# Kitbiet oħra



# DAK IL-LEJL

**Rakkont ta' Emmanuel Attard Cassar**

Dak il-lejl iddeċieda li traqqdu Ester. Il-lejl iebes wisq. Għalaq għajnejh u immaġinaha fil-pjazza, tidħaqlu, bħalma kienet għamlet fl-istess pjazza ħamsin sena qabel.

Tidħaq, kienet qabditu labranzetta u qaltlu "kemm int kwiet". Imbagħad fesfsitlu f'widnejh "jien il-kwieti tgħidx kemm inħobbhom, speċjalment il-mużiċisti".
F'idejh kellu l-vjolin fil-case tiegħu. Dejjem għaxxqu dan l-istrument bil-ħoss semi-melankoniku tiegħu.
Stednitu jmur mal-grupp sa taħt is-Sur sal-Friend to All Bar u qalilha li ma jistax għax għandu lezzjoni tal-vjolin.

Dal-lejl kellha traqqdu Ester, dik li tħobb lill-kwieti u 'l-mużiċisti.
Strieħ imġenneb fuq ix-xellug tiegħu u tħażżem sewwa taħt il-quilt. Kien lejl kiesaħ.
Staqsiha jekk ħaditx pjaċir fil-Friend to All Bar mal-grupp. Qaltu iva b'daħqa solari. "Lagħbna twenty-questions u dak ta' quddiemi ħares lejja b'ħarsa ta' nkejja u qalilna 'Annimal'. Meta miss lili biex nagħmel il-mistoqsija, staqsejtu: 'dan idoqq il-vjolin?' L-oħrajn daħqu. 'Trid tipprova tgħidha?' staqsieni."
"Mela ħa nfakkrek: Mir-raħal, ġuvni, joqgħod fi Triq ir-Rebħa u jdoqq il-vjolin. Tafu żgur."
Għidtilhom "Antonio Vivaldi" u kulħadd daħaq.

Imbagħad qsamna l-port bid-dgħajsa. Ma domniex ħafna n-naħa l-oħra. Erġajna lura bid-dgħajsa malajr. L-oħrajn marru lura fil-Friend to All Bar u jien mort id-dar ... għax ... moħħi kien xi mkien ieħor ... ma kontx naf x'qed jgħiduli."
"Għannaqni," qalilha, "għannaqni".
U raqad.

## L-EŻAMI TA' ĊENSU

**Kitba ta' Victor V. Vella**

Meta Ċensu sab ruħu quddiem San Mikiel u rah juża l-miżien tal-ħajja għall-ewwel ħa qatgħa. Il-keffa l-bajda kienet donnha qiegħda tegħleb lill-keffa s-sewda. Fil-fatt kienu telgħin u neżlin għax il-komputer ta' San Mikiel kien modern u sensitiv u kien juri malajr id-dettalji tal-ħajja tiegħu. Ċensu qagħad jistenna b'qalbu ttaqtaq avolja ftakar li l-mara li ħalla warajh kienet tħobb tgħidlu kultant...'Inti bniedem bla qalb.'... U issa beda jiddubita jekk kienx ġie fi kliemha. Kien attent biex jara kif sejra l-biegħa fuq l-iskrin tal-komputer u baqa' mistagħġeb kemm San Mikiel u sħabu kienu *up to date*. Beda jitħasseb għax beda jara figuri antiki li jmorru sittin u sebgħin sena lura u kienu kollha imniżżlin bit-dettalji b'kollox. Meta beda jaħseb beda jiftakar li Ċensa kienet tgħidlu kultant...'Int bla moħħ' jew 'Int bla ras'. Issa kompla beda jħoss li mhix ħaġa kbira li kienet profeta... Beda jiddubita x'ċans għandu jekk l-anġlu Mikiel li deher li kien minn tagħna, kienx kapaci jibbilanċja t-tajjeb mal-ħażin.

U ajma... ħaġin: kien għamel ħamsin sena, jew ftit iżjed jew inqas, mal-istess mara u, iva, meta kien għadu żgħir.... imma mbagħad donnu ħa r-ruh għax ftakar li dak iż-żmien ma kenux jeżistu l-komputers imma seta' jara wkoll li Mikiel kellu uffiċċju kbir mimli bis-segretarji u għall-ewwel beda jaħseb li donnu għadu fid-dinja. Imma ħaseb li aħjar ikun pożitittiv u beda jispera li San Mikiel ma kienx is-surmast Borg Vella li meta kien għadu l-iskola kien dejjem jibgħat għalih u jwissih u jibgħat għal missieru għax 'Hekk u hekk ma hu', u jkompi jibagħtlu rapport li jekk jibqa' sejjer hekk jista' jitlef il-qaleb u l-ġbejna... Iva, is-surmast Borg Vella kien iħobb juża lingwa kkulurita u kultant kien jgħid affarijiet li kien difficli biex tifhmu.

Sadattant Mikiel kompla jtella' u jniżżel u l-keffa tat-tajjeb kienet qisha ċiklambuta tielgħa u nieżla... Sakemm fl-aħħar Mikiel qallu, 'Mela Ċens... kif tista' tara smajt 3640 quddiesa ta' nhar ta' Ħadd... Iva, bejn wieħed u ieħor.... Dik ta' kull nhar ta' Ħadd u mbagħad hemm il-fixex... hawn ara ġieli kont tmur għal xi quddiesa tal-ewwel Ġimgħa tax-xahar... jew ara... hawn għandek erba' funerali ġmielhom... Imma jekk inħarsu lejn il-*graph*... hawn ara kemm hi ċara... sa ngħidu aħna... sa meta kellek 15-il sena kont tant devot. Imma mbaghad... qiegħed taraha dik il-linja... donnha tinżel titkaxkar mal-art...!

Ċensu kien se jiftaħ ħalqu biex jipprova jispjega jew idaħħal skuża... imma Mikiel malajr qallu, 'Le Ċens tghidi xejn għax dik normali għax jidħlu d-dubji... int kont imħabbat... bix-xogħol u x'ħa tagħmel fil-ħajja. Iva, diġà semmejt id-dubji... komplejt sibt waħda... li ma nlumekx... għax in-natura tibda tagħmel tagħha... dik parti mid-dinja xi tghid... Ara x'feġġ... Kont sikwit tgħid ir-rużarju filgħaxija... imma qtajtu, imbagħad meta tfarfart u wara li mietet ommok... Ma ġara xejn. Dak li jiġri għax la nikbru jew intom tad-dinja la tikbru tħobbu tbiddlu u biex turu kemm tikbru u tbiddlu ħafna jew tinsew dawk id-drawwiet tajbin li kellkom meta tkunu żgħar... biex taparsi turu kemm kbirtu... Ħa ngħidlek biex tkun ippreparat, mhix ħaġa kbira li tiltaqa' ma' Pawlu li għalik Malti jfisser ħafna avolja għadkom tfittxu fejn tfarrak... Iva... nispera li tiltaqa' miegħu għax dak għadu sejjer jipprietka u jikteb... Issa għandu blogg u jidher fuq diversi channels... Sirt naf li qiegħed jidher fuq Skype... u bejnietna ma jistax ilaħħaq... Iva, trid toqgħod attent kif tkellmu għax issa... Iva, waqa' minn fuq iż-żiemel għax kien donnu qiegħed itellaq il-Marsa imma għadu sejjer jiġri u... jikkostinja fuq kull ħaġa... u kultant jagħtik li tghid li tilef ftit mill-umiltà, jekk qatt kellu. Ħa ngħidlek, kien tal-affari tiegħu u kien bniedem li jaf u nista' nżid u ma nafx tafx li issa hawn min qiegħed jissuspetta li kien ibati xi ftit bl-*inferiority complex*... għax



dana ħa ngħidlek... bejnietna... meta bniedem jitla' fuq żiemel u jaqa' jew iwaqqgħu... ħaġa li qatt ma studjajnieha... u wkoll li jirkeb fuq ġifen u jitfarrak... u bejnietna Ċens donnu ma kienx impressjonat li tfarrak fejn tfarrak... għax ħa ngħidlek qatt ma kitbilkom xi ittra... hekk biex ngħidu aħna jispjega x'għamel u fejn tfarrak. Donnu kien iżjed ħsiebu fil-bliet il-kbar... Ma tlumux... Imbagħad... Ara x'feġġ issa fuq l-iskrin kif kont aljenat... ara ħa hawn kif qiegħed tara issa l-keffa s-sewda biex nsejħilha hekk... hawn ara niżlet 'lisfel f'salt... u... mimlija bil-varjetà. Ara ħa hawn partita kliem goff... u donnok kont tieħu pjaċir issemmini fil-batal... mhux dejjem f'xi sentenza li tibda b'Viva San Mikiel... jew San... u miegħu kont issemmi u tniżżel xi erbgħa oħra minn ta' hawn fuq... U le, xejn kbir, imma kultant jistonaw... tifhimha l-affari... Hekk... donnha li kienet taqbiżlek xi naqra l-molla u tintilef u lsienek jieħdok... ikolli ngħid... fejn ma kontx trid... Dana ħa ngħidlek la tkun fil-furja jew tal-kliem jew tar-rabja... int donnok minn ċkunitek donnok kont titlifha naqra żejda xi tgħid! Hekk meta dħalt fl-erbgħinijiet jew il-ħamsinijiet... u saħansitra meta kont l-iskola... imma insomma dawk affarijiet żgħar... xi kelma 'l hawn u 'l hinn. Imma ħa ngħidlek aħna dejjem bix-xewqa u bil-kurżità li nifhmu minn fejn kont ġej... le le... għaliex kont taġixxo kif kont... u donnu ma kellekx ħajta fi lsienek. Imma inti kellek ġenituri li kienu jieħdu ħsiebek u jħobbuk u tellgħuk tajjeb.... avolja kellek kompetizzjoni ġmielha ta' erba' aħwa... Nifhimha... mhix faċli. Jiena ħa ngħidlek esperjenza ta' hekk ma għandix imma nist' nimmagina li ommok u missierek ma tantx kienu jerfgħuk fuq saqajhom u jgħidulhek, "Imma kemm int sbejjaħ, b'dawk in-nokkli", jew jekk idur ir-riħ... jgħidulek, "Imma kemm inħobbuk" jew ikantawlek il-Banni Bannozzi... Taf int dak kien żmien ieħor... u jkolli ngħid li billi int kont fuq gżira żgħira dak iż-żegħil ma kienx parti mill-kultura, u ma kinitx tinżel sewwa mal-bizzilla u l-għaġin il-forn... xi tgħid...!

Mhux bħall-oħra li meta kont tkun tilgħab il-bixkla l-każin u flok ass tal-bixkla tfiġġlek il-karta ħamra bin-numru ħamsa fuqha u kont iżżarrat xi waħda... u taqleb it-tazza tal-inbid u t-te bil-lumi ta' siehbek Ġakku... Dak issa ilu erbat ijiem hawn u donnu... iva għal Ġakku qiegħed ngħid... dara għax ħa ngħidlek għall-ewwel it-telfa tad-dinja ħassha u kien għamel f'qalbu imma mbaghad bil-kant kien jedha u sibnielu xogħol li jogħġbu... Bħalissa tfajnieh fuq it-temp u l-istaguni, jirregola l-kurrenti u rjieħ u insomma... Iva kif taf int, fid-dinja kien dejjem iħares lejn l-imtieħen u għedna, "Mela dilettant tar-riħ..." Bħalissa qiegħed jaħdem taħt wieħed Lhudi li hu espert... taf int, il-Lhud ma jaqbżilhom xejn... Bħalissa qiegħed jara kif iżid ix-xita fuq l-Amerika ta' Fuq... għax ħuh fetaħ ħanut tal-umbrelel fi New York... tant li bix-xita li mhix tas-soltu, qegħdin jaħsbu li waslet l-aħħar tad-dinja jew se jkollhom jibnu arka oħra kbira bħal ta' Noe... Iva, Ġakku issa ilu hawn u mhix ħaġa kbira li tiltaqa' miegħu għax minn tagħna ferm... u jkellem lil kulħadd...

X'irrid ngħid? Jigifieri kif tkun hawn x'tagħmel insibulek... Int kellek waħda Ċens... kont tħobb ħafna li San Viċens... l-appostlu tal-Karità. Hawn ħa ara hawn għandi mniżżel li ma kontx titlef quddiesa meta tkun il-festa tiegħu... jew l-*onomastico* tiegħek. U kont tagħmel ħafna karità... U għandi wkoll lista twila ta' noveni li kont tagħmel u kultant kienet taqbiżlek xi waħda mhix f'lokha fuqu... għax dana la tkun tħobb li xi ħadd... xi tgħid... Aħna hawn Ċens l-psikoloġija nafuha u nikluha bil-ħobż... u l-bniedem nifhmuh minn rasu sa saqajh u kultant inħaffru sal-qalb u insiru nafuh għax aħna bin-nies li għandna dejjem għandna għajnejna fuq id-dinja u l-individwu nafuh bl-għeruq u x-xniexel għax la niddeċiedu fejn se npoġġuh dak li jkun... intix tifhem... tinsiex li għal dejjem. Allura kemm nistgħu ma nagħmlux żbalji. Mhux bħal...

Inti Malti hux veru, Ċens, allura s-sistema taf kif taħdem. Jiena qiegħed nara biex nara neħilsekx mill-Purgatorju... anki għal ftit. Agħtini ċans inkellem lil Pietru għax bħalissa hu *in charge*... u dak taf kif inhu, ibati naqra bihom kultant... ma jistax jisma' serduk għax donnu jintilef... imma issa dara hawn għax iż-żmien inissi... U ħa ngħidlek baqagħlu ftit riħa tal-ħut u tistagħġibx jekk jgħidlek l-istorja ta' meta kien qabad dik il-qabda kbira ħut u qabeż il-baħar... Nipprova nsibu f'burdata tajba u forsi jaqdini. Jekk le, nipprova inkellem lil Mattew li kien jigbor it-taxxi... Imma dak taf int, jistenna xi ħaġa... Inti ħalli f'idejja... u nirranġalek.

Mela sadattant mur minn fejn ġej il-ħoss tal-kant. U ara ssibx siġġu vojt... bħalma kont tagħmel għall-festa tar-raħal u toqgħod tisma' l-kant tal-Allelulja. Hawn kollox b'xejn, Ċens... Le le ma tridx sold għas-siġġu...

## GODE L'IMMUNITÀ....

Kultant, maghkus, fi triqti
nidħol f'kappella
nistkenn mis-sirġa tax-xemx
li twaġġa' l-għajnejn;
għas-sirda logħbiena nidħol
ta' maqdes,
nara l-għabra tiżżeffen
fid-dija tal-imrieżaq
deħlin mit-tieqa
jgħawru fil-ferita,
fil-marċa ta' ruħi lehġiena.

U nisma' ssummat
it-taħbita ta' qalbi
fis-susa tas-siġġu
ittektek is-sekondi li fadal,
u fil-bir taz-zuntier
il-belliegħa...

U bla lsien nitkellem mal-Mulej,
bħal namrat mal-maħbuba...
Xejn ma jiswa l-kliem
fejn hemm il-qrubija.

Is-silenzju tiegħek, Mulej,
fih it-tqala tal-imħabba.

**ACHILLE MIZZI**
**(Minn *Eklissi Perpetwi*, KKM, 2007)**





# IL-PIJUNIER FIT-TIPOGRAFIJA U L-EDUKATUR KBIR TAL-POPLU BELARUSSU FRANCYSK SKARYNA

**Kitba ta' Yana Psaila**

Francysk Skaryna, l-edukatur kbir tal-poplu Belarussu, il-pijunier fil-qasam tat-tipografija u li l-kotba tiegħu stabbilew is-sisien għar-regolamentazzjoni tal-lingwa letterarja tal-Belarus, twieled madwar l-1470.

Hemm ħafna lakuni fil-bijografija ta' Francysk Skaryna u li jeħtieġu riċerka addizzjonali. Iżda huwa magħruf li twieled f'Polotsk. Hu rċieva l-edukazzjoni primarja f'daru stess, fejn tgħallem jaqra u jikteb biċ-Ċirilliku permezz tas-Salterju. Il-lingwa tax-xjenza ta' dak iż-żmien (il-Latin) studjaha x'aktarx fil-knisja ta' Polotsk jew Vilna. Fl-1504 daħal fl-Università ta' Krakovja, li dak iż-żmien kienet famuża fl-Ewropa għall-Fakultà tagħha tal-Arti Liberali. Bis-saħħa tal-istudju fl-università Francysk Skaryna rrealizza x'perspettiva wiesgħa u għarfien prattiku jġibu s-"seba' arti liberali" lill-bniedem. Hu ra dan kollu fil-Bibbja, għalhekk permezz tal-attivitajiet tiegħu ta' traduzzjoni u pubblikazzjoni ra kif jagħmel biex il-Bibbja tkun disponibbli għall-poplu tiegħu.

Fl-1506 Skaryna ngħata Baċellerat fil-Filosofija. Fl-1512 wasal fl-Università ta' Padova fl-Italja, meta diġà kellu Master's fix-Xjenzi Liberali. Skaryna għażel din l-istituzzjoni edukattiva biex jikseb Dottorat fil-Mediċina. F'Novembru tal-1512 fil-palazz episkopali fil-preżenza ta' xjenzati famużi mill-Università ta' Padova u l-ogħla uffiċjali tal-Knisja Kattolika, Skaryna ġie ddikjarat Duttur fil-qasam tax-Xjenzi Mediċi. Il-pittura tiegħu, li nħolqot f'nofs is-seklu XX, tinsab fis-sala tat-tifkira fost 40 pittura oħra ta' xjenzati Ewropej distinti li ggradwaw mill-istess Università.

Bejn l-1512 u l-1519 ix-xjenzat kien qed jaħdem fi Praga - iċ-ċentru tal-istampar Ċek. Hu ppubblika 23 ktieb illustrat tat-Testment il-Qadim bir-Russu antik, fosthom il-Ktieb ta' Ġuditta fl-1519. Kull wieħed mill-kotba tal-Bibbja kien ippubblikat b'mod separat, b'paġna tat-titolu, kif ukoll bil-prefazju u l-epilogu. Ta' min jinnota li l-pubblikatur żamm ma' prinċipji uniformi għall-preżentazzjoni tat-test (l-istess format, strixxa tat-tajping, tipa, disinn artistiku). B'hekk kien ikun possibbli li l-pubblikazzjonijiet kollha jingħaqdu taħt qoxra waħda. Traduzzjoni li saret mill-ewwel stampatur, kanonikament preċiża biex twassal l-ittra u l-ispirtu tat-test bibliku, ma kinitx tippermetti lanqas xi libertajiet u żidiet li seta' jkun hemm mill-interpretu. Huwa enfasizzat li t-test iżomm l-istat tal-lingwa li tikkorrispondi għall-oriġinali bl-Ebrajk u Grieg.

Il-wirt li ħalla Francysk Skaryna jgħodd 520 ktieb, li ħafna minnhom jinsabu fir-Russja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ġermanja. Madwar 50 pajjiż għandhom edizzjonijiet ta' dan l-ewwel stampatur tal-Belarus.

Illum il-ġurnata l-ogħla premjijiet tal-Belarus huma msemmijin għal dan l-edukatur kbir: ordni u midalja. L-istituzzjonijiet edukattivi u t-toroq, il-libreriji u l-assoċjazzjonijiet pubbliċi huma ukoll imsemmijin għalih. Pjaneta minuri skoperta mill-astronomu Sovjetiku Nikolai Chernykh ġiet imsemmija għal Francis Skaryna.

L-awtriċi ta' dan l-artiklu qalbet silta mill-prefazju ta' Francysk Skaryna għall-Ktieb ta' Ġuditta mill-oriġinal għall-Malti għall-ħames edizzjoni tal-ktieb "Franzisk Skaryna fil-lingwi tal-popli tad-dinja" li se joħroġ fil-ġejjieni fir-Repubblika tal-Belarus.

Урывак з прадмовы Францыска Скарыны да кнігі «Юдзіф»

«Понеже от прирожения звери,
ходящие в пустыни,
знають ямы своя;
птицы, летающие по возъдуху,
ведають гнезда своя;
рыбы, плывающие по морю и в реках,
чують виры своя;
пчелы и тым подобная
боронять ульев своих, —
тако же и люди,
игде зродилися
и ускормлены суть по Бозе,
к тому месту великую ласку имають».

Silta mill-prefazju ta' Francysk Skaryna għall-Ktieb ta' Ġuditta (maqluba minn Yana Psaila)

"Skont in-natura tagħhom
l-annimali li jimirħu fid-deżert
jafu l-għawriet tagħhom;
l-għasafar li jittajru fl-ajru
jafu l-bejtiet tagħhom;
il-ħut li jgħumu ġol-ibħra u x-xmajjar
jiftakru minn fejn ġew;
in-naħal u oħrajn bħalhom
jiddefendu l-qolol tagħhom,
l-istess il-bnedmin,
ma' dawk il-postijiet fejn twieldu
u trabbew qalbhom tkun
marbuta tassew."




## MURAKAMI BIL-MALTI

***Norwegian Wood*** **ta' Haruki Murakami, maqlub għall-Malti minn Charles Flores (Horizons)**

Il-protesti tal-istudenti fis-Snin 60, il-Beatles, taqlib soċjali kull fejn tħares u ma' kull fejn tmiss, l-imħabba, is-sens ta' iżolament u sfidi oħra li jsibu ma' wiċċhom – anki llum – iż-żgħażagħ kullimkien fid-dinja, huma l-ingredjenti ta' dan ix-xogħol letterarju ġdid bil-Malti.

*Norwegian Wood* huwa rumanz modern tal-awtur ċelebri Ġappuniż Haruki Murakami, xogħol li tah isem madwar id-dinja u saħansitra nqaleb għal diversi lingwi. Issa l-Malti, żgħir imma maħbub, qed jieħu postu magħhom.

Ta' min jgħid li Murakami kien żar Malta fl-1987 u eventwalment għamel referenza għall-Gżejjer tagħna fil-ktieb tiegħu *Wind-Up Bird Chronicle*. Hu magħruf li Murakami nnifsu, permezz tal-aġenti tiegħu, feraħ meta sar jaf bit-traduzzjoni tal-ktieb tiegħu għall-Malti u, fejn jidħlu jeddijiet, wera ruħu mill-ewwel lest jifhem iċ-ċokon tas-suq tal-ktieb Malti.

*Norwegian Wood* jilħaq lil ġenerazzjonijiet diversi. Kemm dawk li għexu s-Snin 60 u għadhom nostalġiċi għal dak kollu li, fit-tajjeb u l-ħażin, raw iseħħ, kif ukoll għal dawk il-ġenerazzjonijiet ta' wara li jħobbu l-ġrajja ta' missirijiethom u nanniethom, esperjenzi li llum huma parti sħiħa mill-istorja dinjija.

Charles Flores qaleb ix-xogħol ta' Murakami mill-Ingliż, ħerqan li joħloq ħolqa letterarja bejn Malta u l-Ġappun, iżda lil hinn minn tentattivi sbieħ u iżolati li saru fl-imgħoddi bil-kitba tal-forom poetiċi Ħajku u Tanka. Li llum il-Malti għandu dan ir-rumanz famuż mill-Ġappun mhux biss hija kisba oħra għal Ilsienna, iżda anki riflessjoni tar-rabtiet qawwija bejn iż-żewġ pajjiżi, maqtugħin minn xulxin b'xejn inqas minn għaxart elef kilometru.

*Norwegian Wood* jinsab għall-bejgħ mill-ħwienet tal-kotba kollha kif ukoll direttament mingħand Horizons fuq horizons.com.mt

## GĦALLIEMA TAL-MALTI FL-UNIVERSITÀ TA' OSAKA

Ftit jafu li fil-Ġappun hemm grupp żgħir ta' għalliema li qegħdin imexxu kors fit-tagħlim tal-Ilsien Malti.

It-tagħlim tal-lingwi fost il-Ġappuniżi huwa xi ħaġa popolari ferm u l-għażla tal-Malti, fost oħrajn, tkattar interess lingwistiku li jkattar ħidma fl-iskambju kulturali bejn il-pajjiżi.

Il-Professur Youichi Nagato mill-Università għall-Istudji Barranin ta' Tokjo u l-Professur Sumikazu Yoda mill-Università ta' Osaka li kienu l-moħħ wara l-korsijiet, jafu jitkellmu sewwa bil-Malti u jieħdu ħsieb jaqsmu l-esperjenza tagħhom ma' studenti u għalliema ma' sħabhom kif ukoll ma' Maltin li ħadu interess fil-lingwa Ġappuniża għal għanijiet varji, fosthom l-istudju, id-diplomazija u saħansitra passatempti intellettwali mill-isbaħ.

Sabiex tagħti l-appoġġ tagħha lil dawn il-korsijiet, l-Ambaxxata Maltija f'Tokyo ħadet ħsieb tgħaddi xi kopji tal-ktieb *Norwegian Wood* (Horizons, 2023), traduzzjoni għall-Malti minn Charles Flores tal-awtur ċelebri Ġappuniż Haruki Murakami, lil dawn l-għalliema biex jgħinhom fit-tixrid u t-tagħlim tal-Ilsien Malti.

*Norwegian Wood* jinsab għaddej tajjeb fis-suq tal-kotba bil-Malti u għalhekk joffri lill-għalliema u studenti Ġappuniżi xogħol riċenti bil-Malti li jlaqqa' b'mod l-aktar ħaj iż-żewġ ilsna waqt li jagħmel parti minn skambju kulturali mill-aqwa.




## *ĠRAJJIET IL-KLIEM QADIM U TEKNIKU* ta' Charles Briffa, (Malta University Publishing, 2023)

*Ġrajjiet il-Kliem Qadim u Tekniku* huwa parti mill-proġett vast fil-qasam tal-lingwistika kulturali ta' lsienna li jiddilja l-aktar mal-evoluzzjoni tat-tifsir. Dan il-ktieb, li jkompli ma' ta' qablu *Ġrajjiet il-Kliem: Koktejl Lingwistiku* (2019), jifli xi termini tal-Malti mejjet minsi u tal-ħidmiet tekniċi tal-Maltin. Għaldaqstant dan il-proġett ikompli wkoll max-xogħol li hemm f'*Dizzjunarju tal-Kullana Kulturali* (2010), *Il-Ġrajja wara l-Kelma: Ngħarrxu fl-Imgħoddi u l-Preżent* (2018), u *Il-Ġrajja Ssir Kelma* (2021) – ħidma ta' qadi li tissiegħen max-xandiriet tiegħi fuq l-istess suġġett fuq diversi stazzjonijiet tar-radju u t-televixin.

Bi *Ġrajjiet il-Kliem Qadim u Tekniku* nkompli nara ftit aktar mir-relazzjoni bejn il-lingwa, il-kultura, u l-ambjent. F'dan il-ktieb hemm vokabularju tal-Malti li jirrifletti l-ambjent fiżiku u soċjali tal-Maltin, u fl-istess ħin jagħti ħjiel tal-mentalità tagħhom. F'dak li ressaqt juri parti minn inventarju kumpless ta' ideat, interessi, u ħidmiet li jiġbdu l-attenzjoni tal-komunità Maltija. Fi kliem ieħor, fit-termini li hemm tidher silta mill-karattru tal-kultura ta' ġensna. Dan ix-xogħol ikompli jemfasizza l-fatt li l-ġabra tal-kliem hija indiċi sensittiv tal-kultura ta' niesna; u bidliet fit-tifsir, telfien ta' kliem qadim, ħolqien ta' kliem ġdid, importazzjoni ta' termini kontemporanji huma kollha proċessi li jiddependu fuq il-ġrajja tal-kultura Maltija nnifisha.

It-termini magħżula tqiesu għax-xejriet etimoloġiċi tagħhom u għall-kollokazzjonijiet li ġemmgħu biex jingħarfu l-bixriet tal-mentalità u d-drawwiet Maltin. Fl-istess ħin ukoll ġew studjati kif jitlaqqgħu l-aspetti figurattivi li jikxfu l-perċezzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet matul iż-żminijiet. Il-proġett involva ruħu fil-karatteristiċi tal-ilsien Malti (bħala sistema dinamika) li jirrappreżentaw kunċettwalizzazzjonijiet mibnijin kulturalment li jħaddnu l-medda sħiħa tat-tiġrib uman.

Meta nitkellmu fuq il-kunċettwalizzazzjoni kulturali u l-lingwa l-għan ikun li niflu aktar ir-relazzjoni bejn il-lingwa, il-kultura, u l-kognizzjoni. Il-ktieb jittratta l-lingwa bħala parti integrali mill-kultura u l-kognizzjoni. Iwassa' l-għarfien tal-kultura u l-kognizzjoni permezz ta' staħriġ sistematiku u tgħarbil kwalitattiv biex il-lingwa (bħala parti mill-kultura) tidher b'mod transformattiv taħdem mal-kognizzjoni fuq livell kulturali.

Għaldaqstant, it-termini tqiesu għall-aspetti psikoloġiċi u soċjali tagħhom. *Ġrajjiet il-Kliem Qadim u Tekniku* huwa vjaġġ biex tingħaraf aktar l-identità nattiva mil-lingwa tal-Maltin. Huwa riċerka akkademika oriġinali ta' valur kulturali li jmur lejn il-wirt mentali lokali. Dan il-proġett jagħti xhieda tal-potenzjal qawwi li din il-lingwistika kulturali għandha biex tikkontribwixxi għal għarfien aħjar tal-umanità.




## ENĊIKLOPEDIJA TA' TAGĦLIM NISRANI LI TITTRATTA KWISTJONIJIET ATTWALI

*L-Ordnijiet reliġjużi hawn Malta kienu minn tal-ewwel li bdew ixandru u jippubblikaw kitbiet ta' natura mhux biss reliġjuża imma anki kulturali bl-ilsien Malti, u dan sabiex il-poplu Malti jiftaħ moħħu għal bosta aspetti differenti f'rabta mal-ħajja tal-bniedem. Ir-rivista 'Knisja elfejn', li tieħu ħsiebha l-Provinċja Dumnikana Maltija, ilha teżisti sa mill-1998. Bdiet u għadha għaddejja b'saħħa bħala inizjattiva ta' tagħlim Nisrani għas-soċjetà Maltija u anki bħala strument biex jgħin fil-formazzjoni prattika u attwali tal-persuni kollha bil-għatx li jiskopru aktar kif jgħixu l-kelma t'Alla fil-ħajja ta' kuljum quddiem l-isfidi li jaffaċċjaw. Illum 'Knisja elfejn' waslet fil-ħarġiet 143 u 144, u tista' tissejjaħ enċiklopedija ta' tagħlim Nisrani magħmula minn volumi li jittrattaw suġġetti ta' morali, teoloġija, fidi u kwistjonijiet soċjali li jqumu fis-soċjetà Maltija.*

Volum nu. 143 jieħu l-isem ta' *Il-Virtù tal-Ospitalità*, u huwa magħmul minn 11-il studju, apparti l-editorjal miktub minn Fr Raymond Gatt OP li jfakkarna li t-tifsira ewlenija tal-kelma ospitalità kienet "li wieħed jilqa' lill-barrani, itih dak li jeħtieġ għall-ħajja u jekk dan l-għemil jiġi prattikat għal diversi drabi jsir virtù." F'din il-ħarġa Fr Charles Buttigieg jikteb dwar "L-Ospitalità fl-Antik Testment", filwaqt li Dr Martin Micallef OFM Cap. Jikteb dwar "L-Ospitalità fl-Ewwel Żmien tal-Knisja". Fr Joseph Agius OP jikteb studju intitolat "It-Triq ta' Għemmaws: ospitalità fit-triq (Lq 24, 13-35)", filwaqt li Fr Edgar Busuttil SJ, Dr Daniel Darmanin, Fr Anton Farrugia Pisani OFM u Fr Ivan Attard OP, jittrattaw l-ospitalità f'rabta mal-proxxmu, mal-barrani, mal-liturġija, u dik ekonomika rispettivament. Andrè P. Debattista jispira ruħu mill-enċiklika tal-Papa Franġisku u jikteb studju bl-isem ta' "Magħquda fid-Diversità? *Fratelli Tutti* u l-ospitalità fil-kuntest Ewropew". Żewġ studji oħra huma ta' Marica Cassar ("Caritas Malta – il-missjoni li tospita"), u Fr Joseph Mizzi ("Parroċċa li tilqa'"). Inkluż ukoll studju bl-Ingliż intitolat "Sitting Mary as a corrective to Standing Martha (LK 10, 38-42): Hospitality as Shalom in practice".

Volum nu. 144 jittratta s-suġġett tal-*Komunikazzjoni u Evanġelizzazzjoni*. Anki din il-ħarġa tinkludi fiha 11-il kontribuzzjoni, erbgħa minnhom bl-Ingliż, flimkien mal-editorjal. Din id-darba Fr. Raymond Gatt OP jikteb hekk: "Illum qegħdin ngħixu f'dak li jissejjaħ 'l-ispazju ċibernetiku' li hu d-dinja virtwali tal-kompjuter (internet) jew l-ambjent kumpless ta' fejn ħafna drabi ssir l-interazzjoni bejn il-persuni. Din il-medja elettronika wasslitna biex kważi niddisassoċjaw b'mod totali mill-post fiżiku u soċjali... Il-komunikazzjoni virtwali ħadet prevalenza fuq is-soċjetà: jekk nieħdu ż-żmien tal-covid-19 u dak li ġie warajh, naraw li l-ħtieġa li wieħed jattendi l-quddies naqas minħabba li issa jista' jsegwiha fuq it-televiżjoni jew facebook. Dan ħoloq sfida għall-Knisja biex tara kif hija tista' tkompli l-missjoni tagħha meta tqis li s-sagramenti huma parti integrali mill-evanġelizzazzjoni peress li huma mezzi ta' salvazzjoni u li dawn jeħtieġu preżenza fiżika."

F'din il-ħarġa Fr Jean Claude Attard u Fr James Saydon jittrattaw rispettivament l-evanġelizzazzjoni fid-dinja frammentata tal-lum, u fil-kultura diġitali. Dorianne Mercieca tikteb dwar "L-Evanġelizzazzjoni permezz tal-midja soċjali fl-Iskejjel tal-Knisja", u Mark Laurence Zammit jittratta s-suġġett "Strumenti moderni ta' Evanġelizzazzjoni". Dr Nadia Delicata tikteb studju intitolat "Il-Media: l-ambjenti diversi, frott il-ħidma tal-bniedem, li fihom il-Knisja xxandar il-Bxara t-Tajba f'kull żmien", filwaqt li Sr Vania Maria Bonello ASGM tittratta d-dokumenti tal-Knisja dwar il-komunikazzjonijiet soċjali (1936-2023). Anthony Mifsud jikteb dwar "Il-messaġġ politiku tal-Knisja fl-era diġitali", u l-editur stess jikteb dwar "San Tumas ta' Akwinu f'għeluq is-seba' mitt sena mill-kanonizzazzjoni". Żewġ studji bl-Ingliż iġibu l-isem ta' "The Word of God will not return empty (Isa 55,11): The homily and the paideia of the Lord" (mill-pinna ta' Fr Justin Schembri OP), u "Lonergan's understanding of 'Communication', his influence on McLuhan and their imprint on Evangelisation" (Fr Matthew Pulis).




Rivista bħal din żgur li tarrikkixxi lill-qarrej li jfittex xi ħaġa ftit iktar impenjattiva minn novella jew rumanz, anki jekk il-perspettiva ewlenija hija dik Nisranija. Il-parti l-kbira tal-istudji inklużi fi 'Knisja elfejn' huma miktubin b'Malti mirqum u riċerkat tassew, u dan ma setax jonqos ladarba l-kontributuri huma kollha persuni esperti fil-qasam tagħhom u riċerkaturi serji. Rivista bħal din hija prova oħra prattika ta' kemm l-ilsien Malti jaf jadatta ruħu għal kull qasam tal-għerf tal-bniedem, imma anki tal-fatt kemm pubblikazzjoni Maltija taf toffri materjal ta' livell akkademiku, għoli u riflessiv.

Min jixtieq jabbona u jirċievi 'Knisja elfejn' direttament id-dar jista' jikteb lill-editur P. Raymond Gatt O.P. fuq gattrayop@yahoo.com

## NIAGARA FALLS

Xejn m'hawn madwarna
ħlief raxx u daħk li jtarrax.

Kabozzi ċelesti libbsuna
sal-lanċa mxiet fid-daħna
u sirna xraba.

Naturali l-funtani
bħall-bikja tar-ruħ mingħajr Alla
li hawn topra t-tajjeb
u tibki qatigh.

Mumenti ffiltrati minn moħħna...
esperjenzi ta' safa
mixtieqa...
t'ossiġnu jintrema
bi ħsejjes tal-biża'
sal-kraxx...
ta' pjum abjad nieżel
jixxeblek
sulari
ta' qtugħ u taqtigh l-ifrem qalb
b'enerġija tremenda.

Sofferenti l-kuxjenza
għax ġabra ċkejkuna ta' kliem
il-ġmiel tal-imkien ma jfissruhx.

## KAMLOOPS

M'hemm xejn f'Kamloops
xi jfixkel is-silenzju.

Id-dgħajjes maqlubin passejn mill-ilma
il-kirja tas-sajjieda
jistennew.

Bla ħoss jisplodu ċ-ċrieki
il-ħut kremżi tal-lag
u l-borok sbieħ isegwu denb xulxin.

Il-mazzarell iħuf -
ġwenħajh għoddhom imissu l-ilmijiet
u 'qas b'taħrika waħda ma jkemmixhom!

Bilkemm jinstema' l-kliem
waqt mixja tat-turisti lejn il-bosk.

Kultant xi ors bil-ġuħ
igerref mal-lukanda tal-injam.

Is-seba' lwien ta' mħabbtu
kultant iqawwas Alla fuq Kamloops.

**LOUIS BRIFFA**
(Minn *Bil-Varloppa*, PEG 2006)



Wayne Farrugia

## LETTERATURA KARKARIŻA
## Studju ta' Wayne Farrugia

***Taħdita fis-Sala tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju fis-7pm**

F'kull biċċa xogħol artistika, l-awtur, bħal kwalunkwe artist ieħor, dejjem jipprova jfittex u joħloq il-ġdid. F'*Literary Theory*, Jonathan Culler jiddefinixxi l-letteratura bħala finzjoni: "The literary work is a linguistic event which projects a fictional world that includes speaker, actors, events, and an implied audience" (30-31). Il-letteratura għandha l-kapaċità li toħloq dinja immaġinarja li tinkorpora fiha karattri fittizji, ambjenti differenti, ġrajjiet, u wkoll, qarrejja implikati.

Skont Culler, ir-raġuni għala l-qarrejja jittrattaw il-letteratura b'mod differenti hija minħabba li l-kelma għandha "relazzjoni speċjali mad-dinja", relazzjoni bbażata fuq l-immaġinazzjoni (30). Bis-saħħa ta' din l-immaġinazzjoni l-letteratura tħalli f'idejn il-qarrejja biex jinterpretaw kif iridu huma r-relazzjoni bejn ix-xogħol letterarju u d-dinja (Culler 32). Imma fuq kollox, ikompli Culler, dan il-fattur tal-immaġinazzjoni, flimkien ma' fatturi oħrajn li jiddefinixxu l-letteratura, jaqgħu taħt l-istess kappa tal-"funzjoni estetika tal-lingwa" (32). Kull xogħol letterarju huwa oġġett estetiku li jqanqal lill-qarrejja biex jeżaminaw mill-qrib l-interrelazzjoni bejn il-forma u l-kontenut (Culler 33).

Fid-*Dizzjunarju ta' Termini Letterarji*, Oliver Friggieri jiddefinixxi dawn iż-żewġ komponenti li jsawru kull xogħol letterarju. Għal Friggieri, il-forma tinkludi "l-istruttura, ix-xejriet tat-test, l-elementi tekniċi" (264), modi li permezz tagħhom il-partijiet differenti fix-xogħol letterarju jitqiegħdu flimkien biex joħolqu ħaġa waħda u unita; waqt li l-kontenut jinkorpora fih "id-damma tal-ideat, is-sentimenti u dak kollu li jsawwar l-espressjoni" (378). Għad li qed niddefinixxu dawn iż-żewġ komponenti minn xulxin m'għandna qatt nifirduhom għaliex m'hemm l-ebda kontenut li ma jsirx forma, u m'hemm l-ebda forma li tista' teżisti mingħajr ma tissawwar f'kontenut.

Il-letteratura, anke dik Karkariża, hi espressjoni partikolari ta' soċjetà, jew ta' bniedem wieħed, li mbagħad issir universali, għaliex tkun tista' tiġġarrab minn kull bniedem f'kull żmien. Għandna lil Carmel Attard li juża l-vers ħieles biex jesprimi ħelsien fil-ħsieb u fis-sentimenti, versi li normalment jixhdu tensjoni psikoloġika, tensjoni li minnha toħroġ l-estetika tal-poeżija. Ninnutaw ukoll il-liriċiżmu ta' Mario F. Bezzina, għaliex minn kitbietu joħorġu diversi sentimenti ta' qalb sensittiva li trid l-imħabba, is-solidarjetà, il-paċi u l-ġustizzja. Minn dan il-lat, nistgħu nqisu lil Bezzina bħala kittieb soċjali għaliex ma jintilifx fl-aljenazzjonijiet imma jagħraf in-nuqqasijiet u t-tensjonijiet tad-dinja. Cassar Pullicino wkoll jikteb l-affarijiet kif inhuma, speċjalment fil-kitbiet djarjistiċi u prożajċi, fejn jiddokumenta t-tifkiriet, u wkoll, jittratta dwar qagħdiet soċjopolitiċi ta' żmienu. Oliver Friggieri jagħmel dan ukoll bix-xogħlijiet tiegħu, u għad li qatt ma jiċħad 'il pajjiżu, xorta jara kif se jikkumbatti l-istatus quo, kontra l-partiġjaniżmu politiku, ipokrezija reliġjuża u firdiet, biex iż-żewġ pilastri tan-nazzjonaliżmu tagħna, il-patrija u r-reliġjon, ma jibqgħux jitniġġsu minn dawn in-nuqqasijiet. Il-patrija u r-reliġjon huma sikwit imfaħħra minn Ġużè Dimech Debono, li b'sens patrijottiku u reliġjuż, ifaħħar lil raħal twelidu u 'l-patruna Santa Liena, speċjalment fl-innijiet li kiteb.

Il-kitba reliġjuża ma tonqosx f'kittieba qassisin li raw kif għamlu li mhux biss jagħtu gost b'kitbiethom imma wkoll jgħallmu bit-tagħlim Nisrani. Ngħidu aħna, fil-kitbiet ta' Pietru Pawl Grima nilmħu ċerti referenzi għal figuri qaddisa differenti li kellhom il-kuraġġ jaffrontaw il-persekuzzjonijiet u ma jiċħdu qatt 'il twemminhom. Xi kultant ukoll din ir-reliġjożità titħallat mal-liriċiżmu biex jiġu espressi ċerti wġigħat tal-bniedem, li huma mqabblin ma' xfafar li jinfdu fil-laħam il-ħaj tal-bniedem bla ħniena. Għad li l-bniedem jitlef tamietu f'kollox, żgur li fil-kitbiet ta' Albert Sammut żgur li ma tintilifx it-tama fit-twemmin. Din it-tama fit-twemmin tikkumbatti din ir-realtà ta' wġigħ li jgħaddi minnu kull bniedem f'din il-ħajja. Il-kitbiet ta' Alfons M. Sammut huma wkoll ispirati mill-fidi Nisranija, u bil-lirika tiegħu, xtaq li l-

Insara Maltin jersqu viċin Alla fit-talb ħalli jfaħħruh. B’dan it-talb mhux biss ikunu qed ifaħħru ’l Alla imma wkoll ikunu qed jaffermaw li Alla hu r-re ta’ kull ġens, u li bagħat lil Ibnu biex jifdi lid-dinja mid-dnub.

Fil-kitbiet tiegħu Dun Anton Sammut ukoll jinfilsa t-tagħlim Nisrani biex jgħallem, waqt li jkun qed jittratta temi dwar il-mewt, il-mard u l-kunflitti fir-relazzjonijiet. Hi l-imħabba li tqawwi ’l-qalb tan-Nisrani biex twasslu jsib it-triq fil-kriżijiet li jkun qed jiffaċċja. Dan it-tqanqil qawwi joħroġ sikwit fil-kitbiet ta’ Ġużepp Zammit, il-Brighella, speċjalment meta jfakkar fil-mewt ta’ xi ħadd. Dawn is-sentimenti huma wkoll imżewqa bit-tifkiriet u b’deskrizzjonijiet ta’ ġrajjiet li ġraw f’pajjiżna, ngħidu aħna, il-wasla tal-Prinċep Albertu f’Malta. It-tema storika jittrattaha wkoll Dwardu Zarb fl-epiċi drammatiċi tiegħu, sewwasew biex ifakkar fit-taqbid tal-Kavallieri ta’ San Ġwann kontra t-Torok, u juri aktar il-qlubija tal-eroj li ssalvagwardja l-patrija u t-twemmin. Dan it-twemmin Zarb isaħħu bis-saħħa tal-innijiet iddedikati lil xi figuri qaddisa, xempji tal-virtujiet u li kull bniedem għandu jimmitahom biex iħobb ’l Alla u ’l-proxxmu. Mhux biss jibqa’ leali lejn twemminu imma anke lejn drawwietu, speċjalment id-drawwiet ta’ raħal twelidu, Birkirkara, u l-karatteristiċi ewlenin li jżejnu lil dan ir-raħal, bħall-qanpiena l-kbira. Zarb xorta ma jaħrabx mir-realtà u jafferma li dawn id-drawwiet qed ikunu mhedda mill-iżvilupp u mill-materjaliżmu.

Għalhekk, kull awtur ipprova joħloq dinja immaġinarja li tiġbor fiha karattri, ambjenti u ġrajjiet li seħħew tabilħaqq, bil-għan li jirriflettu l-qagħdiet ta’ żmienhom, jikkritikaw l-istatus quo, u xi drabi, jgħallmu wkoll.

[**Nota tal-Editur:** Il-letteratura Karkariża hija ħafna iktar usa’ minn dan. Din ta’ Wayne Farrugia hi silta minn studju ħafna iktar dettaljat li bħalissa qed jaħdem fuqu.]

## MATUL IT-TRIQ

Lill-Poeta Charles Coleiro

Meta wara li nkunu terraqna triq twila
fl-aħħar insibu bir niexef bla ilma
int u jien
inti bħala dak li bil-fanal f'idu
urejt it-triq
u jiena bħala għannej iżgħar minnek
li mxejt mimli tama warajk,
taħsibx li l-weġgħa f'qalbek
tħossha inti biss.
Għax meta nkellmu l-folla
u l-folla tagħtina daharha
mhux l-ewwel darba li seħħet dil-ġrajja.
Aħna nibqgħu mexjin 'il quddiem bla waqfien
minkejja li f'xi waqtiet
il-ġrajja tidħak bina
u leħenna jidwi biss ġo deżert.
Ġurnata x-xagħri sfajjar
isir art ħadra bil-ħajja
u jimtela bin-nies
u leħenna jinstama' bħal ta' Ġwanni l-Għammied,
u leħenna jilħaq il-folla
u l-folla tisimgħu
u titpaxxa bih
u torqod u toħlom bi ħsibijietna
u bl-istejjer li għidnielha minn bejn il-vrus.
Meta wara li nkunu terraqna triq twila
u fl-aħħar insibu bir niexef bla ilma
taħsibx li l-weġgħa f'qalbek
tħossha inti biss!

**CARMEL ATTARD**
(Minn *Taħt Qillet ix-Xemx*, 1972)












## *I MIEI GIORNI CON BENEDETTO XVI* ta' Alfred Xuereb

**Tikteb Therese Vella**

*I miei giorni con Benedetto XVI*, huwa miktub forma ta' djarju mill-Arċisqof Alfred Xuereb fis-snin li kien segretarju personali ta' Papa Benedittu. Il-ktieb, ippubblikat minn Edizioni San Paolo s.r.l., issa jinsab għall-bejgħ bl-Ingliż ukoll u għandu jiġi ppubblikat bil-Malti dalwaqt.

Jien kelli x-xorti niltaqa' ma' Fr Alfred, bħalma jippreferi jiġi msejjaħ, fl-2008 waqt titjira minn Malta lura lejn Ruma, fejn it-tnejn li aħna konna ngħixu f'dak iż-żmien. Fr Alfred huwa bniedem umli li jnissillek serenità, emozzjonijiet li jittrasmetti sew fir-rakkont tiegħu.

Bis-saħħa ta' Fr Alfred nistgħu nidħlu fil-ħajja ekkleżjastika li għal ħafna hi magħluqa wara l-ħitan għolja tal-Vatikan. Bħala Papa, Joseph Ratzinger kellu ħafna sfidi u hemm min l-opinjoni tiegħu dwaru kienet influwenzata mill-midja. Din hi ħasra għax il-profil veru ta' Papa Benedittu jmur ħafna 'l hemm minn hekk. Madankollu, bis-saħħa tar-rakkont ta' Fr Alfred *I miei giorni con Benedetto XVI*, il-qarrejja jistgħu jsiru jafu min kien tassew dan il-Papa tant ħlejju.

L-awtur jaqsam magħna l-ħajja tiegħu meta kien jagħmel parti mill-familja żgħira tal-Papa bħala t-tieni segretarju. Jurina x'inhi fil-verità, 'ħajja ta' Papa' - il-ferħ u t-toqol li jiġu ma' dan ir-rwol. Ir-rapporti umani, il-vjaġġi appostoliċi, inkluż dak f'Malta, u r-rakkonti ta' mumenti sbieħ bħal fil-jiem tal-Milied. Il-ħafna ritratti li huma ppubblikati fih ikomplu jsebbħuh.

Min hu interessat jakkwista dan il-ktieb, jista' jsibu għall-bejgħ fuq il-websites online u fil-ħwienet ewlenin tal-kotba.

---

**Alfred Xuereb** twieled il-Belt Victoria, f'Għawdex, fl-14 ta' Ottubru 1958. Huwa għamel l-istudji filosofiċi u teoloġiċi tiegħu fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Ġie ordnat saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, fis-26 ta' Mejju 1984, u ċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni fit-8 ta' Lulju 1984, fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-parroċċa tal-oriġni tiegħu fir-Rabat ta' Għawdex. Fl-ewwel snin tas-saċerdozju tiegħu hu għamel Liċenzjat fit-Teoloġija Spiritwali fl-Istitut Pontifiċju Teresianum ta' Ruma. Bit-teżi tiegħu *Il Mistero Pasquale nella Vita Cristiana*, fl-1989 kiseb id-Dottorat summa *cum laude* mill-istess istitut. Sadanittant, hu wettaq ukoll ħidma pastorali ta' Viċi Parroku fil-Parroċċi tan-Natività tal-Mulej (1984-1988) u tas-Santissmu Sagrament (1989-1991), it-tnejn f'Ruma. Bejn l-1991 u l-1995 hu kien is-Segretarju personali tar-Rettur tal-Università Pontifiċja tal-Lateran, u konfessur straordinarju fis-Seminarju Pontifiċju Maġġuri ta' Ruma. Il-pożizzjoni tiegħu ta' Prelato di Anticamera Pontificia (2003-2007), fejn fl-2003 ġie maħtur ukoll Prelato d'onore di Sua Santità, qegħditu qrib ħafna tal-mibki Papa (San) Ġwanni Pawlu II. Kien imbagħad fil-11 ta' Settembru 2007 li l-Papa Benedittu XVI sejjaħlu biex jaħdem fis-Segreterija Partikulari tal-Qdusija Tiegħu, fejn Mons. Xuereb żvolġa r-rwol importanti tat-Tieni Segretarju tal-Papa. Mal-ħatra tal-Papa Franġisku fl-2013, Mons. Xuereb sar l-ewwel Segretarju Privat tiegħu. Fit-28 ta' Novembru 2013, il-Papa ħatru Delegat tiegħu fuq il-Kummissjoni Pontifiċja dwar l-Istitut għall-Opri tar-Reliġjon (IOR) u fuq il-Kummissjoni Pontifiċja dwar l-Organizzazzjoni tal-Istruttura Ekonomika-Amministrattiva tas-Santa Sede, bi rwol ta' superviżjoni li kien iwieġeb direttament lill-Qdusija Tiegħu. Fit-3 ta' Marzu 2014, il-Papa Franġisku ħatar lil Mons. Alfred Xuereb l-ewwel Segretarju Prelat tas-Segretarjat għall-Ekonomija, dipartiment ġdid tal-Kurja Rumana. Fuq proposta tal-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri tal-Italja, fl-2007 Mons. Xuereb ġie maħtur Kommendatur tal-Ordni tal-Mertu tar-Repubblika Taljan, waqt li fi Frar 2009 hu ġie maħtur Kappillan konventwali ad honorem tal-Ordni ta' Malta. Apparti l-Malti, Mons. Xuereb jaf it-Taljan, l-Ingliż, il-Ġermaniż, il-Franċiż, u l-Portugiż.

[Dan it-tagħrif dwar il-profil ta' Fr Alfred Xuereb ittieħed minn www.knisja.mt]




## MANUEL SCHEMBRI U N-NAMRA MAL-KITBA

**Tikteb Miriam Sorrell**

Manuel Schembri twieled f'Bormla fl-1964, hu miżżewweġ u għandu tlett itfal. Tul is-snin hu ħadem ħafna xogħlijiet differenti u vvjaġġa bil-bosta. Kellu wkoll ristorant tiegħu f'Malta, u wara isettilja fil-gżira ta'Għawdex, madwar 20 sena ilu. Minn dak inhar ħadem għal rasu fil-qasam tal-manutenzjoni tad-djar.

Il-passjoni ta' Manuel dejjem kienet il-kitba. Ir-repertorju tiegħu huwa vast u passjonalment romantiku, kif jixhdu l-kitbiet tiegħu tal-poezija. Kiteb ukoll skripts teatrali u għat-televiżjoni, kif ukoll huwa kittieb ta' diski bil-Malti u bl-Ingliz. Il-maġġoranza tal-kitbiet tiegħu baqgħu fil-kexxun. Bħalissa għaddej bil-kitba ta' ktieb bl-isem ta' *L-Imsawwat*, li fih jirrakkonta l-ħajja ta' raġel mit-twelid sal-mewt, il-forzi dominanti li sawrulu ħajtu. Huwa ktieb semi-umoristiku. Il-qarrej jista' jara lilu nnifsu għax Manuel juża termini ta' kuljum, bla ebda kantunieri. Fl-stess ħin Manuel qed jikteb ukoll ktieb romantiku fejn juri l-imħabba ta' żewġ persuni maturi, u fejn il-passjoni u l-imħabba toħroġ fid-deher fil-kitba passjonali u romantika ta' dan l-awtur. Hu qed jaspira li jippubblika wkoll sensiela ta' poeżiji romantici aktar tard fis-sena 2023.

Il-kitba ta' Schembri ġiet analzzata u moqrija minn ftit ħbieb intimi, kif ukoll mill-artista u awtrici ta' Random House Canada, Miriam Sorrell, anki hi kittieba ta' poeżiji.

Il-laqgħa ta' Manuel ma' Miriam kebbset il-ħeġġa u l-passjoni fil-kitba. U kienet hi li ħeġġet bil-kbir lill-awtur biex ippoġġi xogħlu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku qarrej Malti. L-għan ta' Manuel hu li jkompli jkebbes fil-qarrej il-passjoni lejn il-lingwa Maltija, b'użu ta' kliem Malti li llum ftit għadu jintuża, fejn jitfa' lill-qarrej fil-passat glorjuż tal-kitba Maltija, espressa b'mod sempliċi u elokwenti li tinftiehem min kulhadd. L-awtur jirnexxilu jdaħħal lill-qarrej fil-ktieb u jgħinu jsir parti minnu.

## WERQA WAĦDA

Mis-siġra tan-nofs fil-ġnien
waqgħu żewg werqiet,
u flimkien niżlu b'armonija
lejn l-art li tathom il-ħajja.

U x'ħin missew l-art, ħarsu lejn xulxin, b'ħarsa li kienet turi sentimenti, waħda lill-oħra.

Kemm żifnu flimkien, meta kienu għadhom imwaħħla,
maz-zokk tas-siġra, jiżżeffnu mar-riħ,
jew maċ-ċaqliqa ta' xi tifel imqarqaċ.

U issa żmienhom għadda
u ħejjew triqthom 'l isfel,
bil-mod, lejn ħajja ta' mħabba eterna, għax żmienhom issa wasal,
biex iż-żewg werqiet isiru werqa waħda.

## DEMGĦA

Għalfejn qed tibki ?
Għalfejn dik id-demgħa iċċarċar ma' ħaddejk,
nieżla bil-mod il-mod min dawk għajnejk sbieħ?

Għaliex qed tħoss il-weġgħat tiegħi int ukoll?
Għaliex jidhru f'għajnejk
mimlija dmugħ, il-feriti li nħoss jien?



## WARDA...

Qtajt warda mill-ġnien
u tniggist b'xewka 'rqiqa
u qattar id-demm ħamrani
u nkitbet waħedha fil-ħamrija bellusija, il-kelma...
Inħobbok

U stenbħet qalbi u għaġlet fit-taħbit
u tħawdet u tgħaqdet fil-vini kollha
u xtarr moħħi u 'lsieni lissen waħdu....
Inħobbok

U f'raqda profonda fis-skiet tal-lejl sewdieni
ħlomt li rajtek titbissem,
u xegħel wiccek u b'xagħrek imtajjar fuq spalltek
lissint bla ma smajtek...
Inħobbok

U qlubna intrabtu biz-zkuk iniggżu tal-ward
iżda l-warda ħamra li qtajt
Żammet lil qlubna magħquda u flimkien lissinna...
Inħobbok...

Ħallini nixxuttalek jien dawk id-demgħat li ċċarċru ma' ħaddejk, ħallini nħoss kemm taħraq dik l-imħabba, għax kull demgħa li tinżel hija sinjal ta' mħabba li għandek f'qalbek.

Ħallini ħa nibki miegħek jien ukoll,
għax dawk li qed tibki għalihom int,
huma l-weġgħat tiegħi,
li int, għax tħobbni għamilthom tiegħek.



## XEMX QAMAR U LEJL

Meta tgħib ix-xemx, u s-sema timtela b'raġġi ħomor,
li juruk tmiem il-jum,
issaqsi l-mistoqsija, "X'ser ikun dal-lejl, li riesaq bil-mod bla ħoss, bla dawl, fid-dlam?"

U jitfaċċa l-qamar, li donnu kien mistoħbi,
u ħareġ jittawwal biex jara niżlitx ix-xemx,
u xegħel lilu nnifsu u dawwal il-lejl, u ma ħalliehx mudlam.

U fis-satra dal-lejl, fejn ix-xemx ma tistax tippenetra,
Int kont qed tistenna, ħerqana, mimlija, sabiħa bħal dejjem,
fuq wiċċek il-ħarsa, turi fejn toqgħod l-imħabba.

U f'dawl baxx inemnem,
għajnejna fittxew lil xulxin,
u bħal donnu dak il-ħin ix-xemx reġgħet ħarġet,
u fuqna tefgħet ir-raġġi sħan tagħha,
imbagħad għebet, u baqa' l-qamar ilewwen il-kamra,
u lemħu għajnejna, u tbewsu xufftejna u qlubna mtlew b'imħabba
u għexu il-lejl, sieket, mudlam, flimkien.


BRIFFA
arloppa
POEŻIJI
Joe M. Attard
L-Għanja tat-Tifkira VOL.2
Frank
Zamm
Mill - Bir ta' Qalbi
SALIBA
SANTWAR
ĠABRA TA' POEŻIJI MILL-AWSTRALJA
Charles Casha
Kaskat
Poeżiji
traġitti
EKLISSI PER
ACHILLE MIZZ
RFGĦEK B'QALBI
Amanda Busuttil
Umbrelel t
ANSELM
TARĊISJU ZARB
xemx.
sewda
PASSIĠĠIERI.
MUTI
POEŻIJI U POELINJI.
J. W. PSAIL

# il-Poeżija

MILL-PINNA TAL-MALTIN

## U X'NAGĦMEL

U x'nagħmel, nikkonvinċi
li kollox sejjer sew,
mitluf ġo ġungla ġebel,
f'binjiet li tant għollew?

U x'ngħid lil bosta żgħażagħ
mifxula mal-progress,
li Għawdex ta' tfuliti
illum tarah l-istess?

X'se nfisser lill-barrani
li jħares ċass, miblugħ,
u jara x'għamilnielha
lil artna, darba tfuħ?

U x'nikteb lil dawk kollha
li għadhom ma twildux
li bravi konna bosta,
u qridna, u ma nagħlux?

X'se nisħaq, ser intenni
kif sħetna din il-gżira,
kif ħsadna sal-valuri,
u sfat tal-kbar ilsira?

**CHARLES BEZZINA**

## POLITIKA

Rajt in-nies
qabda rizzi b'xewk niggież
f'qoffa kbira maqbudin
għalenija medhijin
b'ħeġġa jniggżu lil xulxin
mingħajr ħjiel ta' xi mogħdrija...

'Mma dal-lejl,
hekk kif marret għajni bija,
ħlomt li rajt lill-istess nies
ħawħiet kbar
ġo kannestru miġburin
qed imellsu lil xulxin
b'dak ilbieshom bellus fin...

'Mma xħin bqajt inħares fiss
fhimt li kienet ħolma biss!

**CARMEL G. CAUCHI**

## DIN L-ART LI KIENET ĦELWA

Din l-art li kienet ħelwa,
m'għadhiex daqshekk ħelwa.

Inbidlet il-kampanja
u saret irħula imissu ma' xulxin,
fejn qabel il-qobob u l-kampnari
kienu l-għola sulari,
illum għandna binjiet,
li kieku jista' jkun,
jitilgħu sas-smewwiet.

U daqs li kieku mhux biżżejjed,
kull fejn tħares krejnijiet,
biex iżidu mal-binjiet,
li qegħdin jifgawna.

Saħansitra l-attitudni tal-Maltin
ħadet xejra differenti,
id-Din m'għadux li kien,
nibtu fostna allat,
tal-frugħa u l-frugħat,,
u qegħdin naħsdu l-ħsara.

Fuq kollox,
dik li kienet Malta tagħna,
m'għadhiex aktar tagħna,

invadewna l-barranin
u sirna qisna Babel,
ma nifhmux lil xulxin,
għax bil-Malti ma jafux,
u mhux darba, tnejn u tlieta,
ma niftehmux.

CHARLES MIFSUD

## SALZBURG

Imqar inkun
fjura f'filliera
fil-palazz Mirabell
u nisma' l-mużika
tfakkarni
fi ġmiel in-natura
li għad baqa' madwari
lil hinn mill-progress
iqaċċat l-għeruq
kullimkien iġib deżert.

JONATHAN BALZAN

## TRADIMENT

Għadda ż-żmien
ta' bejgħ il-pittura
fuq bankina mdewda
bil-folla għaddejja
tgħarrex b'għajnejha
mingħajr ma ssalva
l-artist imġewwaħ
jittallab l-għarfien
minn dinja li ma jimpurtahiex
mill-ideal tal-bieraħ
u qligħ l-għixien
tal-*busker* mitluq fl-art
jagħti kull m'għandu
għal bċejjeċ tal-fidda...

Illum jien wieħed mill-folla...
begħt l-ideal u l-ħolm
għall-ħoss tal-fidda
'ċċekċek fil-bwiet
u s-sħana tal-kenur

Imma sal-lum għadni naħrab
ħarset l-artist
imterter fuq
il-bankini tal-martri...
f'suq l-erwieħ artistiċi...

MANUEL CASHA

## IS-SEWWIEQ

Biedem b'għajnejn ta' seqer; jaħseb malajr,
jeħodna f'kull lok u xejn ma nagħtuh ħajr;
juri fit-toroq x'biħsiebu jagħmel,
biex il-vjaġġ żgur il-karozza tagħmel.
Jaqra l-imħuħ ta' sħabu sewwieqa f'triq,
biex iwarrab kull ċans ta' ħbit jew tgħarriq,
ta' magni jew imwiet t'imsejkna nies,
li bi żball jisfaw mgħattna f'tifrik bla qies.
Isuq vetturi ta' kull daqs 'l hinn u 'l hawn;
konxju ta' dak li jgħabbi fl-ispazju, f'dawn;
mhux għax m'għandux ħila b'tagħbija jsuq,
iżda għax b'ċaqliq tagħhom ħabta jduq.
Irid jifhem b'lament il-magna tiegħu,
għax is-saħħa tagħħa trid timxi miegħu,
biex meta jaqbeż għax dan il-bżonn jinħass,
bħala xufier jużah u ma jibqax ċass.
Għandu jibqa' kalm, f'siktu, u bir-raġun;
irażżan fehmiet li jinbidlu f'kaġun,
ta' nervi li minnhom b'sabar biss tfieq;
għalih, flimkien m'oħrajn, waqt ġarr fi triq,
isuq attent, bla sogru, u bil-galbu;
kif ukoll m'għandu qatt jaħdem fuq qalbu;
rispett għandu jaqla' u hu jagħti;
għax mingħajrhom f'xi saram jinstab ħati.

JOSEPH BONNICI

## GĦIDU KEMM TRIDU

Għidu kemm tridu illi jien razzista,
bla fidi, moħħ magħluq u antikwat,
nistmerr lill-barranin li ħadu postna
inkella li fl-imgħoddi bqajt ankrat.

Għidu kemm tridu, mimli żenofobja
nistmerr taħlit li jiġi minn kull ġens,
irrid l-identità ta' ġensna tibqa'
u ngħolli l-barrikati għal ftit wens.

Mur ġib lil ta' qabilna jerġgħu fostna,
jaraw kif lill-barrani ġie mibjugħ
dan il-pajjiż, bl-ilsien u d-drawwiet tiegħu
minħabba l-għażż tal-ftit mejtin bil-ġuħ.

Għidu kemm tridu illi qed niżbalja,
ma fhimtx l-ekonomija u l-progress,
u għadni ngħix magħluq fis-seklu l-ieħor
u tal-kummerċ ma nafx x'inhu suċċess.

Għaliex min bħali għandu xagħru abjad
jiftakar lil din Malta tal-Maltin,
u konna ferm aħjar xħin anqas kellna,
filwaqt li llum ġo darna, barranin.

Għax lanqas biss b'ilsienna ma għadna nistgħu
ninqdew għal dawk il-ħwejjeġ ta' kuljum,
malajr fil-minoranza nsibu ruħna
u dan narawh qed jiġri mqar illum.

ALFRED GRECH

## CALL OF DUTY

In a world of tainted glass and pillars of stone
where men toil in labour to build their family a home
with their view of what the world is in reality
they protect their loved ones from the unseen enemy

From those who come with ideas to bend our minds
or who come to promise false love during hard times
maybe to sell more luxuries in exchange of your gold
perhaps a world of freedom if you sacrifice your soul

Where monsters no longer have horns and pointed tails
nor do dragons fly in the sky with their gaping flames
here men must tend their families from the unseen enemy
that which seeks to destroy the bond that makes a family

Whether that in blood or ordained by the stars

MICHAEL AQUILINA

## ŻEWĠ KELMIET FIR-RAMEL

Xtaqt nisma' l-bikja tiegħek
moħbija f'qalb muġugħa,
biex forsi nifhem sewwa
x'kien qed itaqqal qalbek.
U f'dik il-lejla rajtek
fi nżul ix-xemx għajjiena,
bi dmugħ għajnejk iġelben
fuq wiċċek lellux isfar.
Staqsejtek biex tweġibni
'ma fommok baqa' sieket,
filwaqt li b'mewġ ritwali
saqajk tmellsu, mistrieħa
fir-ramel, artab, niedi
li fuqu ktibt bir-rogħda
iż-żewġ kelmiet tal-biża'
li fija nisslu diqa.
Bqajt hemm narak qed tħażżeż,
iċ-ċrieki qalb ir-ramel,
sakemm ġiet għal għarrieda,
il-mewġa li kaxkritek
'il barra lejn ix-xefaq,
'il bogħod f'lok misterjuż,
fejn forsi wara kollox
int dejjem xtaqt li tmur,
biex tibki dik il-bikja
fejn ma jisimgħek ħadd.
U jien hawn għadni waħdi
nistenna fuq ix-xwiek,
sakemm int terġa' lura,
mal-mewġa lejn ix-xatt,
u ż-żewġ kelmiet fir-ramel
ma jkunu jfissru xejn.

**CHARLES CASHA**
(Minn *Kaskati*, 2018)

## FIL-KOMMEMORAZZJONI TAL-15 T'AWWISSU 1942

Ħa tixhed għalihom dil-qala
lil dawk li għexu l-jiem bis-sħab fuq rashom li ksieh is-swied
u d-degħxa tal-biża' li ġriet ma' ġisimhom u minnhom kien hemm min miet.

Ismagħhom lill-qniepen idoqqu
ħa jfakkru kif għeb is-swied dak in-nhar mis-sħab u d-degħxa nħbiet
b'għemil is-Sema li qatt ma nesihom u f'dak il-jum urihom kif ħaseb fihom.

Lill-kotra miġbura madwarna
ħalliha tkun xhieda ta' min għex dil-ġrajja u kesa truf is-swar
jara l-konvoj bejn mewt u ħajja b'ħarstu 'l quddiem li jilħaq dil-qala ħerqan.

Għebet għal waqt il-ħerba, indifen għal waqt ukoll il-flaġell
dal-mirkeb il-ħażna sar mafkar għalina tal-lum li nafu biss mill-ġrajja
kemm ta' qabilna tqabdu, indarbu, u fix-xelter għexu n-niket u l-hemm.

Lil min miet għalina biex aħna ngħixu aħjar,
ħa jixhed għalih iċ-ċafċif tal-baħar f'dal-Port il-Kbir li laqa' fih lill-konvoj
u b'qima u b'rispett b'rasna nagħmlu nkin mal-mota tal-mafkar tat-taqbid.

Din it-turija, Mulejja, inqegħduhielek fuq altarek ħalli tqaddisha,
biex il-ġenna b'ħajr troddilhom lil dawk kollha li mietu għal min ġie warajhom
filwaqt li lejhom issaħħaħ fina l-qima u fejn hija nieqsa tkebbisha

**MARIO ATTARD**

## FUQ DIT-TERTUQA

Iddiehxni kif tistad
bi lsienek
għall-grazzja
fuq ix-xatt ta' fommi.
Kif għaslek
iqarbinni.
Ikunli l-waqt tat-telfa.
Naħsibni arzella
u int imprenditur
iliegħbli perla.
Katartiku
l-film maqbud
fuq dit-tertuqa
aħna u nirreċtaw
l-intimità tax-xena:
inti x-xiropp,
jiena l-lublieba.

**THERESE PACE**

## FIT-TARF TAT-TRIQ HEMM DAWL INEMNEM

**(mir-rumanz *FIS-SAJF TA' ŻEWĠT IBLIET*)**

Fit-tarf tat-triq hemm dawl inemnem
'l hinn minn distanza mifhuma u mbiegħda.
Inemnem maż-żiffa titħarrek
fil-labirint ta' ħlejjaq
mexjin bla direzzjoni.

Fit-tarf tat-triq hemm dawl inemnem
bħal Musbieħ li qed ipetpet
fit-tama ta' min hu għajjien
u mifluġ.

Fit-tarf tat-triq hemm dawl inemnem
għal min irid jarah
biex isib il-kenn tar-ruħ
u l-faraġ tal-qalb.

**SALV SAMMUT**

## LIEMA ĠUĦ?

Frak tal-ħobż fuq mejda bajda,
frak tad-deheb fuq morsa sewda;
vojt il-kenn ġo żquq minfuħa,
vojt fil-qlub ġo rwieħ miġruħa.
Ġbart il-frak minn mejda bajda,

ġbart il-frak minn morsa sewda;
tfajt fiż-żquq il-ħobż miġbur,
tfajt fil-qlub id-deheb magħsur.
Iż-żquq vojta mtlew kemm kemm,
il-qlub vojta mtlew bid-demm.

**JOHN MALLIA**

## DMUGĦEK

Itqal mill-ilma
id-dmugħ jiblel għajnejk
iħarsu lejn ix-xefaq.

Taħlita kimika
dmugħek:
elettroliti,
xaħam, ilma,
proteini.

Tista' tiffriżah.
Jew tegħreq fih
dmugħek.

Kemm-il darba bkejt
biex titnaddaf
mit-trab li jwaħħal,
min-nemus fitt tal-ħajja
quddiem għajnejk?

Mhuwiex bażiku,
lanqas riflessiv ...
id-dmugħ imnissel
minn weġgħatek kiebja
jissejjaħ psikiku.

Mhuwiex dmugħ ta' niket dan
'mma dmugħ ta' għali.

Antiċipatorju.
Pronostku.
Jiġri wrajk l-għali
minn dan l-uġigħ,
u jilħqek xi darba.

**CARMEL SCICLUNA**

## MAL-KOTBA TIEGĦI

Issa drajt sew nitħabbeb ma' xi ktieb ġwejjed
jew ma' xi ieħor kburi - lit-tnejn inqis bi ħbieb,
għax magħhom nedha nixtarr li jridu jgħiduli.
Sikwit nieqaf u nargumenta magħhom,
kultant fuq xi tentufa, xi drabi fuq dagħwa faħxija;
u huma jistennew lili bil-kalma nispiċċa mis-saħna tiegħi -
Qatt ma jaqtgħuli kliemi!
Kultant, bħal donni nismagħhom isejħuli
mill-ixkafef mgħobbija, ħerqana għall-kumpanija
u jħeġġuni nqalleb fil-paġni
lesti biex jaqtgħuli l-kurzità li tiġbidni lejhom.
Matul il-jum inqishom ħbieb sinċieri,
dejjem hemm, lesti, f'kull ħin u f'kull qagħda,
jilqgħuni bi ħdanhom miftuħa.
Filgħaxijiet nishar kuntent ma' xi wieħed minnhom...
Mhux darba jew tnejn, bi ktieb marsus ma' sidri
tmur għajni bija x'aktarx kmieni,
għax hekk qrib ma' ħabib tal-qalb
inħossni mistrieħ u hieni.

**FRANK ZAMMIT**
(minn *Mill-Bir ta' Qalbi*, 2023)

## ESTOTE PARATI - "KUNU LESTI" (Mt 24:44)

**F'Jum Mewti**

Matul ħajti sellimt bosta
li ħallew dal-wied tad-dmugħ
waslet issa għalija s-siegħa
li minn hawn intella' l-qlugħ

u nsalpa lejn art oħra
tixbah ġnien bil-ward ifuħ
fejn jgħibu l-mard u d-dwejjaq -
kull maħluq żgur jieħu r-ruħ

Mulej, grazzi ta' dan l-għomor
li ridt iżżejjinni bih;
għamilt ħilti biex matulu
il-ġid niżra' jien qatigħ!

Ħudni l-Ġenna issa miegħek
fejn żgur ma jonqosni xejn
u fi triqti għinni npatti
jekk fadalli lejk xi dejn!

Tini l-grazzja nara 'l wiċċek
la tkidd xejn li min ħallejt
jalla jibqgħu jiftakruni
dawk li jiena tant ħabbjet!

**JOE M. ATTARD**
(minn *L-Għanja tat-Tifkira Vol. 2*, 2022)

## MUNĠBELL

...fil-frugħa tiegħi Mulej ridt nitla' fuq kull ġebla ta' dan il-munġbell,
blata fuq blata,
jogħlew 'il fuq biex jilħqu s-smewwiet,
jitgerbu u jissaraw bħal allat
sabiex imissu l-imrieżaq.
... fl-ibgħad qigħan ta' dan il-munġbell Mulej
itfa' ż-żerriegħa tal-imħabba.

**OMAR SEGUNA**

## ĦAJKU

Ikanġi l-baħar
u jżomm il-melodija
tivvibra f'qalbna.

Driegħ godli ta' rdum,
iżomm il-baħar Malti
f'liżar ta' hena.

Jafna b'isimna
l-mewġ li waħda waħda,
ħabbat fuq qalbna.

**AMANDA BUSUTTIL**
(Minn *Nerfgħek b'Qalbi*, 2023)

## SHADY BEACHES

Il-leħħa ta' għajnejn imdella bin-nida. Ta' klima ħarifa titħarref. Misteru ta' dell id-dell. Mielsa fis-sikta kalma tas-sema tagħha.

Dmugh jiddemma'. Dehix. Tremend. Raptur. Nieżel fuq sider angoxjuż fil-fakra tan-nikta. Fuq orizzonti divini. Doloruż jitragħwa.

Fl-istaġuni msaħħba. Xagħriet imdaħħna. F'dil-klima seduċenti. Tiġbed id-dillierji. Ta' staġun langurju. Inkantit. Bil-lewm infatimabbli.

F'dir-ramla 'ndolenti. Jirrima. Vers f'vers f'vers dal-versifikar inkandixxit. Jaħrat sa f'qiegħ ir-ruħ. Divin id-dell jissingja.

**TARĊISJU ZARB**
(Minn *Xemx. Sewda Passiġġieri. Muti*, Horizons, 2016)

## MILL-KNEJJES GĦALL-PITKALIJA

Fi żmien ix-xaba' l-prezz tal-frott jorħsilna,
'mma t-talb aħjar minn hekk...
xejn ma jqumilna.
La l-post,
la l-ħin
u lanqas l-istaġuni
ma jkollna bżonn infittxu
biex ninfexxu
f'gedwida wara l-oħra għall-ġid tal-proxxmu.
Mill-bank ma niġbdux flus
u mill-għamara
tad-dar ma nbigħu xejn lir-regettiera
biex ninsġu
jew inqasstu xi pregiera.

U billi t-talb ngħaġġluh,
qisna xi talpa
li titla' minn taħt l-art u tidħol tiġri,
u donnu jsir bilfors jew għall-kirjanza,
l-iltim
jibqa' bla omm, bla wens...
il-ħajbu
jorqod taħt sigra tal-ballut għall-beraħ...
l-uġigħ ma jittaffiex...
id-dmugħ jiżvinta...
u 'l-ħass, kif jibda jinbet,
talb jew mhux,
joħroġ malajr mal-lejl jieklu l-bebbux...
W anki jekk nemmnu f'talbna xħin noffruh,
mhux għax jarawna sbieħ jew jitħassruna,
li l-frott,
qabel jitħassar,
iraħħsuh.

**JOE SALIBA**
(minn *Santwarju. Ġabra ta' Poeżiji mill-Awstralja*, 2011)

## XLENDI

Itla' baħar, lura waddab
tal-konkrit daw' l-kaxxi kbar,
għaliex qerdu l-ward u s-sagħtar,
u nvadew ix-xtut sax-xfar.

Itla' baħar, itla' u naffar
dawn il-folol minn ġox-xtut,
għaliex qerdu s-sliem madwarek,
saħansitra dardru 'l-ħut.

Xemx jilagħqu, ħmieġ iħallu,
u jedhew mingħajr prudenza,
fliexken, boroż... kollox plastik,
u tal-plastik il-kuxjenza.

Itla' baħar, itla' u naddaf
b'ragħwa bħalha qatt ma tfajt
lill-gremxul b'dufrejn miżbugħa,
u gingrin tal-peroksajd.

Itla' baħar, itla' u sfratta
lil daw' n-nies li qed jaħqruk,
bil-każett tgħajjat u ttarrax
ma jaħmluhx għasfur fil-bruk.

Itla' baħar, itla' u ħalli
w'rajk għadajjar, tqisx uċuħ ...
biex ix-xemx tnixxifhom qoxqox,
ħa jkun hawn melħ għall-imħuħ.

**JOSEPH W. PSAILA**
(Minn *Graffiti f'Gerduf*, Publikazzjoni Bugelli, 1993)

## F'GĦAJNEJK L-IMMENSITÀ

Għal waqtiet qosra eternità
inħares f'għajnejk u nilmaħ l-immensità fil-qrib
t'iġbla xmajjar oċeani orizzonti mbiegħda
u nħossni lħaqt l-ogħla quċċata
u nħossni ferħan se ntir, alla żgħir.

**PATRICK SAMMUT**
(minn *Traġitti*, ko-awturat ma' Andrew Sciberras, 2009)



eči i rečenice
njivao činio
podigao pogle
nad plavičas
moći da rad
lini pasus za
lušajući ka
arlasku kako
vazduha be
o sam se
sobe.
321
utno ga grickala.
na Semperea…“
a dobro, sigurno.“
rčica.“
uima me?“
islednički se upiljila u mene.
ome što vas muči u vezi s tim
am glupa. Nego, zaboravila sam
aš prijatelj, inspektor.“
enika velikih kao ormar i s izra-
na kućnom pragu zgrčio mi se
323
dina.“
vrata.
pod
sam
podin
iče na
već
kakav
lanira

# Versi

LIL HINN MINN XTUTNA

## ELEĠIJA *

Il-ferħ li għeb tas-snin imġienen tiegħi,
hu tqil, mudlam daqs wara sakra kbira;
'mma bħall-inbid, id-diq tal-jiem mgħoddija
maż-żmien qiegħed jissaħħaħ.
Triqti hi kiebja. Mewġ iż-żmien ġejjieni
iwegħedni biss taqtigħ il-qalb u niket.

'Mma jien ma rridx immut, ħbieb tiegħi,
jien irrid ngħix – naħseb u nsofri.
Naf, xi pjaċiri nasal ingawdihom
fost it-twegħir, l-inkwiet u s-saram.
Xi drabi nerġa' nisker bl-armonija,
jew nibki hekk kif nilmaħ lil dehrieti,
u jista' jkun, li meta nibda nieżel
l-imħabba qabel titlaq titbissimli.

ALENAXDER PUSKIN
*Ir-Russja*
[*Traduzzjoni ta' Alfred Palma tal-poeżija *Elegy* ta' Alexander Puskin (1799 - 1837).]

## IS-SENTENZA

(La Juĝo)

Qrajt tal-bniedem l-Istorja u rnexxieli.
U x'inhi din? Xmara ta' demm li ħarbet
minn fuq l-għoljiet miksija sħab li nieżel
dejjem, bla jieqaf qatt, sa żminijietna.
U temmnu qatt illi xi darba waqfet,
u biss se tieqaf f'ġuf il-baħar-dmija.
Qed nilmaħ riesqa lejja jiem tal-biża'
li bħalhom qatt ma rat id-dinja tagħna,
u żmien is-sliem ikun biss skiet il-qabar
li s-soltu jseħħ wara għajta ta' sajjetta
li tberraq sa ma triegħed l-art u s-sema.
O ġejjieni mistur, il-velu tiegħek
qed nilmaħ jien fil-ħin li n-nar inqabbad
tal-lehma mdawla; minn ġo dan il-velu
u minn kull ħaġa li hemm taħtu nilmaħ
biża' bla qies, u ġenn-il ferħ jaqbadni.
Alla-gwerra mill-ġdid jilbes korazza,
jaħfen ix-xabla, jirkeb fuq iż-żiemel
li fuq id-dinja jtir u għall-ġlied isejjaħ.
Tinqasam dlonk dinjietna f'żewġ naħat
għedewwa ta' xulxin: it-tajba u l-ħżiena.
Biss, tul l-Istorja dejjem mirbuħin,
it-tajba għad jirbħu, imma l-ewwel rebħa
tkun imdemmija; fl-aħħar jiġu ndaqs.
U hemm hu l-ħaqq li Alla nnifsu wiegħed
b'fomm il-Profeti, b'ferħ etern għal wara.
Biex naslu s'hemm m'hemmx għalfejn lejn is-sema
intiru, għax is-sema nnifsu jinżel
ibus lid-dinja tagħna fejn qed ngħixu.

SÁNDOR PETÖFI
*L-Ungerija*
[Maqluba għall-Malti minn Karmenu Mallia mit-traduzzjoni bl-Esperanto ta' Kálmán Kalocsay u István Szabolcs.
Sándor Petöfi twieled fl-1 ta' Jannar 1823, fil-belt ta' Kiskőrös, fl-Ungerija. Mela din is-sena qed jitfakkar il-200 anniversarju minn twelidu. Huwa miet fit-Transilvanja fil-31 ta' Lulju 1849.]

## VIEW FROM ATTIC

Since my birth the Heaven's gates have been opened
with entrances on all sides,
I am still of the opinion

that I shall pass through all of them
with the camel and elephant caravans.
I do not notice that I am turning into a poppy seed
to be blown away through a barley straw
from the lime ceiling of Dragon's cave
by a bat's slightest breath
as far as possible from myself.
From the top of a skyscraper I catch sight of our distances
and inscribe common areas in the Heaven
deliberately turning my head from nonsense
and illusions
from mutual convictions
that we  have made a golden nest
neither on the Heaven nor on the Earth.
''Soar'' rains have come from unknown directions
and rinsed away all around.
One way winds
took the ruined nest into a black hole
which nobody  had ever noticed by then.
Remained were  two empty places of ours
our  two completely different faces
from two different climates on the Earth
joined together in the Icy night
when the insects
were mass dying in the parks.

**NEDELJKO TERZIC**
*Is-Serbja*

# TONIGHT!

He put the dolls he kept since he was a child into bed
he only clung with Zoe, in his clasp
he knew how to waltz with a shattered ice skate
I will brush your hair, he said
I will mend your old rags
with golden stiches, sung like songbirds do
like breaths which scent the waves
and we'll depart.
Yes, we'll depart
in mesmerized communities
the gifts of the swallow
kept locked in the box of the cast-offs
leaden and armored
shoes on the fence with camouflage gear
distances are blowing in the wind

And you, lying at your soaked cushion
dreaming of angels that make identifying patrols
there's no remedy road, applied in nonsense
the bleeding is unrestrained
manadrift to insanity
erect the barrow
hark the heartbeats inside the bunkers
and if you cannot,
then erase the sounds of your scream
and let the souls at their peace
How many loads of love were confiscated from us?
As we remained idle?

**PARASKEVI (VOULA) MEMOU**
*Il-Greċja*

# SBIGGHJIAMUNDI!   Pilasthru n.43

**(Da *Ponti sdarrupatu, Il crollo del ponte*, Passigli 2021)**

Ccà, se non sgargiamu l'occhji
facimu 'a fini d'i medici nazzisti
nnorbati d'a sò fissa u si rispetta a Leggi.

Mpaticamma, cu stovali nchjiovati
'na Bejizza 'i milli anni e passa
nci sburramma nt'è minni
'a nosthra acida pisciazza
e ò cielu, mu ringrazziamu
nci jettamma fetusi pìdita
(e u mi perdugna 'u Ddiu d'i Ponti
pè stu parrari assà crudu
nci domandu scusa è lindiuna santi
ca no proteggìu, da omu
u ncruciu 'i cimenthu aundi
armanu folia e distinu).

D'a Bass'Italia magno greca ò ponenti
d'a Ligurria, ndi ncugnamma
comu sardini 'n boatta
u ccupamu ogni centimethru d'arria
scangiandu a sidura
cu pinnuli 'i commidità.

(Ndi sperdimma ja carmezza
d'òmani chi ti faci u vidi
'u mari com'un mari carmu).
E mò simu forzati u ndi lurgimu
mbriiacati d'i pezzi 'i carcina
du ponti, thra tondini rruggiati
e nu rivuleju d'acqua sula sula.

'U guardari 'n bilicu mberzù
è muntagni a civari 'i sònna
e llusioni 'n Domani fora moda
mentuta 'i nzoccu da parti
comu 'n parenti luntanu
menzu handicappatu.

**ALFREDO PANETTA**
*L-Italja*

**Traduzzjoni mill-Kalabriż għat-Taljan**
**SVEGLIA!    (Pilastro n.43)**

Qui, se non spalanchiamo gli occhi/ facciamo la fine dei medici nazisti/ accecati dalla loro mania di legalità.// Abbiamo calpestato, con stivali chiodati/ una Bellezza ultra millenaria/ le abbiamo schizzato sul seno/ la nostra acida urina/ e al cielo, per ringraziarlo/ abbiamo donato fetide/ scorregge (E mi perdoni il Dio dei Ponti/ per questo crudo linguaggio/ chiedo scusa alle rondini sante/ per non avere protetto, da umano/ l'incrocio di cemento dove/ costruiscono il loro nido e destino).// Dal sud magno greco al ponente/ ligure, ci siamo ammassati/ come sardine in scatola/ a occupare ogni centimetro d'ossigeno/ barattando il sudore/ con pillole di comodità.// (Abbiamo smarrito quella calma/ umana che ti fa vedere il mare/ come un mare calmo)./ E adesso siamo costretti ad alzarci/ claudicanti dai calcinacci/ del ponte, tra tondini arrugginiti/ e un rivolo d'acqua desolato.// Lo sguardo in bilico verso/ le montagne a nutrire di sogni/ e miraggi un Futuro fuori moda/ lasciato da tutti in disparte/ come un lontano parente/ mezzo handicappato.
(Alle vittime del ponte Morandi.)

# Minn Fuq

## 1– Ixkaffa









## *BID-DAQQUQA. STEJJER U DIVERTIMENT*, ta' Noel Cachia, 2023

Din mhix l-ewwel ġabra ta' rakkonti li Noel Cachia qed jikteb u jippubblika għal fini filantropiċi. *Bid-Daqquqa* tieħu l-forma ta' ktejjeb żgħir u ħafif biex iġġorru kull fejn tixtieq; fiha għaxar stejjer ġodda: 'L-Ewwel Jum tal-Vaganzi', 'L-Akbar Salib', 'Rocky', 'Libsa tat-Tieġ', 'British Go Home', 'Id-Dentist', 'Iż-Żjara tal-Madonna', 'Fula Maqsuma', 'Negozjant Prim', u 'Ħmar taċ-Ċikkulata'. Huma rakkonti qosra b'tulijiet varji, mibnijin fuq ġrajja ċentrali waħda, u b'nisġa ta' fatti li malajr iwasslu għall-qofol u għat-tmiem. Madankollu dawn in-novelli jqanqlu kemm ħsibijiet kif ukoll kurżitajiet. L-istejjer jittrattaw diversi temi u jvarjaw f'għadd ta' xejriet fosthom sentimentali, deskrittivi, soċjali, reliġjużi, sportivi, psikoloġiċi, didattiċi, u b'mod speċjali umoristiċi. F'kull rakkont il-karattri jqanqlu ċ-ċajt, id-daħk u d-divertiment f'ambjenti u f'sitwazzjonijiet differenti. Kemm hu veru d-dedika hija lil dawk kollha għatxana għal tbissima. Bħalma Noel Cachia għamel fil-kotba l-oħra, anki hawn uża kitba mexxejja, faċli u ħafifa, biex il-qarrejja jifhmuha u jieħdu gost jaqrawha, bla ma jdumu ħafna jew jegħjew wiċċhom mal-paġna. Pubblikazzjonijiet oħra minn tiegħu - ġabriet ta' ħajku, rumanz qasir u rakkonti oħrajn - intlaqgħu tajjeb, u għalhekk *Bid-Daqquqa* għandu jingħoġob ukoll. Ringrazzjamenti jmorru lid-Disinjatur tal-ktieb is-Sur Vincent Bartolo, lid-Direttur Maniġerjali ta' Copyserv Ltd is-Sur Ruben Buontempo, lil Dr Etienne Cassar, lill-Monsinjur Dun Ġużepp Mifsud Bonnici, lis-Sur Maurizio Azzopardi, u lill-isponsors tal-ktieb, li kollha bil-mod tagħhom għenu f'dan il-proġett filantropiku. Kull min jixtieq kopja jista' jikteb direttament lill-awtur fuq noel.cachia01@gmail.com.

## *FEJJAQTNI INT. RUŻAR BRIFFA - U JIEN*, ta' Paul P. Borg, 2023

Dan huwa volum ieħor li Paul P. Borg qed jiddedika lil personalità ewlenija marbuta mad-dinja tal-letteratura u tal-ilsien Malti, wara volumi ddedikati lil Carmel Attard u Kelinu Vella Haber. Din id-darba Borg jikkonċentra fuq l-aspett uman tal-poeta u tabib, speċjalist fil-mard tal-ġilda, Rużar Briffa, li jgħidilna kien jafu sa minn meta kien għadu tifel pazjent tiegħu. *Fejjaqtni Int* hu ktieb ta' iktar minn 450 paġna li jinqasam fi 12-il taqsima ewlenija li matulhom Borg jorbot il-ħajja tal-Poeta–Tabib ma' dik personali tiegħu. Il-ktieb għandu Daħla minn Borg stess, Bijografija estensiva, u Indiċi alfabetiku fit-tmiem. Dan il-volum huwa mżewwaq ukoll b'bosta ritratti u dokumenti f'rabta mal-ħajja u xogħol il-Poeta. Il-qarrej isir jaf iktar dwar il-familja ta' Rużar Briffa meta kien għadu tifel u aktar tard meta żżewweġ, ir-rabta tiegħu mal-esperjenza tal-mewt, l-aspett uman, il-patrijottiżmu, iż-żmien li qatta' barra jistudja f'Londra u fl-Indja, il-karriera u x-xogħol, bħala riċerkatur, u anki r-relazzjoni tiegħu ma' għadd ta' kittieba. Dwar Rużar Briffa Borg jikteb: "... Rużar kien dejjem mistoħbi fija, fil-wiċċ twajjeb tiegħu jfiġġ minn żmien għal ieħor. F'dawn il-kitbiet kont ukoll konxju li qiegħed nikteb ukoll kitba bijografika kemm fuqi kif ukoll fuq il-kittieb li ltqajt miegħu." Jikteb ukoll: "F'Rużar it-taqbida tal-ġmiel u tal-kruha, tas-saħħa u tal-mard, ma taqta' xejn... Lil Rużar s'issa nafuh biss bħala bniedem li jużа l-poeżija u l-mediċina biex jiġġieled lill-kruha u lin-niket. Imma rridu naraw lil Rużar ieħor li juża x-xjenza tar-riċerka profonda u t-tiftixa mediċinali biex jiġġieled lil din il-kruha." Dan u ħafna iktar f'dan il-volum miktub b'Malti sabiħ u li jinftiehem minn kulħadd.




## *MILL-BIR TA' QALBI*, ta' Frank Zammit, 2023

F'din il-ġabra massiċċa – aktar minn 400 poeżija - Frank Zammit jiġbor il-poeżiji li kiteb bejn l-1994 u l-2022, wara li fl-1995 kien ħareġ il-volum *Bejn Żewġ Gżiriet*. Il-poeżija hija l-bniedem u l-bniedem hu l-poeżija. Bħal bosta poeti oħrajn, Frank Zammit hu l-bniedem-poeta li jħoss il-ħtieġa li jikteb ladarba moħħu l-ħin kollu jhewden, jaħseb, jirrifletti dwar ħwejjeġ differenti. Bħala forom metriċi u prosodiċi Zammit iħaddem kemm dawk tradizzjonali mela l-kwartini u t-terzini bir-rima, jew il-versi maħlulin magħmulin minn ħdax -il sillaba, imma ma tonqosx l-esperimentazzjoni u l-użu tal-vers ħieles. F'din il-ġabra Zammit jinkludi saħansitra numru ta' traduzzjonijiet li hu għamel għall-Malti minn ilsna oħra. Joħroġ ċar minn din il-ġabra poetika li Zammit huwa l-emigrant Malti - li ħalla lil Art Twelidu fl-1965 - li qalbu tibqa' hawn Malta. Hemm numru ta' poeżiji li Zammit kiteb *in transitu* waqt li jkun qed jivvjaġġa, oħrajn fejn jirrakkonta vjaġġi partikolari. Zammit jikteb għadd ta' poeżiji fejn ifakkar jew jiddedika versi lil membri varji tal-familja tiegħu. Inklużi huma wkoll versi patrijottiċi, ta' natura ambjentali, reliġjużi, eżistenzjali, u soċjali. Hemm poeżiji fejn jiddiskuti wkoll it-tema tal-metapoeżija. Min se jaqra bil-mod il-mod il-poeżiji f'din il-ġabra ġdida se jsir jaf dejjem iktar lil Frank Zammit bħala bniedem fir-rwoli differenti tiegħu: bniedem-ċittadin tad-dinja, ċittadin Malti-Awstraljan, ħaddiem, iben, missier, nannu, poeta, ħabib, u l-bqija. It-tliet pilastri li żżomm fuqhom ħajjet dan il-poeta emigrant - apparti aspetti bħalma huma l-familja u l-imħabba -, kif joħroġ minn din il-ġabra, huma Malta, l-ilsien Malti, u l-kitba regolari tal-poeżija.




## *IL-LEJL*, ta' Elie Weisel, maqlub għall-Malti minn Patri Reno Muscat O.P., Pubblikazzjonijiet Dumnikani, 2012

Dan ix-xogħol ta' Elie Wiesel (125 paġna) qed jiżdied ma' xogħlijiet oħrajn maqlubin għall-Malti bħal *It-Tifel bil-Piġama Rrigata* ta' John Boyne (traduttur Tony C. Cutajar, 2008) u *Id-Djarju ta' Tfajla* ta' Anne Frank (traduttriċi Mary Rose Mifsud, 2021), li llum ilkoll huma parti mil-Letteratura Dinjija. F'*Il-Lejl* Elie Wiesel (1928-2016) jikteb it-tifkiriet tiegħu taż-żmien li qatta' fil-kampijiet tal-konċentrament ta' Auschwitz u Buchenwald. Patri Reno Muscat O.P. fid-Daħla jikteb hekk: "Kif baqa' ħaj huwa miraklu u mhux faċli timmaġina kif irnexxielu jgħaddi dak iż-żmien f'dik it-tortura u f'dawk il-kondizzjonijiet u jibqa' ħaj." F'dan il-post deskritt bħala infern Wiesel spiċċa biex tilef it-twemmin u meta spiċċat il-gwerra u akkwista mill-ġdid il-ħelsien ħalef li ma jitkellimx dwar din l-esperjenza terribbli u żamm fommu sieket għal 10 snin. Kien biss fl-1955 li ppubblika dal-ktieb, li Wiesel ma jsejjaħx rumanz imma memorji. Wiesel ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi fl-1986, ladarba l-messaġġ tiegħu kien wieħed ta' paċi, għax, kif jikteb Patri Reno, "minkejja l-esperjenza tiegħu... fejn ra kull tip ta' umiljazzjoni, xorta waħda jrid iwassal messaġġ ta' sliem u dinjità umana lill-bnedmin kollha." It-traduzzjoni għall-Malti hija mwassla b'Malti naturali, sabiħ u mexxej. Fejn ħass il-bżonn it-traduttur inkluda xi noti f'tarf il-paġni. It-traduttur jirnexxilu jgħaddi lill-qarrejja Maltin l-istess uġigħ li jħossu qarrejja ta' dan il-ktieb fil-lingwa oriġinali. Jispikkaw il-vjaġġ inuman u surreali tal-Lhud arrestati fil-vaguni lejn il-kampijiet, u l-aħħar sigħat ta' ħajja ta' missier Wiesel u l-mewt u l-għajbien tiegħu.







## *ĦOLM... TAL-BIERAĦ U TAL-LUM*, ta' Salv Sammut, Horizons, 2023

Illum Salv Sammut bena reputazzjoni mhux biss bħala poeta imma fuq kollox bħala rumanzier kontemporanju. Dan l-aħħar rumanz tiegħu jifrex fuq kważi 200 paġna u jinqasam f'29 kapitlu, apparti l-ftuħ u l-għeluq. Apparti hekk imbagħad Sammut jaqsam dan ir-rumanz fi tliet taqsimiet ewlenin: Adolexxenza, Ħames Snin Wara u Fil-Labirint. Se naqraw dwar diżillużjoni, stupru, rikatt, kixfa ta' identità mhix mistennija, personaġġi b'imgħoddi misterjuż, vjolenza domestika u sliem u serenità f'art barranija. Kif tikteb Maria Camilleri f'waħda mid-daħliet għar-rumanz: "L-istil tan-narrazzjoni fil-kitbiet [ta' Sammut] hu dirett, ħieles minn kliem bombastiku kkumplikat b'ħafna xenxilli żejda." Anki hawn għandna xogħol narrattiv li ritmikament jimxi b'pass mgħaġġel. Il-personaġġi li joħloq Sammut huma reali tant li nistgħu nirrelataw magħhom bħala qarrejja. Camilleri tikteb ukoll li Sammut jittratta temi bħall-omosesswalità, l-abbuż sesswali, l-infedeltà fiż-żwieġ, u doża ta' nostalġija għall-ħajja li m'għadhiex. Emmanuel Attard Cassar fil-kumment tiegħu jgħidilna li hawn Sammut "jitfa' l-lenti fuq familja ta' tliet ġenerazzjonijiet u jinqeda bi storja biex jippreżenta d-dgħufijiet sesswali u l-intriċċi tal-passjoni tas-soċjetà tal-lum u tal-bieraħ." Ir-rumanz fuq livell ta' plott jirrakkonta stejjer differenti imma paralleli. Attard Cassar jinnota wkoll li f'dan ir-rumanz Sammut jittratta żewġ kwistjonijiet lingwistiċi: id-djalett (f'dan il-każ dak ta' Ta' Kerċem, f'Għawdex) u l-element qawwi Ingliż fid-diskors ta' bosta Maltin (bħall-użu ta' espressjonijiet sħaħ bl-Ingliż fit-taħdit ta' kuljum fost iż-żgħażagħ Maltin). Attard Cassar jagħlaq b'dan il-kumment: "Il-ħarsa lejn l-annimal l-aktar intelliġenti, superjuri fil-menti u li jippossedi r-ruħ, quddiem storja bħal din, li hija rifless tant tajjeb ta' dak li qed ngħixu, toħloq biss 'ħolm'."

## *L-ARJA XITWIJA*, ta' Alfred Massa, Horizons, 2023

Dan huwa l-għoxrin rumanz ta' dan il-kittieb prolifiku, meqjus minn bosta kritiċi u qarrejja bħala wieħed mill-aktar rumanziera Maltin mfittxija ta' żminijietna li llum jgħodd 'il fuq minn 80 sena. *L-Arja Xitwija* jifrex fuq 250 paġna u jinqasam f'19-il kapitlu. Wara li jiġu abbandunati minn missierhom, Marjanna u oħtha Rakela jitilfu wkoll lil ommhom meta kienu għadhom żgħar. Rakela titrabba man-nanna, filwaqt li Marjanna tispiċċa ġo orfanatrofju mmexxi mis-sorijiet li kienu jħobbuha ħafna. Hawn Marjanna tgħaddi minn trawma kerha li tibqa' ġġorrha magħha saħansitra wara li tiżżewweġ lil Sandro. Sadattant, Rakela tingħaqad fiż-żwieġ ma' Alex, ħu Sandro. Sandro u Alex huma wlied Victoria, armla ta' Tonio. Fin-nofs tidħol Antonella, qaddejja mal-familja ta' Victoria. Kif wieħed jara, din hi ġrajja fittizzja imma li faċilment setgħet kienet reali ladarba tibbaża ruħha fuq sentimenti, relazzjonijiet, u tiġrib il-ħajja li għandu kemm mill-ikrah u mit-tbatija, imma anki mis-sabiħ u l-pożittiv. Toħloq bosta mistoqsijiet fil-qarrej: X'kienet it-trawma li għaddiet minnha Marjanna? X'kien sar minn Rakela? Ghaliex kien hemm il-biża' li ż-żwieġ bejn Sandro u Marjanna seta' jfalli? Kif tidhol fil-ġrajja Antonella? Min kien tabilħaqq missier Benjamin? X'sigriet xtaq iġorr Sandro sal-qabar? Bħal kif rajna f'xogħlijiet narrattivi oħrajn ta' Massa se naqraw dwar il-ġlieda bejn it-tajjeb u l-ħażin u anki dwar it-tema tad-destin li lkoll niddependu minnu. It-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet il-qarrej se jsibhom fil-paġni ta' dan il-ktieb, rumanz ieħor mill-isbaħ ta' Alfred Massa, rumanz b'tema soċjali u kontemporanja. *L-Arja Xitwija* żgur se jinżel għasel ma' dawk il-qarrejja li jixtiequ storja miktuba b'lingwaġġ nadif, b'Malti idjomatiku mill-isbaħ, u fl-istess ħin, bla ebda kumplikazzjonijiet psikoloġiċi żejda li ma jinżlux tajjeb ma' bosta.




## *ĠRAJJIETNA. SOCIETÀ FILARMONICA MARIA MATER GRATIAE*, ta' Vincent Caruana Gauci, Società Filarmonica Mater Maria Gratiae, 2023

Dan huwa fuq kollox ktieb (b'qoxra iebsa) ta' storja miktub minn bniedem li għamel sewwa r-riċerka tiegħu, riċerka serja qatigħ. Jifrex fuq iktar minn 400 paġna u jinqasam fi 17-il kapitlu, apparti d-Daħla mill-Kumitat Eżekuttiv, l-Editorjal miktub minn Dr Alexander Cutajar, id-Daħla miktuba minn Vincent Caruana Gauci stess, u l-Indiċi alfabetiku finali. F'waħda mill-paġni tal-bidu naqraw minn fejn l-awtur ġabar it-tagħrif dettaljat tiegħu, fosthom mill-Arkivju Nazzjonali ta' Malta, il-Mużew tas-Santwarju, Parroċċa Ħaż-Żabbar, l-Arkivju Parroċċa Żabbar, l-Arkivju Dokumentali Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae, u bosta sorsi oħrajn. It-titli tal-kapitli diġà joħolqu kurżità u interess f'min jakkwista ktieb bħal dan: 1. Belt Marjana: Sfond Storiku; 2. Il-Bżulija tal-Batut mar-Riżorsi tas-Sinjur; 3. Il-Bidu; 4. Mill-Ewwel Snin sal-Gwerra l-Kbira; 5. Bejn iż-Żewġ Gwerer; 6. L-Istatwa ta' Malta Rebbieħa; 7. Strumentatura Ġdida; 8. It-Tradizzjoni tat-Teatrin sat-Tieni Gwerra Dinjija; 9. Żmien it-Tieni Gwerra Dinjija; 10. Il-Proġett tal-Ġardin; 11. It-Teatru Blue Arena; 12. L-Inkurunazzjoni tat-Titular tal-Madonna tal-Grazzja; 13. Il-Festa Titulari; 14. Il-Festa Sekondarja tad-Duttrina; 15. Anniversarji u Ċelebrazzjonijiet; 16. Il-Każin tas-Soċjetà u l-Operat Tiegħu; u 17. Profili. Fl-aħħar parti ta' numru ta' kapitli hemm ukoll bħal kronoloġija storika li tibda mill-1887 u twassal sal-2020. Dan il-volum hu megħjun minn numru mdaqqas ta' ritratti, tabelli, listi, ta' kull tip, filwaqt li kull kapitlu għandu fl-aħħar lista ta' referenzi. *Ġrajjietna* huwa miktub b'Malti mill-isbaħ li żgur iħajjar lill-qarrej jibda u jkompli jaqra minn paġna għall-oħra, minn kapitlu għall-ieħor bla ma jiddejjaq, filwaqt li joffri ftit mistrieħ mill-kitba permezz tar-ritratti diġà msemmija. Kif jikteb l-awtur fid-Daħla: "Ir-rakkonti miktuba huma... mingħajr frilli u ġelu żejjed biex jagħtu l-aktar stampa sinċiera u ċara ta' ħajjet is-Società Filarmonica Maria Mater Gratiae, ta' niesha u ta' ħidmietha..."




## *GĦOLJET IL-QASAB*, ta' Yin Jian Ling, maqlub għall-Malti minn Stephen Cachia, Faraxa, 2023

In-numru ta' xogħlijiet letterarji ta' fama dinjija maqlubin għall-Malti qed dejjem jiżdied bħalma qiegħed jiżdied minn sena għal oħra n-numru ta' traduttturi serji li jieħdu ż-żmien neċessarju biex ikunu ċerti li jgħaddulna traduzzjonijiet kemm jista' jkun qrib l-oriġinali. Qrajna fuq kollox xogħlijiet maqlubin direttament mill-Ingliż, mit-Taljan, mill-Franċiż, mill-Esperanto, mill-Ġermaniż, imma dan ta' Stephen Cachia hu ktieb kważi uniku ladarba ġie maqlub għall-Malti direttament mill-ilsien Ċiniż. Fil-paġni ta' dan ir-rumanz (ftit iktar minn 200 paġna, maqsum f'46 kapitlu) naqraw l-istorja ta' tifel ċkejken Ċiniż li kien jgħix u jitgħallem f'post ispirat minn Xujiahui. Il-bini bi rwol ewlieni fl-istorja huwa l-katidral ta' San Injazju f'Shanghai li nbena mill-Ġiżwiti, post li Cachia żar personalment. It-traduttur ipprova ma jinżilx iżżejjed fid-dettalji tad-deskrizzjonijiet tal-oriġinal u minflok iffoka fuq ix-xbihat, l-emozzjonijiet u l-ħsibijiet li riedet twassal l-awtriċi Ċiniża mingħajr ma jitlef mis-sbuħija tat-test oriġinali u jispiċċa b'test tqil jew li qajla jinftiehem. Min jaqra l-ktieb, anki fil-verżjoni tradotta, isir jaf liċ-ċkejken You An u lil sħabu, lill-familjari tiegħu, u lill-patrijiet li ħadu ħsiebu. Iħoss ukoll il-ferħ, in-niket, il-biża', ir-rabja, id-disperazzjoni, it-tama, l-imħabba u d-dedikazzjoni tal-protagonist matul it-tfulija u ż-żgħożija mqallba tiegħu. It-tema ewlenija hija dik tal-vjaġġ, kemm fiżiku-ġeografiku, kif ukoll spiritwali. L-awtriċi stess tammetti li ispirat ruħha minn Hermann Hesse li fi ktieb partikolari jsemmi kif kull persuna timxi t-triq tagħha fil-ħajja u li matulha tipprova ssib lilha nnifisha. Dik ta' You An hija għalhekk mixja-tfittxija li matulha jaffronta bosta sfidi, ferħ u niket. Cachia jagħtina wkoll Nota dwar il-Kuntest Storiku, u Nota dwar l-Ortografija u l-Pronunzja ta' Kliem Ċiniż. Il-ktieb għandu wkoll għadd ta' illustrazzjonijiet monokromi, u tagħrif fil-qosor kemm dwar Yin Jian Ling (awtriċi ta' kotba għat-tfal u ż-żgħażagħ), kif ukoll dwar Stephen Cachia, għalliem, lettur, kittieb u traduttur.




## *NERFGĦEK B'QALBI* ta' Amanda Busuttil, 2023

F'din il-ġabra mlewna ta' Amanda Busuttil għandna total ta' 115-il ħajku, akkumpanjati minn numru kbir ta' ritratti mill-isbaħ. Kull paġna hi wkoll ritratt għalih li bħal jgħajjat ilwien u jaqbad waqtiet differenti tal-ħajja madwarna. Ir-ritratti jintrabtu b'saħħa mal-kelma miktuba. Kull ritratt hu konċiż għax fih xbieha waħda, mela marbut ma' waqt qasir u jirnexxilu jikkristallizza spazju wiesa', tiġrib, dettalji qatigħ li forsi ma tilmaħhomx mill-ewwel imma biss meta tieħu l-ħin u tifli sewwa dak li hemm maqbud quddiemek f'dak li t-Taljani jsejħulha "istantanea", stampa ta' mument. L-istess il-ħajku: fi tliet versi biss, fis-sempliċità tiegħu, hemm profondità ta' ħsieb, stedina biex tara lil hinn minn dak li jidher fil-wiċċ, mela hu okkażjoni biex tirrifletti, tieqaf ftit, tinsa l-kurrenti li jġorruna bla heda u bla ma nafu, sabiex nieħdu nifs, inwaqqfu għal ftit dan il-fluss kaotiku u bħal fis-*slow motion*, ingawdu l-waqt, *carpe diem*, u b'hekk nifhmu xi ftit iktar lilna nfusna, lid-dinja ta' madwarna, lin-natura umana. Għalhekk, fost it-temi li tittratta Busuttil insibu dawn: tiġrib il-ħajja; il-protesta ambjentali; spiritwalità u twemmin; in-natura; l-imħabba lejn Art Twelidna (il-ħajku finali jistedinna għall-imħabba u r-rispett lejn Art Twelidna, hi l-art li tagħmilna dak li aħna); u n-natura umana. Dan ta' Amanda Busuttil hu ħajku li jitfa' dawl fuq ħwejjeġ diversi: f'dan il-każ id-dawl irid iwassal l-idea ta' ottimiżmu, tama, għożża u imħabba. Dan minkejja l-Covid-19, l-isfreġju ambjentali, il-qirda tas-siġar, dik li Busuttil issejjaħ "dinja miġnuna". Il-ħajku ta' Busuttil jinftiehem ukoll bħala dak li joħloq kuntatt bejn id-dinja ta' barra (dik li nipperċepixxu permezz tas-sensi; hawn jispikka s-sens viżiv permezz tar-ritratti) u dik ta' ġewwa (fuq kollox il-qalb). U dan ifakkar li Busuttil hija waħda minn dawk li għandhom għajn biex jieqfu, josservaw, jaħsbu u jiktbu. Iva, dawn ta' Busuttil huma versi li jinsistu fuq il-kelma "qalb" (preżenti fi 30 ħajku) u għalhekk fuq il-ħtieġa li nibqgħu bnedmin. Apparti l-universalità tal-poeżija, jinħass ukoll li hemm ċerta Mediterranjetà imma anki l-preżenza tal-gżejjer Maltin fil-ħajku ta' Busuttil. Hekk tikteb dwar ix-xemx, il-baħar, Filfla, il-qasbija, il-girna, il-mitħna, il-gallarija, id-dar Maltija u l-presepju.




## *VJOLENZA,* ta' Tony C. Cutajar, Wise Owl Publications, 2023

Din hi l-20 pubblikazzjoni ta' Tony C. Cutajar sa mis-sena 2016. *Vjolenza* hu rumanz ta' ftit iktar minn mitt paġna u li jinqasam f'disa' kapitli ewlenin. L-istorja hija ambjentata fl-Awstralja, pajjiż li miegħu l-awtur kellu bosta kuntatti. Mark, il-protagonist, jitlef lil missieru u ommu terġa' tiżżewweġ lil raġel li ma jaħmlux. Mark isir vittma ta' vjolenza domestika u jintbagħat fi skola tal-boarders 'il bogħod mid-dar. Cutajar hawn jittratta t-tema tal-vjolenza li tieħu l-forma anki ta' bulliżmu u perverżjonijiet differenti fi ħdan din l-iskola tal-"élite". Mark ma jħallix li min jagħmillu bżieq fuq imnieħru u allura jkollu jaffaċċja bosta provi diffiċli li jagħmluh iktar vjolenti, imma fl-istess ħin jemmen f'sens ta' ġustizzja u jaqbeż għal min ma jafx jiddefendi ruħu. Fi *Vjolenza* m'hemmx biss in-negattiv, imma anki l-pożittiv bħalma huma aspetti bħall-lealtà, l-imħabba materna, il-ħbiberija u t-twemmin fi prinċipji sodi. Hekk f'waqt minnhom naqraw: "Mhux il-klassi jew l-isfond tal-familja li jgħoddu... Il-personalità, l-imġiba u l-karattru tal-bniedem li jagħmluh differenti minn ħaddieħor." Bħalma Mark isib l-għedewwa tiegħu u jisfa vittma tagħhom minkejja li jiġġildilhom - fuq kollox missieru tar-rispett u l-istudenti tal-kunsill -, isib ukoll lil min iħobbu, jafdah u jgħinu - is-surmast, xi studenti oħra, iz-zijiet, it-tfajla, u oħrajn - biex jaqbad it-triq it-tajba li fl-aħħar twasslu biex jilħaq l-ambizzjoni tiegħu: dik li jiddefendi lid-dgħajfa. Hu rumanz li jagħti importanza ewlenija lit-trobbija u lill-edukazzjoni tal-bniedem. Anki l-esperjenzi negattivi u diffiċli wasslu lil Mark biex jiżviluppa u jikber. Mela l-ħażin mhux dejjem jiġi biex inissel il-ħażen, imma paradossalment jista' jnissel ukoll it-tajjeb. Isseħħ bħal metamorfosi lejn tmiem ir-rumanz kemm fl-iskola li kien jattendi kif ukoll fil-karattru ta' Mark stess. Dan ta' Cutajar huwa rumanz li jista' jiġi apprezzat faċilment mill-adolexxenti u ż-żgħażagħ ladarba jittratta d-dinja tagħhom, imma anki minn qarrejja adulti li jistgħu jkunu anki ġenituri, għalliema, u gwardjani. Ritmikament huwa rumanz mexxej ħafna li jinqara fi ftit żmien, miktub b'Malti sempliċi u sabiħ. Fuq kollox huwa xogħol li jistieden għar-riflessjoni u bi tmiem hieni u pożittiv.


il-pont
RIVISTA LETTERARJA VIRTWALI

l-pont stabbilit 2012

Editur: Patrick J Sammut
Disinn: Hilary Spiteri
Kuntatt: ilpontliterarymagazine@gmail.com

il-pont